

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 159 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

23 ta' Ġunju 2023

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 1
- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1215 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 330
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1216 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 335

### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1217 tat-23 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 451
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/... tat-23 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 526

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/1214

tat-23 ta' Ġunju 2023

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tat-23 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup>.

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament(UE) Nru 833/2014 <sup>(2)</sup> dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK <sup>(3)</sup>.
- (3) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.
- (4) L-attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa li jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jimminaw l-għan u l-effettività tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.
- (5) Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tipprojbixxi t-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-industrija tal-avjazzjoni jew tal-ispazju u l-fjuwil tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil, esportati mill-Unjoni.
- (6) L-Unjoni u pajjiżi terzi, bħala membri tal-komunità internazzjonali, jiddefendu l-prinċipji tad-dritt internazzjonali minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u jiddefendu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

<sup>(1)</sup> Ara l-paġna 451 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

- (7) L-Unjoni tirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-awtoritajiet nazzjonali f'ħafna pajjiżi terzi biex jitwaqqaf il-fluss ta' oġġetti, teknoloġija u servizzi li huma koperti mill-miżuri restrittivi adottata mill-Unjoni bi tweġiba għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa aktar lill-pajjiżi terzi f'dan l-isforz bil-mezzi kollha disponibbli.
- (8) Sabiex tiġi indirizzata ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħa b'mod rapidu l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali permezz tal-involvement diplomatiku mal-pajjiżi terzi inkwistjoni u l-ġhoti ta' aktar assistenza teknika lilhom. Sabiex tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, approċċ ikkoordinat bis-sħiħ għal dak il-għan, il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Kunsill infurmat fuq bażi regolari.
- (9) Jenħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri b'mod rapidu f'każijiet fejn l-isforzi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma jagħtux ir-riżultat maħsub li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni minn persuni u entitajiet f'pajjiżi terzi tal-miżuri restrittivi adottata mill-Unjoni bi tweġiba għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Tali azzjoni jenħtieġ li tkun immirata, proporzjonata u mmirata biss biex iċċaħħad lir-Russja mir-riżorsi li jippermettulha tkompli bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.
- (10) Jenħtieġ li l-Unjoni tadotta l-miżuri individwali xierqa li jindirizzaw l-involvement ta' operaturi ta' pajjiżi terzi fl-iffaċilitar ta' ċ-ċirkomvenzjoni. Tali miżuri jistgħu jinkludu deżinjazzjonijiet individwali skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 <sup>(4)</sup> jew miżuri oħra skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014, bħal pereżempju ż-żieda ta' entitajiet fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, inkluż abbażi ta' informazzjoni u suġġerimenti riċevuti mill-Istati Membri.
- (11) L-Unjoni ser tidħol mill-ġdid fi djalogu konstruttiv mal-pajjiżi terzi inkwistjoni wara l-adozzjoni ta' tali miżuri individwali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li jiġu stabbiliti miżuri ta' rimedju biex jiskoraġġixxu lil operaturi oħra milli jaġixxu b'mod simili. Il-Kunsill ser jiġi infurmat dwar dak l-involvement il-ġdid u l-eżitu tiegħu.
- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tieħu miżuri ulterjuri meta, wara l-adozzjoni ta' miżuri individwali u involvement ulterjuri mal-pajjiżi terzi, ikun evidenti, minħabba l-volum, it-tip jew in-natura sistemika ta' ċ-ċirkomvenzjoni li tkun għaddeja, li daww il-passi huma insuffiċjenti jew inadegwati biex jipprevjenu tali ċirkomvenzjoni fil-pajjiżi terzi ikkonċernati jew permezz tiegħu.
- (13) Għal dak il-għan, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 introduċiet il-possibbiltà li jittieħdu miżuri eċċezzjonali, tal-aħħar istanza, li jirrestrinġu l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija sensitivi b'użu doppju, jew oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari, teknoloġiċi jew industrijali tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja, b'mod li jsahha il-kapaċità tagħha li tmexxi gwerra, u li l-esportazzjoni tagħhom lejn ir-Russja hija pprojbita skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 lejn pajjiżi terzi fejn intwera li l-ġuriżdizzjoni tagħhom tinsab friskju kontinwu u partikolarment għoli li tintuża għal ċirkomvenzjoni.
- (14) Qabel ma tiġi ppreżentata proposta lill-Kunsill biex jipproċedi għal daww il-miżuri tal-aħħar istanza, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni ser jinfirmaw lill-Kunsill dwar id-dettalji tekniċi, dwar l-azzjonijiet ta' djalogu meħuda u dwar il-miżuri ta' infurzar.
- (15) Id-deċiżjonijiet biex pajjiżi terzi u oġġetti jew teknoloġija mmirata jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-miżura jenħtieġ li jkun bbażati fuq l-inklużjoni mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament, tal-pajjiżi u l-oġġetti jew it-teknoloġija rilevanti fl-Annessi XIV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.
- (16) Meta jiddeċiedi jekk jinkludix oġġetti u teknoloġija fil-mira u l-pajjiżi terzi kkonċernati minn dik il-miżura tal-aħħar istanza, abbażi ta' dik il-proposta, il-Kunsill għandu jqis analiżi teknika bir-reqqa mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet ta' ċirkomvenzjoni inkwistjoni, inkluż *data* kummerċjali disponibbli li turi li l-miżuri alternattivi li ttehdma ma kinux effettivi, kif ukoll informazzjoni dwar l-isforzi mwettqa mill-Unjoni biex tindirizza l-kwistjoni mal-pajjiżi terzi inkwistjoni, u indikazzjoni ċara li tali sforzi ma rnexxewx.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

- (17) (14) Qabel ma pajjiż terz jiġi inkluż fil-lista tal-pajjiżi kkonċernati minn dik il-miżura, jenħtieġ li l-Unjoni tinforma u tftitex b'mod attiv il-fehmiet tal-gvern ta' dak il-pajjiż terz abbażi tas-sejbiet preliminari stabbiliti fl-analiżi teknika mill-Kummissjoni u tal-azzjoni ta' rimedju li tkun ippjanat l-Unjoni. Il-Kunsill ser jiġi infurmat b'kull pass tal-involvement u bl-eżitu. Il-Kunsill ser jadotta tali deċiżjoni biss wara li tkun ġiet konkluża l-azzjoni ta' djalogu finali ma' dak il-pajjiż terz.
- (18) Il-Kunsill jenħtieġ li jirrieżamina l-kontenut tal-Anness XXXIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 f'intervalli regolari, fuq il-bażi ta' informazzjoni teknika dettaljata mill-Kummissjoni. Jeħtieġ li tali rieżami jqis l-objettivi tal-miżura u r-riżultat tal-involvement kontinwu mal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż il-miżuri proposti mill-pajjiżi terzi dwar kif għandha tiġi indirizzata ċ-ċirkomvenzjoni.
- (19) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 iżżid 87 entità ġdida mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' entitajiet li jappoġġaw direttament il-kumplex industrijali u militari tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. B'mod partikolari, b'kunsiderazzjoni tal-konnessjoni diretta bejn il-manifatturi ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ militari Iranjani u l-kumplex militari u industrijali tar-Russja, jenħtieġ li iżjeddu ma' dik il-lista erba' entitajiet addizzjonali f'pajjiżi terzi involuti fil-manifattura ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ u l-forniment tagħhom lir-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol abilitanti ewlieni tal-komponenti elettroniċi għall-użu mill-kumplex militari u industrijali tar-Russja fl-appoġġ tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, huwa xieraq ukoll li jiġu inklużi f'dik il-lista ċerti entitajiet oħra f'pajjiżi terzi involuti fl-evazzjoni tar-restrizzjonijiet kummerċjali kif ukoll ċerti entitajiet Russi involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' komponenti elettroniċi għall-kumplex militari u industrijali tar-Russja.
- (20) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tespandi l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, billi iżjed oġġetti li ntużaw mir-Russja għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inklużi komponenti elettroniċi, materjali semikondutturi, tagħmir tal-manifattura u tal-ittejtjar għal ċirkwiti elettroniċi integrati u bordijiet ta' ċirkwit stampati, prekursori ta' materjali enerġetiċi u prekursori għal armi kimiċi, komponenti ottiċi, strumenti ta' navigazzjoni, metalli użati fis-settur tad-difiża u tagħmir tal-baħar. Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 wkoll testendi l-lista ta' armi tan-nar ristretti, il-partijiet, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, u iżjed tipi oħra ta' armi.
- (21) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 timponi aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi.
- (22) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tipprojbixxi l-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom, lil persuna, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja huma pprojbiti.
- (23) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 testendi s-suspensjoni tal-liċenzji tax-xandir fl-Unjoni ta' ħames mezz tal-media Russi taħt il-kontroll permanenti tat-tmexxija Russa u l-projbizzjoni kontra x-xandir tal-kontenut tagħhom.
- (24) Ir-Russja impenjat ruħha f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipolazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-strateġija tagħha ta' destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha u tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. B'mod partikolari, il-propaganda kienet immirat ripetutament u konsistentement lejn il-partiti politiċi Ewropej, speċjalment matul il-perjodi elettorali, kif ukoll lejn is-soċjetà ċivili, lil dawk il-persuni li jfittxu l-ażil, il-minoranzi etniċi Russi, il-minoranzi tal-ġeneru u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.
- (25) Sabiex tiġġustifika u tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja impenjat ruħha f'azzjonijiet ta' propaganda kontinwi u miftiehma mmirati lejn is-soċjetà ċivili fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, li jgħawġu u jimmanipulaw il-fatti b'mod serju.

- (26) Dawk l-azzjonijiet ta' propaganda għaddew minn għadd ta' mezzi tal-media taħt il-kontroll permanenti dirett jew indirett tat-tmexxija tal-Federazzjoni Russa. Tali azzjonijiet jikkostitwixxu theddida sinifikanti u diretta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni. Dawk il-mezzi tal-media huma essenzjali u strumentali biex imexxu 'l quddiem u jappoġġaw l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u għad-destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha.
- (27) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huwa meħtieġ, b'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif rikonoxxut fl-Artikolu 11 tagħha, li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir ta' tali mezzi tal-media fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni. Il-miżuri jenħtieġ li jinżammu sakemm tintemm l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u sakemm ir-Russja, u l-mezzi tal-media assoċjati tagħha, jieqfu jwettqu azzjonijiet ta' propaganda kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (28) B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha, dawk il-miżuri ma jżommux lil dawk il-mezzi tal-media u l-persunal tagħhom milli jwettqu attivitajiet oħra fl-Unjoni minbarra x-xandir, bħar-riċerka u l-intervisti. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ma jimmodifikawx l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqasma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.
- (29) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-proċess previst fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar is-sospensjoni tal-liċenzji tax-xandir, il-Kunsill jenħtieġ li jeżerċita setgħat ta' implimentazzjoni biex jiddeċiedi, wara eżami tal-każijiet rispettivi, jekk il-miżuri restrittivi jibdewx japplikaw fid-data speċifikata f'dan ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 fir-rigward ta' diversi entitajiet elenkati fl-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (30) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 testendi l-projbizzjoni fuq it-trasport ta' oġġetti bit-triq fl-Unjoni minn trejlers u semitrejlers irreġistrati fir-Russja, anki meta jiġu rmonkati minn trakkijiet irreġistrati barra mir-Russja.
- (31) Tentattivi biex jiġu evitati l-miżuri restrittivi tal-Unjoni rriżultaw f'żieda qawwija ta' Prattiki qarrieqa minn bastimenti li jittrasportaw żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi. Konsegwentement, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tipprojbixxi l-aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni minn bastimenti involuti fi trasferimenti minn vapur għall-ieħor meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġuni valida biex jissuspettaw li bastiment qed jikser il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi bil-baħar fl-Unjoni jew qed jittrasporta żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi mixtrija bi prezz ogħla mil-limitu massimu tal-prezz miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik il-projbizzjoni tapplika għall-bastimenti kollha, irrispettivament mill-bandiera tar-reġistrazzjoni tagħhom, u għal kwalunkwe trasferiment minn vapur għall-ieħor imwettaq fi kwalunkwe punt matul il-vjaġġ lejn il-portijiet jew l-imgħalaq ta' Stat Membru. Fi kwalunkwe każ, il-bastimenti ser ikunu pprojbiti milli jkssbu aċċess għal portijiet u imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni jekk ma jinnotifikawx lill-awtorità kompetenti mill-inqas 48 siegħa qabel dwar trasferiment minn vapur għall-ieħor li jseħħ f'żoni ġeografiċi speċifiċi. Barra minn hekk, dik il-projbizzjoni ser tkompli ssaħħa il-miżuri adottati mill-Istati Membri biex jiproteġu l-kosti tagħhom minn inċidenti ambjentali potenzjali kkawżati minn tali trasferimenti minn vapur għall-ieħor.
- (32) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tipprojbixxi wkoll l-aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni minn bastimenti li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġuni valida biex jissuspettaw li qed jinterferixxu ma', jifju jew inkella jiddiżattivaw is-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) tagħhom ta' fuq il-bastiment meta jittrasportaw żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi bi ksur tar-Regolament SOLAS V/19, punt 2.4. Dik il-projbizzjoni ma tapplikax f'ċirkostanzi fejn l-AIS ta' fuq il-bastiment jistgħu jintfew b'mod leġittimu f'konformità ma' ftehimiet, regoli jew standards internazzjonali li jipprevedu l-protezzjoni ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni, bħan-navigazzjoni f'ibħra b'riskju għoli ta' sigurtà. Dik il-projbizzjoni tapplika wkoll għall-bastimenti kollha, irrispettivament mill-bandiera tar-reġistrazzjoni tagħhom, u għal kwalunkwe interferenza illegali fis-sistema tan-navigazzjoni fi kwalunkwe punt matul il-vjaġġ lejn il-portijiet jew l-imgħalaq ta' Stat Membru.

- (33) Jenħtieġ li l-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest ta' dawk il-projbizzjonijiet tal-aċċess għall-portijiet issir abbażi ta' analiżi tar-riskju li tippermetti lill-awtorità kompetenti tevalwa jekk hemmx biżżejjed ċirkostanzi fattwali biex tissuspetta ksur. Pereżempju, dik l-analiżi tar-riskju jenħtieġ li tqis jekk il-bastimenti kkonformawx ma' kwalunkwe rekwiżit ta' prenotifika ta' trasferimenti minn vapur għall-ieħor u obbligi legali rilevanti oħra jew jekk innotifikawx it-trasport ta' oġġetti perikolużi jew oġġetti li jniġġsu, jiġifieri ż-żejt grezz u l-prodotti tal-petroleum <sup>(5)</sup>. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika wkoll avviżi ta' mġiba friskju ta' sanzjonijiet marittimi sabiex tappoġġa l-analiżi tar-riskju tal-awtoritajiet kompetenti inkluż billi tagħmel użu mill-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni xierqa.
- (34) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti permezz, fost l-oħrajn, tal-monitoraġġ u n-notifika ta' trasferimenti suspettużi minn vapur għal vapur u inċidenti ta' interferenza illegali mal-AIS ta' fuq il-bastimenti, it-tifi jew id-diżattivazzjoni tagħhom bi kwalunkwe mod ieħor, u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bbażat fuq is-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima ("SafeSeaNet"), li tiffaċilita r-riċeviment, il-ħżin, l-irkupru u l-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tas-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima u tal-portijiet, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/100/UE <sup>(6)</sup> jipprovdur lill-awtoritajiet tal-port tagħhom, jekk ikunu differenti, aċċess għal dik is-sistema mingħajr dewmien. Bl-użu tas-SafeSeaNet, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EMSA, tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jimmonitorjaw b'kull mezz disponibbli kwalunkwe bastiment ta' interess, b'mod partikolari dawk li jkunu qed jinnavigaw fil-limitu ta' 200 mil nawtiku mill-kosta tal-Istati Membri.
- (35) Sabiex jimmitigaw l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru li jiċħdu l-aċċess għal bastiment jiskambjaw informazzjoni dwar tali każha minnufih mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri, permezz tal-pjattaformi eżistenti għad-dispożizzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-EMSA biex tiffaċilita minnufih kwalunkwe aġġustament tekniku għas-SafeSeaNet abbażi tan-notifiki tal-awtoritajiet kompetenti.
- (36) Il-projbizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-port japplikaw għal kwalunkwe bastiment, kemm jekk ikun irmiġġat f'port kif ukoll jekk ikun ankrat fil-ġuriżdizzjoni ta' port ta' Stat Membru. Fil-każ tal-Golf tal-Finlandja, dawk il-projbizzjonijiet jikkonċernaw kwalunkwe bastiment, kemm jekk ikun irmiġġat f'port kif ukoll jekk ikun ankrat fl-ilmijiet territorjali jew fl-ilmijiet interni ta' Stat Membru.
- (37) Hemm previsti eżenzjonijiet u derogi xierqa biex bastimenti bħal dawn ikollhom aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni għas-sikurezza marittima, inkluż it-tħassib ambjentali, għas-salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar u għal skopijiet umanitarji.
- (38) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 <sup>(7)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 <sup>(8)</sup> jipprevedu li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiksbu provvisti li jkunu alternattivi għall-importazzjonijiet ta' żejt grezz mir-Russja bil-pipeline, biex dawk l-importazzjonijiet jsiru soġġetti għall-projbizzjonijiet malajr kemm jista' jkun. F'konformità ma' dan l-objettiv, id-deroga temporanja mogħtija lill-Ġermanja u lill-Polonja għall-provvista ta' żejt grezz bil-pipeline mir-Russja permezz tal-parti tat-Tramuntana tal-pipeline taż-żejt ta' Druzhba jenħtieġ li tintemm. L-importazzjoni taż-żejt li joriġina mill-Kazakistan jew pajjiż terz ieħor u li qed jgħaddi mir-Russja permezz tal-pipeline taż-żejt ta' Druzhba mhijiex ipprojbita.

<sup>(5)</sup> Anness I tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL), ir-Regolament 42; Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/100/UE tat- 28 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 82).

<sup>(7)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 128).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 53).

- (39) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jipprovdi li proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezzijiet. L-eżenzjoni prevista fir-rigward mal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja, jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 2024 biex jiġu żgurati l-ħtiġijiet tal-Ġappun fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija.
- (40) Sabiex il-provvisti kritiċi tal-enerġija li mhumiex ipprojbiti li jiġu importati fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ma jiġux imminati, huwa xieraq li jiġi garantit li l-manutenzjoni u t-tħaddim adegwati tal-infrastrutturi tal-pajpijiet tal-Pajpijiet tal-Konsorzju għall-pipeline tal-Baħar Kaspju (CPC, Caspian Pipeline Consortium), li jippermettu x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 li joriġinaw mill-Każakistan u li jkunu qed jitgħabbew biss fir-Russja, jitolqu mit-territorju tagħha jew jittranżitaw minnu. Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 introduċiet deroga mill-projbizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja ta' ċerti oġġetti jew teknoloġija, fuq l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, jew fuq il-forniment ta' servizzi tal-awditjar, servizzi ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi li huma strettament meħtieġa għal dak l-għan, li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet stretti biex jiġi evitat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni.
- (41) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni fuq il-forniment ta' titoli trasferibbli lil persuni fir-Russja, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 estendiet dik il-projbizzjoni għal strumenti finanzjarji denominati fi kwalunkwe munita.
- (42) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 introduċiet ukoll deroga mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti ċertu servizzi lil entitajiet Russi meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li jneħħi l-kontroll eżerċitat minn persuna elenkata fuq l-assi ta' entità tal-Unjoni mhux elenkata li l-persuna elenkata għandha s-sjieda tagħha jew tikkontrolla, u li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda benefiċċju għal din tal-aħħar, u b'hekk dik l-entità tkun tista' tkompli l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.
- (43) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tkompli tiċċara l-evidenza meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar ipproċessati f'pajjiżi terzi li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja.
- (44) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 introduċiet deroga mill-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja u li huma meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta' Budapest.
- (45) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 introduċiet kjarifiki dwar l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu notifiċi ta' titjiriet mhux skedati bejn ir-Russja u l-Unjoni.
- (46) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 estendiet l-iskadenza għall-applikazzjoni ta' deroga temporanja mill-projbizzjoni fuq il-forniment ta' ċertu servizzi, bl-għan li jiġi ffaċilitat aktar l-iżvestment mis-suq Russu ta' operaturi tal-Unjoni. Sabiex jitħaffef l-iżvestment ta' operaturi Russi mis-suq tal-Unjoni, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tintroduċi deroga temporanja mill-projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza legali lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-forniment, sal-31 ta' Marzu 2024, ta' servizzi legali obbligatorji, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru, biex dawn l-iżvestimenti jiġu ffinalizzati.
- (47) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u uniformi tal-miżuri restrittivi, huwa xieraq li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014, u li jikkondividu informazzjoni dwar talbiet għal awtorizzazzjoni li jkunu beħsiebhom jagħtu meta ċaħda tkun diġà ġiet innotifikata minn Stat Membru ieħor, sabiex tiġi evitata l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni.
- (48) Huwa xieraq ukoll li jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti sensitivi li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħal oġġetti b'użu doppju u oġġetti elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, sabiex jiġi miġġieled ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni minn persuni jew entitajiet involuti fl-akkwist ta' oġġetti pprojbiti tal-Unjoni għall-użu fir-Russja, jew il-forniment ta' servizzi pprojbiti, bi ksur tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.



- (49) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru u mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jiġu ċċarati aktar .
- (50) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 testendi l-lista ta' pajjiżi sħab li qed japplikaw sett ta' miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (51) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 tagħmel ċerti korrezzjonijiet tekniċi fit-test operattivi u fl-Annessi, inkluż billi tħassar referenzi għal-perjodi tranżitorji li skadew, kif ukoll tirriorganizza l-istruttura ta' ċerti Annessi għar-Regolament (UE) 833/2014. Bħala konsegwenza ta' dan tal-aħħar, il-projbizzjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-faħam hija koperta bl-Artikolu 3i l-Anness XXI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014; għaldaqstant l-Artikolu 3j u l-Anness XXII għar-Regolament Nru 833/2014 saru superfluwi u tħassru. It-tħassir ta' referenzi għal perjodi ta' tranżizzjoni li diġà skadew mhuwiex maħsub li jkollu effetti legali fuq kuntratti tal-imgħoddi jew li għadhom għaddejnin jew fuq l-applikabbiltà ta' dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni.
- (52) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (53) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Artikolu 2(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjeta' intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

- (2) L-Artikolu 2 a, huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness VII, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.”;

- (b) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjeta' intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

- (c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness VII, maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 3.”;

(d) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:

“(i) maħsub għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta’ manutenzjoni f’żoni li huma taħt ftehim ta’ kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa.”;

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. B’deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta’ oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness VII, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d), u (h) tal-paragrafu 4.”;

(3) l-Artikolu 2aa huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprobit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta’ armi tan-nar, il-partijiet, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) u armi tan-nar u armi oħra kif elenkat fl-Anness XXXV għal dan ir-Regolament, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu ta’ u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).”;

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b’xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(4) fl-Artikolu 2d, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 2, 2a u 2b mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni, inkluż dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda u, f’każ ta’ suspett ta’ għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni jew każijiet oħra kif xieraq, dwar it-talbiet għall-awtorizzazzjoni li jirċievu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-infurzar tal-Artikoli 2, 2a u 2b mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni, inkluż dwar ksur u penali relatati, kif ukoll l-aħjar prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar u s-sejbien u l-prosekuzzjoni ta’ esportazzjonijiet mhux awtorizzati. L-iskambju tal-informazzjoni għandu jsir permezz tas-sistema elettronika prevista skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2021/821.”;

(5) fl-Artikolu 3(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b’xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(6) Fl-Artikolu 3b(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b’xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjeta intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjeta intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(7) l-Artikolu 3c huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta’ oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XI, u ta’ fjuwil tal-ġettijiet u addittivi tal-fjuwil kif elenkati fl-Anness XX, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprobit.”;

(b) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b’xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjeta intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjeta intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(c) jiddaħlu l-paragrafi li ġejjin:

“6d. B’deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jstgħu jawtorizzaw it-tranżitu ta’ merkanzija u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali mit-territorju tar-Russja, kif elenkati fl-Anness XI, u tal-fjuwils tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil kif elenkati fl-Anness XX, wara li jkunu ddeterminaw li dawn l-oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 6a, 6b u 6c ta’ dan l-Artikolu.

6e. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jstgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-merkanzija elenkata fil-Parti B tal-Anness XI, jekk il-merkanzija tkun maħsuba għall-użu esklużiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni u sabiex jissodisfa l-obbligi ta’ manutenzjoni tiegħu f’żoni li huma taħt ftehim ta’ kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa.”;

(8) fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta’ titiriet mhux skedati bejn ir-Russja u l-Unjoni, operati direttament jew permezz ta’ pajjiż terz, għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-titjira lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-destinazzjoni qabel joperawhom, u mill-inqas 48 siegħa qabel.”;

(9) fl-Artikolu 3ea(5), il-punt (e), huwa mħassar;

(10) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

#### “Artikolu 3eb

1. Għandu jkun ipprobit, mill-24 ta’ Lulju 2023, li jingħata aċċess għal portijiet u għal imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni, lil kwalunkwe bastiment li jwettaq trasferimenti bejn vapur u ieħor, fi kwalunkwe punt tal-vjaġġ lejn portijiet u imgħalaq ta’ Stat Membru, jekk l-awtorità kompetenti jkollha raġuni valida li tissuspetta li tali bastiment ikun qed jikser il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3m (1) u (2) u l-Artikolu 3n(1) u (4).

2. Awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti aċċess jekk bastiment ma jinnotifikax lill-awtorità kompetenti mill-inqas 48 siegħa qabel dwar trasferiment minn vapur għall-ieħor li jseħħ fiż-Żona Ekonomika Esklużiva ta’ Stat Membru jew sa 12-il mil nawtiku mil-linja bażi tal-kosta ta’ dak l-Istat Membru.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fil-każ ta’ bastiment li jeħtieġ assistenza biex ifittex post ta’ rifuġju, biex jieqaf f’port ta’ emerġenza għal raġunijiet ta’ sikurezza marittima, jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li bastiment ikollu aċċess għal port jew magħlaq fit-territorju tal-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali aċċess huwa neċessarju għal skopijiet umanitarji.
5. Meta jirrifjuta sejħa għall-aċċess f'port skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, flimkien ma' kwalunkwe sistema u informazzjoni nazzjonali, l-informazzjoni marittima integrata disponibbli fis-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) stabbilita f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

### Artikolu 3ec

1. Għandu jkun ipprobit, mill-24 ta' Lulju 2023, li jingħata aċċess għall-portijiet u għall-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni minn kwalunkwe bastiment li l-awtorità kompetenti jkollha raġuni valida li tissuspetta li qed jinterferixxi ma', jitfi jew inkella jiddiżattiva illegalment s-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika tiegħu ta' fuq il-bastiment fi kwalunkwe punt tal-vjaġġ lejn il-portijiet jew l-imgħalaq ta' Stat Membru, bi ksur tar-Regolament SOLAS V/19, il-punt 2.4, meta jittrasporta żejt grezz jew prodotti tal-petroleum soġġetti għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3m(1) u (2) u l-Artikolu 3n(1) u (4).
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fi bżonn ta' assistenza li jkun qed ifittex post ta' rifuġju, ta' waqfa ta' emerġenza f'port għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew ta' salvataġġ ta' ħajja fil-baħar.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li bastiment ikollu aċċess għal port jew magħlaq fit-territorju tal-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan l-aċċess huwa neċessarju għal finijiet umanitarji.
4. Meta jirrifjutaw sejħa għall-aċċess għal port f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, flimkien ma' kwalunkwe sistema u informazzjoni nazzjonali, l-informazzjoni marittima integrata disponibbli fis-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) stabbilita f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(\*) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).";

(11) fl-Artikolu 3f(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(12) l-Artikolu 3g huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) mit-30 ta' Settembru 2023, l-importazzjoni jew ix-xiri, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII meta jiġu pproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII; fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII ipproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja tal-kodiċijiet NM 7207 11, 7207 12 10 jew 7224 90, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta' Ottubru 2024 għall-kodiċijiet NM 7207 12 10 u 7224 90;

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-punt, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdur evidenza ta-pajjiż tal-orijini tal-inputs tal-ħadid u tal-azzar użati għall-ipproċessar tal-prodott f'pajjiż terz.”;

(b) jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(13) l-Artikolu 3h huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għandu jkun ipprobit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajjnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”

(c) tbiġħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2 a. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw fuq l-oġġetti ta' lussu elenkati fl-Anness XVIII sa fejn il-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 300 għal kull oġġett, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dak l-Anness.”

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ jew il-provvista ta' bastiment li jaqa' taħt il-kodiċi NM 8901 10 00 jew 8901 90 00, jew l-għoti, sal-31 ta' Diċembru 2023, ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata lil persuna ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) il-bastiment jinsab fiżikament fir-Russja fit-24 ta' Ġunju 2023 u għall-użu fir-Russja;

(b) il-bastiment ikun tajjar il-bandiera tal-Federazzjoni Russa taħt reġistrazzjoni ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ inizjalment effettwata qabel l-24 ta' Frar 2022;

(c) il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp fir-Russja mhumiex utent aħħari militari u mhux ser jużaw il-bastiment għal skopijiet militari;

(d) il-bejgħ jew il-forniment mhuwiex għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jew soġġett għall-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament.”;

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jaġhti skont il-paragrafi 4 u 4a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(14) l-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 3, 3b, 3ba u 3d;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

*N.B.1:* L-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir ta’ ‘proċessar tas-sinjali’ jew għat- ‘titjib tal-immaġni’ ddisinjat apposta għal tagħmir ieħor b’funzjonijiet limitati għal dawk meħtieġa għat-tagħmir l-ieħor huwa determinat mill-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir l-ieħor anki jekk jaqbeż il-kriterju tal- ‘element prinċipali’.

---

<sup>1</sup> Ref. I-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

*N.B.2: Għall-istatus ta' kontroll ta' 'kompjuters diġitali' jew tagħmir relatat għal tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet, ara l-Kategorija 5, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet)<sup>(1)</sup>.*

- c. It-‘teknoloġija’ għall-‘kompjuters diġitali’ u t-tagħmir relatat hija determinata minn 4E<sup>1</sup>.
  - a. Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, u ‘assemblaġġi elettroniċi’ u komponenti ddisinjati apposta għalihom, klassifikati biex jitħaddmu f’temperatura ambjentali ogħla minn 343 K (70 °C);
  - b. ‘Kompjuters diġitali’, inkluż tagħmir ta’ ‘proċessar tas-sinjali’ jew ‘titjib tal-immaġni’, li għandhom ‘L-ogħla Rendiment Aġġustat’ (‘APP’) ta’ 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;
  - c. ‘Assemblaġġi elettroniċi’ li huma ddisinjati apposta jew modifikati sabiex itejbu l-prestazzjoni permezz tal-aggregazzjoni ta’ proċessuri, kif ġej:
    - 1. Iddisinjati sabiex ikunu kapaċi jaggregaw f’konfigurazzjonijiet ta’ 16-il proċessur jew aktar;
    - 2. Mhux użat;

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

*Nota 1: X.A.II.001.c japplika biss għal 'assemblaġġi elettroniċi' u interkonnnessjonijiet programmabbli b' 'APP' li ma jaqbżux il-limiti f' X.A.II.001.b, meta mibgħuta bħala 'assemblaġġi elettroniċi' mhux integrati. Ma japplikax għal 'assemblaġġi elettroniċi' limitati min-natura tad-disinn tagħhom għall-użu bħala tagħmir relatat ikkontrollat minn X.A.II.001.k.*

*Nota 2: X.A.II.001.c ma jikkontrolla l-ebda 'assemblaġġ elettroniku' ddisinjat apposta għal prodott jew familja ta' prodotti li l-konfigurazzjoni massima tagħhom ma taqbiżx il-limiti ta' X.A.II.001.b.*

- d. Mhux użat;
- e. Mhux użat;
- f. Tagħmir għall- 'ipproċessar tas-sinjali' jew it- 'titjib tal-immaġni' li għandhom 'L-ogħla Rendiment Aġġustat' (APP) ta' 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;
- g. Mhux użat;
- h. Mhux użat;

- i. Tagħmir li fih “tagħmir terminali ta’ interfaċċa” li jaqbeż il-limiti f’X.A.III.101;

*Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.A.II.001.i, “tagħmir terminali tal-interfaċċa” tfisser tagħmir li fih l-informazzjoni tidħol jew toħroġ mis-sistema tat-telekomunikazzjoni, pereż. telefown, apparat tad-data, kompjuter, eċċ.*

- j. Tagħmir iddisinjat apposta sabiex jipprovdi interkonnnessjoni esterna ta’ ‘kompjuters diġitali’ jew tagħmir assoċjat li jippermetti komunikazzjonijiet b’rati ta’ data li jaqbżu t-80 Mbyte/s.

*Nota: X.A.II.001.j. ma jikkontrollax tagħmir għal interkonnnessjoni interna (pereżempju, pannelli ta’ wara, buses), tagħmir għal interkonnnessjoni passiva, ‘kontrolluri tal-aċċess għan-network’ jew “kontrolluri ta’ kanali ta’ komunikazzjoni”.*

*Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.II.001.j il-“kontrolluri tal-kanal ta’ komunikazzjoni” huma l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista’ jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta’ telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.*

- k. 'Kompjuters ibridi' u 'assemblaġġi elettroniċi' u komponenti ddisinjati apposta għalihom li fihom konvertituri analogi-diġitali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
1. 32 kanal jew iktar; kif ukoll
  2. Riżoluzzjoni ta' 14-il bit (plus sign bit) jew iktar b'rata ta' konverżjoni ta' 200 000 Hz jew iktar.

X.D.II.001 'Programm' ta' prova u 'software' ta' validazzjoni, 'software' li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta' 'kodiċijiet tas-sors', u 'software' tas-sistema operattiva li huma ddisinjati apposta għal tagħmir ta' 'pproċessar f'ħin reali'.

- a. 'Programm' ta' prova u 'software' ta' validazzjoni li jużaw tekniki matematiċi u analitiċi u ddisinjat jew modifikat għal 'programmi' b'aktar minn 500 000 struzzjoni tal-'kodiċi tas-sors';
- b. 'Software' li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta' 'kodiċijiet tas-sors' minn *data* miksuba online minn sensori esterni deskritti fir-Regolament (UE) 2021/821; jew
- c. 'Software' tas-sistema operattiva ddisinjat apposta għal tagħmir ta' 'pproċessar f'ħin reali' li jggarantixxi "ħin ta' latenza ta' interruzzjoni globali" ta' inqas minn 20  $\mu$ s.

*Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.D.II.001, "Ħin ta' latenza għall-interruzzjonijiet globali" huwa l-ħin meħud mis-sistema tal-kompjuter biex tirrikonoxxi interruzzjoni minħabba s-sitwazzjoni, tħaddem l-interruzzjoni u twettaq bidla tal-kuntest għal kompitu alternattiv residenti fil-memorja waqt li tistenna fl-interruzzjoni.*

- X.D.II.002 'Software' ħlief dak ikkontrollat f'4D001<sup>1</sup> iddisinjat apposta jew modifikat għall-  
'iżvilupp', 'il-produzzjoni' jew l-*'użu'* ta' tagħmir ikkontrollat minn 4A101<sup>1</sup>.
- X.E.II.001 'Teknoloġija' għall-*'iżvilupp'*, il-*'produzzjoni'* jew l-*'użu'* ta' tagħmir ikkontrollat  
minn X.A.II.001, jew 'software' kkontrollat minn X.D.II.001 jew X.D.II.002.
- X.E.II.002 'Teknoloġija' għall-*'iżvilupp'* jew il-*'produzzjoni'* ta' tagħmir iddisinjat għall-  
*"ipproċessar ta' flussi multipli ta' data"*.

*Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.E.II.002, "l-ipproċessar ta' multiflussi tad-data" huwa mikroprogramm jew it-teknika tal-arkitettura tat-tagħmir li tippermetti l-  
ipproċessar simultanju ta' żewġ sekwenzi tad-data jew iktar taħt il-kontroll ta' wieħed mis-sekwenzi tal-istruzzjonijiet jew iktar b'dawn il-mezzi:*

1. *Arkitetturi b'Data Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Single Instruction Multiple Data, SIMD) bħalma huma l-proċessuri vetturi jew bil-matriċi;*

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

2. *Arkitetturi Multipli b'Data Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Multiple Single Instruction Multiple Data, MSIMD);*
3. *Arkitetturi b'Data Multipla b'Istruzzjonijiet Multipli (Multiple Instruction Multiple Data, MIMD), li jinkludu dawk li huma akkopjati, akkopjati mill-qrib jew akkopjati b'mod mhux fiss; jew*
4. *Arranġamenti strutturati tal-elementi tal-ipproċessar li jinkludu l-arranġamenti sistoliċi.*

### Kategorija III Parti 1 – Telekomunikazzjonijiet

*Nota: Nota: Il-Kategorija III. Parti 1 ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.*

#### X.A.III.101 Tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

- a. Kwalunkwe tip ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni, mhux ikkontrollat minn 5A001.a<sup>1</sup> iddisinjat speċikament biex jaħdem barra mill-firxa ta' temperaturi minn 219 K (-54 °C) sa 397 K (124 °C).
- b. Tagħmir u sistemi għat-trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni, u komponenti u aċċessorji ddisinjati b'mod speċjali għalihom, li jkollhom kwalunkwe mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew kwalitajiet li ġejjin:

*Nota: Tagħmir ta' trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni.*

- a. *Ikkategorizzati kif ġej, jew b'dawn il-kombinazzjonijiet:*

1. *Tagħmir tar-radju (pereż. trażmettituri, riċevituri u riċetrażmettituri);*

---

<sup>1</sup> Ref. I-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.



2. *Tagħmir terminali tal-linja;*
  3. *Tagħmir ta' amplifikazzjoni intermedja;*
  4. *Tagħmir ripetitur*
  5. *Tagħmir ta' riġenerazzjoni;*
  6. *Kodifikaturi tat-traduzzjoni (tat-transkondjar);*
  7. *Tagħmir multiplex (inkluż il-multiplex statistiku);*
  8. *Modulaturi/demodulaturi (modems);*
  9. *Tagħmir Transmultiplex (ara CCITT Rec. G701);*
  10. *Tagħmir ta' interkonnnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun";*
  11. *"Gateways" u pontijiet;*
  12. *"Unitajiet ta' aċċess għall-media"; kif ukoll*
- b. *Iddisinjati għall-użu f'komunikazzjoni b'kanal wieħed jew b'diversi kanali permezz ta' xi karatteristika minn dawn li ġejjin:*
1. *Wajer (linja);*

2. *Cable koassjali;*
  3. *Cable tal-fibra ottika;*
  4. *Radjazzjoni elettromanjetika; jew*
  5. *Propagazzjoni ta' mewġ akustiku taħt wiċċ l-ilma.*
1. L-użu ta' tekniki diġitali, inkluż l-ipproċessar diġitali ta' sinjali analogi, u ddisinjati biex joperaw b'“rata ta' trasferiment diġitali” fl-ogħla livell multiplex li jaqbeż il-45 Mbit/s jew ir-“rata ta' trasferiment diġitali totali” li taqbeż id-90 Mbit/s;  
  
*Nota: X.A.III.101.b.1 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.*
  2. Modems li jużaw il-“wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed” b'“rata ta' sinjalar tad-*data*” ta' aktar minn 9 600 bit fis-sekonda;
  3. Li jkunu tagħmir ta' interkonnnessjoni diġitali “ikkontrollat minn programm maħżun” b'“rata ta' trasferiment diġitali” ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port.

4. Li jkun tagħmir li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:
  - a. 'Kontrolluri tal-aċċess għan-network' u l-mezz komuni relatat tagħhom li għandhom "rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 33 Mbit/s; jew
  - b. "Kontrolluri tal-kanali ta' komunikazzjoni" b'output diġitali li jkollu "rata ta' sinjalar tad-data" ta' aktar minn 64 000 bit/s għal kull kanal;

*Nota: Meta xi tagħmir mhux ikkontrollat ikun fih 'kontrollur tal-aċċess għan-network', dan ma jista' jkollu l-ebda tip ta' interfaċċa tat-telekomunikazzjoni, ħlief dawk deskritti f'X.A.III.101.b.4, iżda mhux ikkontrollati minnu.*

5. Li jużaw 'laser' u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:
  - a. Tul ta' mewġa tat-trażmissjoni li taqbeż l-1 000 nm; jew
  - b. Juża metodi analogi u għandu wisa' tal-banda oġhla minn 45 MHz;
  - c. Juża metodi ta' trażmissjoni ottika koerenti jew individwazzjoni ottika koerenti (imsejħin ukoll metodi ottiċi eterodini jew omodini);

- d. Li jużaw tekniki ta' multiplexing bid-diviżjoni ta' tul il-mewġa; jew
  - e. Li jeżegwixxu 'amplifikazzjoni ottika';
6. Tagħmir tar-radju li jopera fi frekwenzi ta' input jew ta' output li jaqbzū:
- a. Il-31 GHz għal applikazzjonijiet ta' stazzjon terrestri tal-komunikazzjoni bis-satelliti; jew
  - b. 26,5 GHz għal applikazzjonijiet oħra;

*Nota: X.A.III.101.b.6 ma jikkontrollax it-tagħmir għall-użu ċivili meta jikkonforma ma' banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU) bejn is-26,5 GHz u l-31 GHz.*

7. Li jkunu tagħmir tar-radju li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:
- a. Tekniki tal-Modulazzjoni tal-Amplitudni fi kwadratura (Quadrature-amplitude-modulation, QAM) aktar mil-livell 4 jekk ir-“rata ta' trasferiment diġitali totali” taqbeż it-8,5 Mbit/s;
  - b. Tekniki tal-QAM oġhla mil-livell 16 jekk ir-“rata ta' trasferiment diġitali totali” tkun daqs jew inqas minn 8,5 Mbit/s;
  - c. Tekniki ta' modulazzjoni diġitali oħrajn u li għandhom “effiċjenza spettrali” ta' aktar minn 3 bit/s/Hz; jew

- d. Jopera fil-medda minn 1,5 MHz sa 87,5 MHz u jinkorpora metodi adattivi li jipprovdu trażżin ta' aktar minn 15-il dB ta' sinjal ta' interferenza.

Noti:

1. *X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.*
2. *X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax it-tagħmir b'relay tar-radju għat-tħaddim f'banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU):*
  - a. *Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:*
    1. Mhux aktar minn 960 MHz; jew
    2. B'“rata ta' trasferiment diġitali totali” ta' mhux aktar minn 8,5 Mbit/s; kif ukoll
  - b. *Li jkollhom “effiċjenza spettrali” ta' mhux aktar minn 4 bit/s/Hz.*

- c. Tagħmir għall-iswiċċjar “ikkontrollat minn programm maħżun” u sistemi ta’ sinjalar relatati, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew elementi li ġejjin, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom:

*Nota: Multiplexers statistiċi b’input diġitali u output diġitali li jipprovdu swiċċjar huma ttrattati bħala swiċċjar “ikkontrollat minn programm maħżun”.*

1. Tagħmir jew sistemi tal-“iswiċċjar tad-*data* (tal-messaġġi)” iddisinjati għal ‘operazzjoni bil-modalità tal-pakketti’, assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom, għajr dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821;
2. Mhux użat;
3. L-għażla ta’ rotot jew l-iswiċċjar ta’ pakketti tad-“datagramma”;

*Nota: X.A.III.101.c.3 ma tikkontrollax networks ristretti li jużaw biss il-‘kontrolluri tal-aċċess għan-network’ jew għall-‘kontrolluri tal-aċċess għan-network’ infushom.*

4. Mhux użat;
5. Prijorità f’diversi livelli u prelazzjoni għall-iswiċċjar taċ-ċirkwit;

*Nota: X.A.III.101.c.5 ma jikkontrollax il-prelazzjoni ta’ telefonata b’livell wieħed.*

6. Iddisinjati għat-trasferiment awtomatiku ta' telefonati bir-radju ċellulari lejn swiċċijiet ċellulari oħra jew għal konnessjoni awtomatika ma' bażi ta' data ċentralizzata tal-abbonati komuni għal aktar minn swiċċ wieħed;
7. Li jkollhom tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port:
8. "Sinjalari b'kanali komuni" li jaħdem f'modalità ta' tħaddim mhux assoċjata jew kważi assoċjata;
9. "L-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi";
10. Billi jseħħ swiċċjar tal-pakketti, l-iswiċċijiet taċ-ċirkwit u r-rotot b'portijiet jew b'linji li jaqbżu xi karatteristika minn dawn li ġejjin:
  - a. Ir-"rata ta' sinjalari tad-data" ta' 64 000 bit/s għal kull kanal għal "kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni"; jew

*Nota: X.A.III.101.c.10.a ma jikkontrollax links komposti multiplex magħmula biss minn kanali ta' komunikazzjoni mhux ikkontrollati individwalment minn X.A.III.101.b.1.*

- b. “Rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ 33 Mbit/s għall-‘kontrollur tal-aċċess għan-network’ u l-media komuni relatata;

*Nota: X.A.III.101.c.10 ma jikkontrollax l-iswiċċjar tal-pakketti jew routers b’portijiet jew linji li ma jaqbżux il-limiti f’X.A.III.101.c.10.*

11. “Swiċċjar ottiku”;
12. Li juża t-tekniki tal-“modalità ta’ trasferiment asinkronika” (“ATM”).
- d. Fibri ottiċi u kejbils fibrottiċi b’tul ta’ aktar minn 50 m iddisinjati għall-operat b’modalità waħda;
- e. Il-kontroll ċentralizzat tan-network li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:
1. Jirċievi data min-nodi; kif ukoll
  2. Jipproċessa din id-data sabiex jipprovdi l-kontroll tat-traffiku li ma jirrikjedix id-deċiżjoni tal-operatur, u b’hekk isseħħ l-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;

*Nota 1: X.A.III.101.e ma jinkludix każijiet ta’ deċiżjonijiet ta’ routing meħuda fuq informazzjoni predefinita.*

*Nota 2: X.A.III.101.e ma jipprekludix il-kontroll tat-traffiku bħala funzjoni tal-kundizzjonijiet tat-traffiku statistiċi prevedibbli.*



- f. Antenni b'arranġament f'fażijiet, li joperaw 'il fuq minn 10,5 GHz, li fihom elementi attivi u komponenti distribwiti, u ddisinjati biex jippermettu kontroll elettroniku tal-iffurmar u l-ippuntar tar-raġġi, minbarra għas-sistemi ta' nżul bi strumenti li jissodisfaw l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO) (sistemi tal-illendjar bl-użu ta' microwaves (microwave landing systems, MLS));
- g. Tagħmir ta' komunikazzjoni mobbli ħlief dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821, 'assemblaġġi elettroniċi' u komponenti tagħhom; jew
- h. tagħmir ta' komunikazzjoni b'relay tar-radju ddisinjat għall-użu fi frekwenzi daqs jew aktar minn 19,7-il GHz u l-komponenti għalih, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.III.101:*

- 1) *“Modalità ta' trasferiment asinkronika” (asynchronous transfer mode - “ATM”) hija modalità ta' trasferiment li fiha l-informazzjoni tkun organizzata f'ċelloli; hija asinkrona fis-sens li r-rikorrenza taċ-ċelloli tiddependi fuq ir-rata ta' bits meħtieġa jew istantanja.*
- 2) *Il-“wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed” hija tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data mfassal biex jopera f'kanal vokali wieħed ta' 3 100 Hz, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.151.*

- 3) *Il-“kontrollur tal-kanal ta’ komunikazzjoni” huwa l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista’ jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta’ telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.*
- 4) *Id-“datagramma” hija entità awtonoma u indipendenti tad-data li ġġorr biżżejjed informazzjoni biex tgħaddi mis-sors lejn it-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni mingħajr dipendenza fuq skambji aktar bikrija bejn dan is-sors u t-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni u n-network tat-trasport.*
- 5) *L-“għażla rapida” hija faċilità applikabbli għas-sejħiet virtwali li tippermetti li t-tagħmir terminali tad-data jespandi l-possibbiltà li jittrażmetti d-data f’konfigurazzjoni telefonika u jikklerja “pakketti” lil hinn mill-kapaċitajiet bażiċi ta’ telefonata virtwali.*
- 6) *Il-“gateway” hija l-funzjoni li titwettaq minn kwalunkwe kombinazzjoni ta’ tagħmir u ‘software’, biex il-konvenzjonijiet għar-rappreżentazzjoni, l-ipproċessar jew il-komunikazzjoni tal-informazzjoni użati f’sistema jiġu kkonvertiti għall-konvenzjonijiet korrispondenti, iżda differenti, użati f’sistema oħra.*
- 7) *In-“Network Diġitali bis-Servizzi Integrati” (Integrated Services Digital Network, ISDN) huwa network diġitali unifikat minn tarf sa tarf, li fih id-data li toriġina minn kull tip ta’ komunikazzjoni (pereż. vuċi, test, data, stampi fissi u mobbli) tiġi trażmessa minn port wieħed (terminal) fl-iskambju (il-qlib) fuq linja ta’ aċċess waħda lejn abbonat u mill-abbonat.*

- 8) *Il-“pakkett” huwa grupp ta’ ċifri binarji li jinkludi sinjali ta’ kontroll tad-data u tat-telefonati li jinqaleb bħala unità komposta. Id-data, is-sinjali ta’ kontroll tat-telefonati, u l-informazzjoni possibbli dwar il-kontroll tal-iżbalji huma organizzati f’format speċifiku.*
- 9) *“Sinjalar b’kanali komuni” tfisser it-trażmissjoni ta’ informazzjoni ta’ kontroll (sinjalar) permezz ta’ kanal separat minn dak użat għall-messaġġi. Il-kanal tas-sinjalar normalment ikun jikkontrolla l-kanali tal-messaġġi multipli.*
- 10) *Ir-“Rata ta’ data tas-sinjalar” tfisser ir-rata, kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-ITU 53-36, filwaqt li jitqiesu, fil-każ ta’ modulazzjoni mhux binarja, li l-baud u l-bit fis-sekonda mhumiex ugwali. Għandhom jiġu inklużi bits għall-funzjonijiet ta’ kodifikar, verifika u sinkronizzazzjoni.*
- 11) *“L-għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi” tfisser dirottat awtomatiku ta’ traffiku fuq il-bażi ta’ ssensjar u analiżi ta’ kundizzjonijiet tan-network attwali.*
- 12) *“Unitajiet ta’ aċċess għall-media” tfisser tagħmir li jkun fih interfaċċ tal-komunikazzjoni waħda jew aktar (“kontrollur tal-aċċess għan-network”, “kontrollur tal-kanal ta’ komunikazzjoni”, bus tal-modem jew kompjuter) għall-konnessjoni ta’ tagħmir terminali ma’ network.*
- 13) *L-“effiċjenza spettrali” hija r-“rata ta’ trasferiment diġitali” [bits/s] / wisa tal-banda tal-ispettru 6 dB f’Hz.*

14) *“Ikkontrollat minn programm maħżun” huwa kontroll li juża struzzjonijiet f’ħażna elettronika li proċessur ikun jista’ jeżegwixxi sabiex jidderieġi l-prestazzjoni ta’ funzjonijiet predeterminati.*

*Nota: It-tagħmir jista’ jkun “ikkontrollat minn programm maħżun” kemm jekk il-maħżen elektroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.*

- X.B.III.101 Tagħmir għall-ittestjar tat-telekomunikazzjoni, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.
- X.C.III.101 Preforom ta’ ħġieġ jew ta’ kwalunkwe materjal ieħor ottimizzat għall-manifattura ta’ fibri ottiċi kkontrollati minn X.A.III.101.
- X.D.III.101 ‘Software’ ddisinjat apposta jew immodifikat għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 u X.B.III.101, u software għall-għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi, deskritt kif ġej:
- a. ‘Software’, għajr f’forma eżegwibbli b’ magni, iddisinjat apposta għall-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;
  - b. Ma jintużax.

X.E.III.101 ‘Teknoloġija’ għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 jew X.B.III.101, jew ‘software’ kkontrollat minn X.D.III.101, u ‘teknoloġiji’ oħrajn kif ġej:

- a. ‘Teknoloġiji’ speċifiċi kif ġej:
  1. ‘Teknoloġija’ għall-ipproċessar u l-applikazzjoni ta’ kisjiet għal fibra ottika ddisinjati apposta sabiex jagħmluha adattata għall-użu taħt wiċċ l-ilma;
  2. ‘Teknoloġija’ għall-‘iżvilupp’ ta’ tagħmir li juża tekniki tal-‘Ġerarkija Diġitali Sinkronika’ (“SDH”) jew tan-“Network Ottiku Sinkroniku” (“SONET”).

*Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.E.III.101:*

- 1) *Il-“ġerarkija diġitali sinkronika” (Synchronous digital hierarchy, SDH) hija ġerarkija diġitali li tipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta’ traffiku diġitali bl-użu ta’ format ta’ trażmissjoni sinkronika fuq tipi differenti ta’ media. Il-format huwa bbażat fuq il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (Synchronous Transport Module, STM) li huwa definit mir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.703, G.707, G.708, G.709 u oħrajn li għad iridu jiġu ppubblikati. Ir-rata tal-ewwel livell tal-“SDH” hija ta’ 155,52 Mbits/s.*

- 2) *In-“network ottiku sinkroniku” (Synchronous optical network, SONET) huwa network li jipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta’ traffiku diġitali bl-użu ta’ format ta’ trażmissjoni sinkronika fuq il-fibra ottika. Il-format huwa l-verżjoni tal-Amerika ta’ Fuq tal-“SDH” u juża wkoll il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (STM). Madankollu, juża s-Sinjal Sinkroniku tat-Trasport (STS) bħala l-modulu bażiku tat-trasport b’rata tal-ewwel livell ta’ 51,81 Mbits/s. L-istandards tas-SONET qed jiġu integrati f’dawk tal-“SDH”.*

### Kategorija III Parti 2 - Sigurtà tal-Infommazzjoni

*Nota: Il-Kategorija III. Parti 2 ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.*

X.A.III.201 It-tagħmir kif ġej:

- a. Mhux użat;
- b. Mhux użat;
- c. Oġġetti kklassifikati taħt il-kriptaġġ tas-suq tal-massa f’konformità man-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2<sup>(1)</sup>.

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.D.III.201 'Software' tas-'Sigurtà tal-Infommazzjoni' kif ġej:

*Nota: Din l-entrata ma tikkontrollax 'software' ddisinjat jew immodifikat biex jipproteġi kontra ħsara malizzjuża fil-kompjuter, pereż. viruses, fejn l-użu tal-'kriptografija' huwa limitat għall-awtentikazzjoni, il-firma diġitali u/jew id-dekriptaġġ tad-data jew tal-fajls.*

- a. Mhux użat;
- b. Mhux użat;
- c. Is-'software' kklassifikat bħala kriptaġġ tas-suq tal-massa skont in-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2<sup>1</sup>.

X.E.III.201 'Teknoloġija' għas-'Sigurtà tal-Infommazzjoni' skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, kif ġej:

- a. Mhux użat;
- b. 'Teknoloġija', ħlief dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 għall-'użu' ta' oġġetti tas-suq tal-massa kkontrollati minn X.A.III.201.c jew 'software' tas-suq tal-massa kkontrollat minn X.D.III.201.c.

---

<sup>1</sup> Ref. I-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

## Kategorija IV — Sensuri u Lasers

X.A.IV.001 Tagħmir akustiku marittimu jew terrestri, li kapaċi jindividwa jew jillocalizza oġġetti jew karatteristiċi ta' taħt l-ilma jew jagħti l-pożizzjoni ta' bastimenti tal-wiċċ jew ta' vetturi ta' taħt l-ilma; u komponenti ddisinjati apposta, hliedawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.002 Sensuri ottiċi kif ġej:

- a. Tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej:
  1. Tubi li jintensifikaw l-immaġni li għandhom dan kollu li ġej:
    - a. Rispons massimu fil-medda tal-frekwenza ta' iktar minn 400 nm, iżda ta' mhux iktar minn 1 050 nm;
    - b. Plakka b'mikrokanali għall-amplifikazzjoni tal-immaġni tal-elettroni bl-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25  $\mu\text{m}$ ; kif ukoll



- c. Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:
  - 1. Fotokatodu S-20, S-25 jew fotokatodu multialkali; jew
  - 2. GaAs jew fotokatodu GaInAs;
- 2. Pjanċi b'mikrokanali ddisinjati apposta li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:
  - a. 15 000 tubu vojti jew aktar għal kull pjanċa; kif ukoll
  - b. L-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25  $\mu\text{m}$ .
- b. Tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta li jaħdem fl-ispettru viżibbli jew infraaħmar, li jinkorpora tubi li jintensifikaw l-immaġni li jkollhom il-karatteristiċi elenkati f'X.A.IV.002.a.1.

X.A.IV.003 Kameras kif ġej:

- a. Kameras li jissodisfaw il-kriterji tan-Nota 3 sa 6A003.b.4.<sup>(1)</sup>;
- b. Mhux użat;

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.004 Ottiku kif ġej:

*Nota: X.A.IV.004 ma jikkontrollax filtri ottiċi bi spazji fissi tal-arja jew filtri tat-tip Lyot.*

a. Filtri ottiċi:

1. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, magħmul minn kisjiet ottiċi b'diversi saffi u li għandhom xi wieħed mill-karattteristiċi li ġejjin:
  - a. Wisa' tal-banda ugwali għal 1 nm jew inqas ta' wisa' totali b'semintensità (Full Width Half Intensity, FWHI) u l-ogħla trażmissjoni ta' 90 % jew aktar; jew
  - b. Wisa' tal-banda ugwali għal 0,1 nm jew inqas ta' FWHI, u l-ogħla trażmissjoni ta' 50 % jew aktar;
2. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, u li jkollu dan kollu li ġej:
  - a. Regolabbli fuq medda spettrali ta' 500 nm jew aktar;
  - b. Filtru ottiku tal-banda passanti istantanja ta' 1,25 nm jew inqas;
  - c. Tul tal-mewġa riaggustabbli fi żmien 0,1 ms u għall-preċiżjoni ta' 1 nm jew aħjar fil-medda spettrali regolabbli; kif ukoll
  - d. Trażmissjoni massima waħda ta' 91 % jew aktar;

3. Swiċċijiet tal-opaċità ottika (filtri) b'kamp viżiv ta' 30° jew usa' u ħin ta' rispons ta' 1 ns jew inqas;
- b. Cable tal-“fibra tal-fluworur”, jew tal-fibri ottiċi għalih, li għandu attenwazzjoni ta' inqas minn 4 dB/km fil-medda tal-frekwenza ta' iktar minn 1 000 nm iżda mhux iktar minn 3 000 nm;

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.004b “filtri tal-fluworur” huma fibri manifatturai minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.*

X.A.IV.005 “Lasers” kif ġej:

- a. “Lasers” tad-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:
  1. Potenza tal-output ta' CW li taqbeż 1-10 kW;
  2. Output ta' impulsi b'“durata tal-impuls” ta' aktar minn 10 μs; kif ukoll
    - a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 10 kW; jew
    - b. ‘Potenza massima’ tal-impulsi ta' aktar minn 100 kW; jew

3. Output ta' impuls b' 'durata tal-impuls' daqs jew inqas minn 10  $\mu$ s; kif ukoll
  - a. Enerġija tal-impuls ta' aktar minn 5 J għal kull impuls u l- 'potenza massima' ta' iktar minn 2,5 kW; jew
  - b. Potenza medja tal-output ogħla minn 2,5 kW;
- b. Lasers semikondutturi kif ġej:
  1. 'Lasers' semikondutturi individwali, b' modalit  trasversali waħda li għandhom:
    - a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 100 mW; jew
    - b. Tul ta' mewġa li taqbeż l-1 050 nm;
  2. 'Lasers' semikondutturi individwali, b' multimodalitajiet trasversali, jew arranġamenti ta' 'lasers' semikondutturi individwali li għandhom tul ta' mewġa ta' aktar minn 1 050 nm;
- c. 'Lasers' tar-rubini li għandhom output enerġetiku ta' aktar minn 20 J għal kull impuls;

- d. 'Lasers bl-impulsi' mhux 'regolabbli' li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output li jaqbeż id-975 nm iżda mhux aktar minn 1 150 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:
1. 'Durata tal-impuls' ta' 1 ns jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 1  $\mu$ s, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:
    - a. Output b' modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
      1. "Effiċjenza fil-plakka tad-dawl" ta' aktar minn 12 % u "potenza tal-output medja" ta' aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta' repetizzjoni tal-impulsi ta' aktar minn 1 kHz; jew
      2. "Potenza tal-output medja" li taqbeż 1-20 W; jew
    - b. Output b' multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
      1. "Effiċjenza fil-plakka tad-dawl" ta' iktar minn 18 % u "potenza tal-output medja" ta' iktar minn 30 W;
      2. 'Potenza massima' ta' aktar minn 200 MW; jew
      3. 'Potenza tal-output medja' li taqbeż il-50 W; jew

2. ‘Durata tal-impuls’ ta’ aktar minn 1  $\mu$ s, u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
  - a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
    1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew
    2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż 1-20 W; jew
  - b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
    1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ iktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ iktar minn 30 W; jew
    2. ‘Potenza tal-output medja’ li taqbeż il-500 W;

- e. 'Lasers' b'mewġa kontinwa (continuous wave, CW) mhux 'regolabbli', li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output ta' aktar minn 975 nm li iżda ma taqbiżx l-1 150 nm, u li jkollhom xi karatteristika milli ġejjin:
1. Output b'modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
    - a. 'Effiċjenza fil-plakka tad-dawl' ta' aktar minn 12 % u 'potenza tal-output medja' ta' aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta' repetizzjoni tal-impulsi ta' aktar minn 1 kHz; jew
    - b. 'Potenza tal-output medja' li taqbeż il-50 W; jew
  2. Output b'multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:
    - a. 'Effiċjenza fil-plakka tad-dawl' ta' iktar minn 18 % u 'potenza tal-output medja' ta' iktar minn 30 W; jew

- b. 'Potenza tal-output medja' li taqbeż il-500 W;

*Nota: X.A.IV.005.e.2.b ma jikkontrollax il-“lasers” industrijali b'multimodalitajiet trasversali b'potenza tal-output ta' 2 kW jew inqas, u b'massa totali ta' akbar minn 1 200 kg. Għall-finijiet ta' din in-nota, il-massa totali tinkludi l-“komponenti” kollha meħtieġa biex jitħaddem il-“laser”, pereż., il-“laser”, il-provvista tal-enerġija, l-iskambjatur tas-sħana, iżda teskludi l-ottika esterna għall-kondizzjonament tar-raġġ u/jew sabiex dan jitwassal.*

- f. “Lasers” mhux “regolabbli” li għandhom it-tul tal-mewġa ta' aktar minn 1 400 nm, li iżda ma taqbiżx l-1 555 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:
1. Output enerġetiku ta' aktar minn 100 mJ għal kull impuls u “potenza massima” tal-impulsi ta' iktar minn 1 W; jew
  2. Potenza medja tal-output jew CW li jaqbz u l-1 W;

- g. “Lasers” tal-elettroni liberi.

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.005 “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” hija definita bħala l-proporzjon tal-potenza tal-output tal-“laser” (jew “potenza medja tal-output”) mal-potenza elettrika totali fl-input meħtieġa biex jiġi operat “laser”, inkluż il-provvista tal-potenza/il-kundizzjonar u l-kundizzjonar termiku/skambjatur tas-sħana.*



X.A.IV.006 “Manjetometri”, sensuri elettromanjetiċi “Superkondutturi”, u l-komponenti “ddisinjati apposta” għalihom, kif ġej:

- a. “Manjetometri”, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom “sensittività” anqas (aħjar) minn 1,0 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz.

*Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.IV.006.a, “sensittività” (livell ta’ ħoss) hija l-għerq tal-medja tal-kwadrati tal-livell minimu ta’ ħoss limitat bl-apparat li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.*

- b. Sensuri elettromanjetiċi “superkonduttivi”, “komponenti” mmanifatturati minn materjali “superkonduttivi”:
  1. Iddisinjati biex joperaw f’temperaturi taħt it-“temperatura kritika” ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti “superkonduttivi” tagħhom (inkluż apparat bl-effett Josephson jew apparat “superkonduttiv” b’interferenza kwantistika (“superconductive” quantum interference devices, SQUIDS));
  2. Iddisinjati biex jaqbd u l-varjazzjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fi frekwenzi ta’ 1 kHz jew inqas; kif ukoll

3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:
  - a. Jinkorporaw SQUIDS b'film irqiq b'daqqs minimu tal-element ta' inqas minn  $2 \mu\text{m}$  u biċ-ċirkwiti assoċjati ta' akkoppjament tal-input u tal-output;
  - b. Iddisinjati sabiex jaħdmu b'oxxillazzjoni tal-kamp manjetiku li taqbeż il- $1 \times 10^6$  kwanti ta' fluss manjetiku kull sekonda;
  - c. Iddisinjati sabiex jaħdmu fil-kamp manjetiku tal-ambjent tad-dinja mingħajr protezzjoni manjetika; jew
  - d. Li għandhom koeffiċent tat-temperatura ta' inqas (iżgħar) minn 0,1 kwantum/K ta' fluss manjetiku.

X.A.IV.007 Gravimetri għall-użu fuq l-art, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

- a. Li għandhom preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn  $100 \mu\text{Gal}$ ; jew
- b. Li jkunu tat-tip tal-element kwarzuż (Worden).

X.A.IV.008 Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti maġġuri, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tagħhom iddisinjati apposta, kif ġej:

- a. Tagħmir tar-radar tal-ajru, għajr dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tiegħu ddisinjati apposta;
- b. Radar bil-“laser” ikkwalfikat għall-użu spazjali jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (Light Detection and Ranging, LIDAR), iddisinjati apposta għall-istħarriġ jew għall-osservazzjoni meteoroloġika;
- c. Sistemi għal viżjoni mtejbja b’immaġni tar-radar b’ mewġa millimetrika “ddisinjati apposta” għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors u li għandhom dan kollu li ġej:
  1. Joperaw bi frekwenza ta’ 94 GHz;
  2. Potenza tal-output medja ta’ inqas minn 20 mW;
  3. Wisa’ tar-raġġ tar-radar ta’ 1 grad; kif ukoll
  4. Medda operattiva daqs jew aktar minn 1 500 m.

X.A.IV.009 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, kif ġej:

- a. Tagħmir għad-detezzjoni sismika mhux ikkontrollat minn X.A.IV.009.c.
- b. Kameras tat-TV reżistenti għar-radżazzjoni, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew
- c. Sistemi ta' detezzjoni tal-intrużjoni sismika li jidentifikaw, jikklassifikaw u jiddeterminaw l-effett fuq is-sors ta' sinjal individwat.

X.B.IV.001 Tagħmir, inklużi għodod, forom, ġiggs jew gauges, u “partijiet”, “komponenti” u “aċċessorji” oħrajn “iddisinjati apposta” għalihom, u “iddisinjati apposta” jew immodifikati għal xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

- a. Għall-manifattura jew l-ispezzjoni ta':
  1. Kalamiti wiggler ta' “laser” tal-elettroni liberi;
  2. Fotoinjetturi ta' “laser” tal-elettroni liberi;
- b. Għall-aġġustament, għat-tolleranzi meħtieġa, tal-kamp manjetiku lonġitudinali ta' “lasers” tal-elettroni liberi.

X.C.IV.001 Fibri ta' sensuri ottiċi li huma modifikati strutturalment biex ikollhom "tul ta' risonanza" ta' inqas minn 500 mm (birifranġenza għolja) jew materjali ta' sensuri ottiċi mhux deskritti f'6C002.b<sup>(1)</sup> u li għandhom kontenut ta' żingu daqs jew aktar minn 6 % bil-"frazzjoni molari".

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.001:*

- 1) "Frazzjoni molari" hija definita bħala l-proporzjon tal-moli ta' ZnTe u t-total tal-moli ta' CdTe u ZnTe preżenti fil-kristall.
- 2) It-"tul ta' risonanza" huwa d-distanza li minnha jridu jgħaddu żewġ sinjali polarizzati ortogonalment, inizjalment f'fażi, sabiex tinkiseb differenza fil-fażi ta'  $2\pi$  radian(s).

X.C.IV.002 Materjal ottiku, kif ġej:

- a. Materjali ta' assorbiment ottiku baxx, kif ġej:
  1. Komposti ta' fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar; jew

*Nota: X.C.IV.002.a.1 jikkontrolla l-fluworuri taż-żirkonju jew tal-aluminju u l-varjanti.*

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

2. Ħġieġ tal-fluworur mhux maħdum magħmul minn komposti kkontrollati minn 6C004.e.1<sup>1</sup>;

- b. “Preforom tal-fibra ottika” magħmulin minn komposti tal-fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b’purità ta’ 99,999 % jew aħjar, “iddisinjati apposta” għall-manifattura tal-“fibri tal-fluworur” ikkontrollati minn X.A.IV.004.b.

*Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.C.IV.002:*

- 1) *Il-“fibri tal-fluworur” huma fibri manifatturati minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.*
- 2) *Il-“preforom tal-fibra ottika” huma vireg, ingotti, jew vireg tal-ħġieġ, tal-plastik jew ta’ materjali oħra li ġew ipproċessati b’mod speċjali għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta’ fibri ottiċi. Il-karatteristiċi tal-preforma jiddeterminaw il-parametri bażiċi tal-fibri ottiċi estratti li jirriżultaw.*

X.D.IV.001 “Software”, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, iddisinjat apposta għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ prodotti kkontrollati minn 6A002, 6A003<sup>1</sup>, X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, jew X.A.IV.008.

X.D.IV.002 “Software” ddisinjat apposta għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005.

---

<sup>1</sup> Ref. I-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

- X.D.IV.003 “Software” ieħor, kif ġej:
- a. “Programmi” ta’ applikazzjoni li jagħmlu parti minn “software” tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Control, ATC) fuq kompjuters ta’ skop ġenerali li jinsabu fiċ-ċentri tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru, u li kapaċi awtomatikament jgħaddu d-*data* marbuta mal-mira tar-radar primarju (jekk ma tkunx korrelata ma-d-*data* tar-radar ta’ sorveljanza sekondarju (secondary surveillance radar, SSR)) miċ-ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru ospitanti għal ċentru ieħor tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru.
  - b. “Software” ddisinjat apposta għas-sistemi ta’ detezzjoni ta’ intrużjoni sismika f’X.A.IV.009.c; jew
  - c. “Kodiċi tas-Sors” iddisinjat apposta għal sistemi ta’ detezzjoni ta’ intrużjoni sismika f’X.A.IV.009.c.
- X.E.IV.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir kkontrollat minn X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, X.A.IV.008 jew X.A.IV.009.c.
- X.E.IV.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir, materjali jew “software” kkontrollati minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005, X.B.IV.001, X.C.IV.001, X.C.IV.002, jew X.D.IV.003.

X.E.IV.003 “Teknoloġija” oħra, kif ġej:

- a. Teknoloġiji tal-fabbrikazzjoni ottika għal produzzjoni f’serje ta’ “komponenti” ottiċi b’rata ta’ aktar minn  $10 \text{ m}^2$  ta’ erja tas-superfiċje fis-sena fuq kwalunkwe fus wieħed u li għandhom dan kollu li ġej:
  1. Erja li teċċedi  $1 \text{ m}^2$ ; kif ukoll
  2. Il-forma tas-superfiċje ta’ aktar minn  $\lambda/10$  (rms) fil-tul tal-mewġa stabbilita;
- b. It-“Teknoloġija” għall-filtri ottiċi b’wisa’ tal-banda ta’  $10 \text{ nm}$  jew inqas, b’kamp viżiv (field of view, FOV) ta’ aktar minn  $40^\circ$  u riżoluzzjoni oġġla minn  $0,75$  pari ta’ linji għal kull milliradjan;
- c. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ kameras ikkontrollati minn X.A.IV.003;



- d. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ “manjetometri” fluxgate mhux triassjali jew ta’ “manjetometri” mhux triassjali, li għandhom xi karatteristika milli ġejjin:
1. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 0,05 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ inqas minn 1 Hz; jew
  2. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn  $1 \times 10^{-3}$  nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ 1 Hz jew aktar.
- e. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ apparat għall-konverżjoni axxendenti tad-dawl infraaħmar li għandu dan kollu li ġej:
1. Rispons fil-medda tal-frekwenza ta’ iktar minn 700 nm, iżda ta’ mhux iktar minn 1 500 nm; kif ukoll
  2. Kombinazzjoni ta’ fotodetettur tal-infraaħmar, dijodu li jemetti d-dawl (light emitting diode, OLED), u nanokristall biex id-dawl infraaħmar jiġi kkonvertit f’dawl viżibbli.

*Nota Teknika:* Għall-finijiet ta’ X.E.IV.003, “sensittività” (jew il-livell tal-potenza akustika) hija l-għerq tal-medja kwadratika tal-istorbju fl-isfond limitat b’apparat, li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

## Kategorija V – Navigazzjoni u Avjonika

X.A.V.001 Tagħmir ta' komunikazzjoni fl-ajru, is-sistemi kollha ta' navigazzjoni inerzjali tal-  
'inġenji tal-ajru', u tagħmir avjoniku ieħor, inklużi komponenti, għajr dawk  
speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

*Nota 1: X.A.V.001. ma tikkontrollax il-kuffji jew il-mikrofoni.*

*Nota 2: X.A.V.001. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.*

X.B.V.001 Tagħmir ieħor iddisinjat apposta għall-ittestjar, l-ispezzjoni, jew il-  
'produzzjoni' ta' tagħmir tan-navigazzjoni u tal-avjonika.

X.D.V.001 'Software', għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-  
'iżvilupp', il-'produzzjoni', jew l-'użu' ta' tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-  
komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

X.E.V.001 'Teknoloġija', għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821,  
għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni', jew l-'użu' ta' tagħmir avjoniku għan-  
navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

## Kategorija VI - Materjal marittimu

X.A.VI.001 Bastimenti, sistemi jew tagħmir marittimu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, u komponenti u aċċessorji kif ġej:

- a. Sistemi ta' viżjoni ta' taħt l-ilma, kif ġej:
  1. Sistemi tat-televiżjoni (inklużi kameras, dwal, tagħmir ta' monitoraġġ u ta' trażmissjoni tas-sinjali) li għandhom riżoluzzjoni b'limitu meta mkejla fl-arja ta' aktar minn 500 linja u "ddisinjati apposta" jew immodifikati għall-operazzjonijiet mill-bogħod b'vettura sommerġibbli; jew
  2. Kameras tat-televixin ta' taħt wiċċ l-ilma, li jkollhom riżoluzzjoni b'limitu meta mkejla fl-arja, ta' aktar minn 700 linja;

*Nota Teknika: Li tiġi limitata r-riżoluzzjoni fit-televixin hija miżura ta' riżoluzzjoni orizzontali, normalment espressa f'termini ta' numru massimu ta' linji kull stampa, separata fuq test chard, billi jintuża l-Istandard IEEE 208/1960, jew kwalunkwe standard ieħor ekwivalenti.*

- b. Kameras tar-ritratti ddisinjati apposta jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li jieħdu film b'format ta' 35 mm jew aktar, u li l-awtoffukar jew l-iffukar mill-bogħod tagħhom huma ddisinjati apposta għall-użu taħt wiċċ l-ilma;
- c. Sistemi tad-dawl stroboskopiku, iddisinjati apposta jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li kapaċi jitfgħu enerġija tad-dawl ta' aktar minn 300 J ma' kull flash;
- d. Tagħmir ieħor ta' kamera għal taħt l-ilma, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;
- e. Bojlers marini ddisinnjati biex ikollhom xi waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin:
  - 1. Rata tar-rilaxx tas-šhana (b'rata massima) ugwali għal  $1\,966,4\text{ kW/m}^3$  f'volum tal-forn jew aktar; jew
  - 2. Il-proporzjon ta' fwar iġġenerat f'kilogrammi fis-siegħa (fi klassifikazzjoni massima) mal-piż xott tal-bojler f'kilogrammi daqs jew aktar minn 37,6.;
- f. Bastimenti (tal-wiċċ jew ta' taħt il-baħar), inklużi dgħajjes li jintnefħu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

*Nota: X.A.VI.001.f ma tikkontrollax vetturi fuq soġġorn temporanju, użati għat-trasport privat jew it-trasport ta' passiġġieri jew prodotti minn jew minn ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni.*

- g. Magni tal-baħar (kemm abbord kif outboard) u magni ta' taħt il-baħar u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;
- h. Tagħmir tan-nifs għal taħt il-baħar, komplut fih innifsu (tagħmir tal-iscuba) u aċċessorji għalih, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;
- i. Ġakketti tas-salvataġġ, cartridges li jintnefħu, boxxli għall-għadis u kompjuters għall-għadis;

*Nota: X.A.VI.001.i. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.*

- j. Dawl ta' taħt wiċċ l-ilma u tagħmir ta' propulsjoni; jew

*Nota: X.A.VI.001.j. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.*

- k. Kompessuri tal-arja u sistema ta' filtrazzjoni ddisinjati apposta għall-mili ta' ċilindri tal-arja.

- X.D.VI.001 “Software” iddisinjat apposta jew immodifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat permezz ta’ X.A.VI.001.
- X.D.VI.002 “Software” iddisinjat apposta għat-tħaddim ta’ vetturi sommerġibbli bla ekwipaġġ użati fl-industrija taż-żejt u tal-gass.
- X.E.VI.001 It-“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollati permezz ta’ X.A.VI.001.

#### Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni

- X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:
- a. Magni diesel, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għal trakkijiet, tratturi, u applikazzjonijiet awtomotivi, li għandhom output ta’ potenza globali ta’ 298 kW jew aktar.
  - b. Tratturi bir-roti mhux maħsubin għall-awtostrada b’kapaċità tal-ġarr ta’ 9 t jew aktar; u komponenti u aċċessorji ewlenin għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

- c. Tratturi tat-triq għal semitrailers, b'fus fuq wara wieħed jew b'żewġ fusien previsti għal 9 tunnelli għal kull fus jew aktar u komponenti ewlenin iddisinjati apposta.

*Nota: X.A.VII.001.b u X.A.VII.001.c ma jikkontrollawx il-vetturi li jkunu qegħdin jinżammu temporanjament, li jintużaw għat-trasport privat jew għat-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni jew ġewwa fih.*

X.A.VII.002 Magni b'turbini tal-gass u komponenti għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

- a. Ma jintużax.
- b. Ma jintużax.
- c. Magni tal-ajru b'turbini tal-gass u komponenti ddisinjati apposta għalihom.
- d. Ma jintużax.
- e. Komponenti ta' tagħmir taħt pressjoni għan-nifs tal-inġenji tal-ajru ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VII.003 Magni tal-inġenji tal-ajru, għajr dawk speċifikati f' X.A.VII.002, fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

- a. Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji; jew
- b. Magni elettriċi.

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.VII.003 l-inġenji tal-ajru jinkludu: ajruplani, UAVs, ħelikopters, ġiropplani, inġenji tal-ajru ibridi jew mudelli kkontrollati bir-radju.*

X.B.VII.001 Tagħmir għall-ittestjar tal-vibrazzjoni u komponenti ddisinjati apposta, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: X.B.VII.001. jikkontrolla biss it-tagħmir għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni”. Ma jikkontrollax is-sistemi ta' monitoraġġ għall-kundizzjoni.

X.B.VII.002 “Tagħmir” iddisinjat apposta, għodod jew ġiggs għall-manifattura jew il-kejl tal-pali tat-turbini tal-gass, il-paletti jew il-karenaturi tat-tarf ikkastjati, kif ġej:

- a. Tagħmir awtomatizzat li juża metodi mhux mekkaniċi għall-kejl tal-għoli tal-profil tal-ajrufojl;



- b. Għodod, giggs jew tagħmir tal-kejl għal proċessi ta' titqib bil-“laser”, b'ġett tal-ilma jew b'ECM/EDM ikkontrollati permezz ta' 9E003.c<sup>(1)</sup>;
- c. Tagħmir għal-lixxivjazzjoni tal-partijiet ċentrali taċ-ċeramika;
- d. Tagħmir jew għodod għall-manifattura tal-partijiet ċentrali taċ-ċeramika;
- e. Tagħmir għall-preparazzjoni tad-disinn tax-xama' għall-qoxra taċ-ċeramika;
- f. Tagħmir tan-nar għall-ħruq tal-qoxra taċ-ċeramika.

X.D.VII.001 'Software', għajr dak speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-  
'iżvilupp' jew il-'produzzjoni' ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew  
X.B.VII.001.

X.D.VII.002 'Software', għall-'iżvilupp' jew il-'produzzjoni' ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta'  
X.A.VII.002, jew X.B.VII.002.

X.E.VII.001 'Teknoloġija', għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821,  
għall-'iżvilupp' jew il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' tagħmir ikkontrollat minn  
X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

---

<sup>1</sup> Ref. I-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.E.VII.002 ‘Teknoloġija’, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta’ tagħmir ikkontrollati permezz ta’ X.A.VII.002 jew X.B.VII.002.

X.E.VII.003 ‘Teknoloġija’ oħra, mhux deskritta f’9E003<sup>(1)</sup>, kif ġej:

- a. Sistemi għall-kontroll tad-distanza tal-ponot tal-pali li jużaw ‘teknoloġija’ attiva ta’ kumpens fil-kejsing li tkun limitata għal bażi tad-data tad-disinn u l-iżvilupp; jew
- b. Berings bil-gass għall-assemblaġġi tar-rotors tal-magni bit-turbini.

#### Kategorija VIII — Oġġetti mixxellanji

X.A.VIII.001 Tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt jew għall-esplorazzjoni taż-żejt kif ġej:

- a. Tagħmir tal-kejl integrat tar-ras tat-tħaffir, inklużi sistemi ta’ navigazzjoni interna għall-kejl waqt it-tħaffir (measurement while drilling, MWD);
- b. Sistemi ta’ monitoraġġ tal-gass u ditekters għalihom, iddisinjati għall-operazzjoni kontinwa u d-detezzjoni tas-sulfid tal-idroġenu;
- c. Tagħmir għall-kejl sismoloġiku, inklużi s-sismetika tar-riflessjoni u l-vibraturi sismiċi;
- d. Ekosondi tas-sedimenti.

---

<sup>1</sup> Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VIII.002 Tagħmir, 'assemblaġġi elettroniċi' u komponenti, iddisinjati apposta għal kompjuters kwantistiċi, elettronika kwantistika, sensuri kwantistiċi, unitajiet ta' pproċessar kwantistiku, ċirkwiti qubit, apparati qubit jew sistemi ta' radar kwantistiku, inklużi ċelloli pockels.

*Nota 1: Il-kompjuters kwantistiċi jwettqu komputazzjonijiet li jużaw il-proprjetajiet kollettivi tal-istati kwantistiċi, bħas-superpożizzjoni, l-interferenza u t-tħabbil.*

*Nota 2: L-unitajiet, iċ-ċirkwiti u l-apparati jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ċirkwiti superkonduktiv, ittemprar kwantum, Ion Trap, interazzjoni fotonika, silikon/spin, atomi kesħin.*

X.A.VIII.003 Mikroskopji u tagħmir u detectors relatati, kif ġejjin:

- a. Mikroskopju elettroniku tal-iskennjar (scanning electron microscope, SEM).
- b. Mikroskopji tal-auger li jiskennjaw;
- c. Mikroskopji tal-elettroni tat-trażmissjoni (transmission electron microscopes, TEM);
- d. Mikroskopji tal-forza atomika (atomic force microscopes, AFM);

“5a. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati numru 82 u 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għad-disponiment jew it-trasferiment ta' titoli minn entità stabbilita fl-Unjoni, attwalment jew preċedentement ikkontrollata mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 82 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I;

(b) tali disponiment jew trasferiment jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023; u,

(c) tali disponiment jew trasferiment jitwettaq abbażi ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi mal-entitajiet elenkati taħt l-entrati numru 82 u 101 taħt l-intestatura ‘Entitajiet’ fl-Anness, jew li jinvolvuhom, qabel it-3 ta' Ġunju 2022.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5aa. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-konverżjoni sal-25 ta' Diċembru 2023 minn ċittadini jew residenti ta' Stat Membru, jew entità stabbilita fl-Unjoni, ta' riċevuta depożitarja b'titolu sottostanti Russu miżmum mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I għall-fini tal-bejgħ tat-titolu sottostanti, u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi marbuta mal-konverżjoni tar-riċevuta depożitarja u mal-bejgħ tat-titolu sottostanti direttament jew indirettament lil dik l-entità fir-Russja, taħt tali kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu iddeterminaw li:

(a) ir-riċevuta depożitarja nħarġet qabel it-3 ta' Ġunju 2022;

(b) it-talba rilevanti għall-awtorizzazzjoni hija ppreżentata sal-25 ta' Settembru 2023;

(c) id-detentur tar-riċevuta depożitarja jkun jista' juri li tali konverżjoni hija meħtieġa għall-bejgħ tat-titolu sottostanti;

(d) il-bejgħ tat-titolu sottostanti jkun konformi mal-projbizzjonijiet skont ir-Regolament Nru 833/2014, inklużi l-Artikoli 5 u 5f; u

(e) l-ebda fondi mhuma ser ikunu disponibbli għal xi entità oħra elenkata fl-Anness I.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5c. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-persuna fiżika elenkata taħt l-entrata numru 695 taħt l-intestatura “Persuni” fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil din il-persuna fiżika jew entità li tkun il-proprjetà ta' lil din il-persuna fiżika, taħt tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-tlestija ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-bejgħ, li huma strettament meħtieġa għall-istralċ, sal-31 ta' Awwissu 2023, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili stabbilit fir-Russja ma' din il-persuna fiżika jew entità li tkun il-proprjetà ta' din il-persuna fiżika qabel it-28 ta' Frar 2022.”;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5d. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil, huma sjeda, jinżammu jew huma kkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, jew il-forniment ta' servizzi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll mill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkati, inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn tal-ewwel, u

(b) jiżgura li l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.”;

(3) fl-Artikolu 6e, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati numru 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, 126, 127, 198, 199, 200, 214 u 215 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' dawk l-entitajiet, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni ta' prodotti agrikoli u tal-ikel, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti.”;

(4) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 6f

L-Artikolu 2 ma għandux japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' bdot lil bastimenti f'passaġġ innoċenti kif definit mid-dritt internazzjonali li huma meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.”;

(5) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttiva hijaa sostitwita b'dan li ġej:

“1. Minkejja r-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, u b'mod konsistenti mar-rispett għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom iggarantita fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar, l-awtoritajiet doganali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), l-awtoritajiet kompetenti fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*), u d-Direttiva 2014/65/UE, kif ukoll l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali li fihom ikunu rreġistrati persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni, inkluża *data* personali u, jekk meħtieġ, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 1a, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru tagħhom, ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni, jekk dan l-ipproċessar u l-iskambju jkun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-awtorità tal-ipproċessar jew tal-awtorità riċeventi skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta jidentifikaw każijiet ta' ksur jew ċirkomvenzjoni, jew tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament..

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjon (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(\*\*) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).”.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. ROSWALL

---



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1216****tat-23 ta' Ġunju 2023****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna determinata tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-persjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' aktar miżuri restrittivi possibbli.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu 71 persuna u 33 entità responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. ROSWALL

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

## Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"1502.	Vyacheslav Alekssevich BOCHAROV (Вячеслав Алексеевич БОЧАРОВ)	Data tat-twelid: 17.10.1955 Post tat-twelid: Donskoy, Tula Oblast, Russian SFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-"working group special military operation; L-Ewwel Viċi President tal-Public Chamber of the Russian Federation	Vyacheslav huwa membru tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra l-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa jservi bħala l-Ewwel Viċi President tal-Kantra Pubblika tal-Federazzjoni Russa u esprima b'mod attiv appoġġ vokali għall-invażjoni Russa ta l-Ukrajna. Għalhekk, Vyacheslav Bocharov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta l-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1503.	<p>Oleg Vladimirovich GORSHENIN (Олег Владимирович ГОРШЕНИН.)</p>	<p>Data tat-twelid: 8.7.1978 Post tat-twelid: Schwerin, Germany Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-”working group special military operation” stabbilit b’digriet mill-President Putin; Kap tan-National Defense Control Center of the Russian Federation, Maġġur Ġeneral.</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Oleg Gorshenin huwa membru u segretarju tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jservi bħala l-kap taċ-Ċentru Nazzjonali ta’ Kontroll tad-Difiża (National Defense Control Center) tal-Federazzjoni Russa fil-grad ta’ Maġġur Ġeneral li huwa inkarigat b’-attivitajiet ta’ forzi militari Russi inkluż dawk skjerati fil-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Oleg Gorshenin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1504.	Valeriy Alexandrovich VOSTROTIN (Валерий Александрович ВОСТРОТИН)	<p>Data tat-twelid: 20.11.1952</p> <p>Post tat-twelid: Kasli, Kaslinsky District, Chelyabinsk Oblast, eks USSR, (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Membru u Segretarju tal- "working group special military operation"; President tal-Union of Paratroopers of Russia; Maġġur Ġeneral irfirat; membru ritirat tal-State Duma</p> <p>Numru tal-passaport, numru tal-identità nazzjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: 773001557964</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Valeriy Vostrotin huwa membru u segretarju tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Mmbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa l-mexxej tal-Union of Paratroopers of Russia u huwa kofundatur tal-All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya).</p> <p>Għalhekk, Valeriy Vostrotin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
		<p>Individwi assoċjati: Bekkhan Abdulkhamidovich Barakhoev (Бекхан Абдулхамидович Барахоев), assistent fi żmien Vostrotin bħala Deputat tal-iState Duma 2004-2011 (elenkat mill-UE mit-23.2.2022)</p> <p>Entitajiet assoċjati: All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya), elenkat mill-UE mill-21.7.2022</p>		

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1505.	Alexander Nikolaevich ZAKHARENKO (Александр Николаевич ЗАХАРЕНКО)	Data tat-twelid: 3.3.1979 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Segretarju tal-”working group special military operation” stabbilit b’digriet mill-President Putin; Direttur tad-Department for Interaction with State Authorities and Work with the Regions of the State Corporation Roscosmos; Viċi President tal-Public Council of ”Roscosmos”	Alexander Zakharenko huwa membru u segretarju tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Mmbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa kien id-Direttur tad-Dipartiment għall-Interazzjoni ma’-Awtoritajiet Statali u l-Ħidma mar-Reġjuni tal-Korporazzjoni Statali Roscosmos (Department for Interaction with State Authorities and Work with the Regions of the State Corporation Roscosmos) mill-2015 ‘l hawn li juri l-esperjenza tiegħu fil-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet interdipartimentali essenzjali għall-kompiti tal-grupp ta’ ħidma. Għalhekk, Alexander Zakharenko huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implementazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1506.	Alexander Petrovich КОЛМАКОВ (Александр Петрович КОЛМАКОВ.)	<p>Data tat-twelid: 31.7.1955</p> <p>Post tat-twelid: Koroľov, Moscow Oblast, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’disgriet mill-President Putin; President tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa “Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia”;</p> <p>Kurunell Ġenerali ritirat</p>	<p>Alexander Kolmakov huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jsevi bħala l-president tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa Soċjetà Volontarja għall-Assistenza lill-Armata, lill-Forzi tal-Ajru u l-Forzi Navali tar-Russja (Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia) li tagħxi bħala ħolqa bejn il-militar u s-soċjetà Russi billi tiffaċilita r-reklutaġġ ta’ zgħażaġh fir-riżervi militari.</p> <p>Għalhekk, Alexander Kolmakov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1507.	<p>Andrey Andreevich MEDVEDEV (Андрей Андреевич МЕДВЕДЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 14.12.1975 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’ d’ġriet mill-President Putin; Viċi President tal-Moscow Duma, ġurnalista, Viċi Direttur Ġenerali ta’ VGTRK Numru tal-passaport, numru tal-identità nazzjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: 771373760000</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Andrey Medvedev huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diciembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jservi bħala l-vice president tad-Duma tal-Belt ta’ Moska u regolament jidher bħala sostenitur vokali tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rwol tiegħu bħala ġurnalista ta’ VGTRK.</p> <p>Għalhekk, Medvedev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1508.	Evgeniy Evgenievich PODDUBNYI (Евгений Евгеньевич ПОДДУБНЫЙ)	Data tat-twelid: 22.8.1983 Post tat-twelid: Belgorod, eks RSFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’ d’ġriet mill-President Putin; Ġurnalista, korrispondent tal-Gwerra għal VGTRK Numru tal-passaport: 14 02 828183	Evgeniy Poddubnyy huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jaħdem bħala korrispondent tal-gwerra għax-xandar tal-istat Russu VGTRK, fejn ixxerred id-dżimformazzjoni u l-propaganda favur il-Kremlin dwar il-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk Evgeniy Poddubnyy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1509.	<p>Igor Yurievich            ЧАЙКА            magħruf ukoll bħala            Yurievich CHAYKA            (Игорь Юрьевич            ЧАЙКА)</p>	<p>Data tat-twelid: 13.12.1988            Post tat-twelid: Moscow, eks USSR            (issa Russian Federation)            Nazzjonalità: Russa            Sess: raġel            Funzjoni: Negozjant Russu            Individwi assoċjati: Yury Chaika            (missier), Artem Chaika (huh)            Informazzjoni oħra għall-            identifikazzjoni: Unuri: Ċertifikat tal-            Mertu tal-President tal-Federazzjoni            Russa</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Igor Chaika huwa l-iben iż-żgħir ta' Yuri Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u l-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana.</p> <p>Igor Chaika bena imperu kummerċjali enormi li jiddependi fuq kuntratti statali u bis-saħħa tal-pożizzjoni ta' missieru. Huwa jwettaq ukoll attivitajiet kummerċjali fil-Krimea okkupata.</p> <p>Mill-2022, Igor Chaika huwa l-President tal-Kunsill Pubbliku taħt Rosstrudnichestvo, korp eżekuttiv federali Russu responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-geżjoni tal-proprietà tal-istat b'ix jappoġġa u jiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra.</p> <p>Għalhekk, Igor Chaika qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yury Chaika u Rosstrudnichestvo.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1510.	<p>Artem Yurevich СНАЙКА magħruf ukoll bħala Артеом Чаика magħruf ukoll bħala Артеом СНАУКА (Артем Юрьевич ЧАЙКА magħruf ukoll bħala Артем Юрьевич ЧАЙКА)</p>	<p>Informazzjoni għall-identifikazzjoni</p> <p>Data tat-twelid: 25.9.1977</p> <p>Post tat-twelid: eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa, Żvizzera</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Avukat u negozjant Russu</p> <p>Individwi assoċjati: Yury Chaika (missier), eks Prosekutur Ġenerali tar-Russian Federation (deżinjat fil-21.7.2022), Igor Chaika (nuh)</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Artem Chaika huwa l-ben il-kbir ta' Yury Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u r-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Huwa bna n-negozji tiegħu prinċipalment fuq il-kuntratti statali matul iż-żmien meta missieru kien il-Prosekutur Ġenerali. Il-kumpaniji ta' Artem Chaika ripetutament rebħu offerti ta' akkwist pubbliku minħabba t-tneħħija ta' kompetituri mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Artem Chaika huwa sid il-kumpanija PNK-Ural, l-akbar fornitur ta' ġebel imfarrak għal Russian Railways.</p> <p>Ramzan Kadyrov, il-kap tar-Repubblika Ċeċena u l-alleanz mill-qrib tal-President Putin, ħatar lil Artem Chaika bħala l-konsulent tiegħu għal kwistjonijiet umanitarji, soċjali u ekonomiċi f'Ottubru 2022.</p> <p>Għalhekk, Artem Chaika qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għaddestabbilizzazzjoni tal-Ukraina. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Ramzan Kadyrov.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1511.	Aleksandr Ivanovich UDALTSOV (Александр Иванович УДАЛЬЦОВ)	<p>Data tat-twelid: 5.7.1951</p> <p>Post tat-twelid: eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Id-Direttur Eżekuttiv tal-Fund for Support and Protection of the Rights of Compatriots Living Abroad (Pravfond)</p> <p>Entitajiet assoċjati: The Foundation for Support and Protection of the Rights of Compatriots Living Abroad</p>	<p>Alexandr Udaltsov huwa d-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għall-Appoġġ u l-Protezzjoni tal-Kompatrijotti li Jgħixu Barra (Foundation for Support and Protection of the Rights of Compatriots Living Abroad).</p> <p>F'Janar 2022, fl-laqgħa tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Fondazzjoni, Udaltsov imnota li l-Fond sar tip ta' struttura unika tas-"setgħa ta' perswazzjoni" tar-Russja, li għandha impatt sinifikanti fuq il-kompatrijotti u l-organizzazzjonijiet tagħhom madwar id-dinja. Fi Frar 2022, fl-ftuħ tal-wirja "Reati tal-Gwerra u Ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ukrajna (2017-2020)", huwa enfasisza li huwa estremament importanti li d-dinja kollha tiġi mgħarrfa bil-verità dwar n-natura kriminali u l-prattika misantropika tar-reġim ta' Kiev, essenzjalment il-bidu tal-aggressjoni uffiċjali ta' Kiev kontra r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk. Fit-28 ta' Frar 2022, fl-vidjokonferenza ospitata mill-International Association of Russian-Speaking Lawyers (MARA), Udaltsov esprima l-appoġġ tiegħu għall-pożizzjoni tal-President Putin u li r-Russja kienet ingieghla tiegħu d-deċiżjoni li tirrikonoxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk u tnedi operazzjoni militari speċjali. Huwa stieden lill-parteciċipanti tal-konferenza biex jikkontribwixxu sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni ta' Moskva.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
			Għalhekk, Alexandr Udaltsov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1512.	<p>Sergey Alexandrovich KARAGANOV (Сергей Александрович КАРАГАНОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 10.9.1952 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights; Superviżur Xjentifiku tal- Faculty of World Economy and International Affairs, Higher School of Economics; President Onorariju tal- Presidju tal-Council on Foreign and Defense Policy (SVOP) Individwi assoċjati: Valery Fadeyev</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Sergey Karaganov huwa xjenzat politiku Russu, president onorariju tal-Presidju tal-Kunsill dwar il-Politika Barranija u d-Difiża (Council on Foreign and Defense Policy - SVOP), u membru tal-Kunsill Prezidenzjali għas-Soċjeta' Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem (Presidential Council for Civil Society and Human Rights). Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni tar-Russja u xerred il-propaganda Russa dwar il-gwerra, flwaqt li sostru li l-Punent huwa lest li jeqred ir-Russja u li l-azzjonijiet militari għandhom l-għan li jiddenazifikaw lill-Ukrajna u jliberaw ir-reġun ta' Donbass.</p> <p>Għalhekk, Sergey Karaganov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1513.	<p>Rizvan Abdulayevich ZUBAIROV Ризван Абдуллаевич ЗУБАЙРОВ</p>	<p>Data tat-twelid: 18.7.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Imhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don Indirizz: Rostov-on-Don, pr-kt. Mikhail Nagibin 31B, apt. 40 Numru tal-passaport: 3914864377, maħruġ fl-10.4.2015</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Rizvan Zubairov huwa mhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar f'Rostov-on-Don. Huwa ħa deċiżjonijiet politikament motivati kontra ċ-ċittadini Ukreni li opponew l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.</p> <p>Huwa kkundanna għal 14-il sena ħabs lil Server Mustafayev – Tatar tal-Krimea li huwa difensur tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalista ċiviku li serva bħala l-koordinatur tal-organizzazzjoni tas-soċjeta' ċivili Crimean Solidarity, soċjeta' ċivili li ssegwi u tiddokumenta r-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-awtoritajiet Russi li qed jokkupaw lil-Krimea annessa illegalment.</p> <p>Għalhekk, Rizvan Zubairov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1514.	Roman Viktorovich SAPRUNOV (Роман Викторович САПРУНОВ)	Data tat-twelid: 23.3.1973 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Imhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don	<p>Roman Saprunov huwa mhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don. Huwa ħa deċiżjonijiet politkament motivati kontra ċittadini Ukreni li opponew l-ammessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.</p> <p>Huwa kkundanna għal 12-il sena ħabs lil Emir-Usein Kuku – attivist Tatar tal-Krimea mill-Grupp ta' Kuntatt dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Krimea (Crimean Human Rights Contact Group) li jsegwi l-għajbien furzat fil-Krimea u Sevastopol ammessi illegalment.</p> <p>Għalhekk, Roman Saprunov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1515.	Viktor Ivanovich ZINKOV (Виктор Иванович ЗИНЬКОВ)	Data tat-twelid: 9.4.1970 Nazjonalità: Ukrena, Russa Sess: taġel Funzjoni: Imhalef tas-"Supreme Court of the Republic of Crimea" Indirizz: Crimea, Simferopol, Krylova 37/72 app. 102, Ukraine Numru tal-passaport: Passaport tal- Federazzjoni Russa nru. 3914857478, maħruġ fl-20.4.2015	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet  Viktor Zinkov huwa mhalef tal-"Qorti Suprema tar- Repubblika tal-Krimea" stabbilita mill-forza okkupanti tar- Russja fil-Krimea amnessa illegalment.  Huwa ħa deċiżjonijiet politkament motivati kontra ċ-ċittadini Ukreni li opponew l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa kkundanna għal 17-il sena f'arrest lil Nariman Dzheylal, politiku Tatar tal-Krimea favur l-Ukrajna, attivist u Viċi President tal-Mejlis Tatari tal-Krimea.  Għalhekk, Viktor Zinkov huwa responsabbli għall-appoġġ u l- implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1516.	<p>Tatyana Anatolyevna MANEZHINA magħrufa wkoll bħala Tetyana Anataliivna MANEZHINA (bir-Russu: Татьяна Анатольевна МАНЕЖИНА) (b)l-Ukren: Тетяна Анатоліївна МАНЕЖИНА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Kultura tar-Repubblika tal-Krimea” Data tat-twelid: 14.6.1963 Post tat-twelid: Кореysk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Ukrena, Russa Sess: mara</p>	<p>Tetyana Manezhyna nħatret f'Diċembru 2021 bħala l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Kultura tar-Repubblika tal-Krimea”. Billi taċċetta dan ir-rwol, hija qed taħdem mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukreni fil-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Hija kompliet twestaq azzjonijiet fl-hekk imsejjaħ Ministeru, kif instigata mill-predeċessur tagħha. Taħt it-tmexxija u l-kontroll tagħha, hija responsabbli għal azzjonijiet kontra l-wirt kulturali u l-monumenti tat-Tatari tal-Krimea, li jtwettqu bi ksur tad-dritt internazzjonali u mingħajr għarfien espert xieraq, li b’hekk dgħajfu l-legat kulturali tal-Krimea. Billi assumiet u aġixxiet f’dan ir-rwol, Tetyana Manezhyna hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranita u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1517.	<p>Natalya Leonidovna DESYATOVA (bir-Russu: Наталья Леонидовна ДЕСЯТОВА b/Ukren: Наталія Леонідівна ДЕСЯТОВА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk insejjaħ Direttur tal-Kherson Fine Arts Museum Data tat-twelid: 11.7.1966 Post tat-twelid: Kherson, eks USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Natalya Desyatova nħatret f'Lulju 2022 bħala d-direttur tal-Muzej tal-Belle Arti ta' Kherson (Kherson Fine Arts Museum) mill-awtoritajiet Russi. Meta Kherson kien għadu taħt il-kontroll tal-Forzi Armati Russi, f'Ottubru u Novembru 2022 il-proprjetà kulturali tal-Muzej tal-Belle Arti ta' Kherson tneħħiet mill-muzej u tneħdet illegalment f'Simferopol, fil-Krimea annessa illegalment. Dan sar taħt il-kontroll ta' Desyatova u bl-assistenza tal-forzi tas-sigurtà Russi.</p> <p>Billi assumiet u agħxxiet f'dan ir-rwol, Natalya Desyatova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1518.	<p>Tatiana Georgievna BRATCHENKO</p> <p>магнруфа w koll bħala Тетяна Георгіівна BRATCHENKO</p> <p>(bir-Russu: Татьяна Георгиевна БРАТЧЕНКО</p> <p>b-Ukren: Тетяна Георгіївна БРАТЧЕНКО)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-Kherson Regional Museum</p> <p>Data tat-twelid: 17.11.1949</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: mara</p> <p>Numru tal-passaport, numru tal- identità nazzjonali, numri oħra tad- dokumenti tal-identità: Numru tal- passaport Ukrein: 058980</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Tatiana Bratchenko kienet id-direttur tal-Mużew Reġjonali ta' Kherson (Kherson Regional Museum). F'dan ir-rwol, hija volontarjament u deliberatament għenet lill-forzi tas-sigurtà Russi biex ibattlu l-mużew mill-arte-fatti tiegħu. Hija appoġġat pubblikament il-kontroll tar-Russja fuq ir-reġjun ta' Kherson u appoġġat l-annessjoni illegali tat-territorju.</p> <p>Tatiana Bratchenko hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1519.	<p>Natalia Aleksandrovnna КАПУСТНИКОВА (bir-Russu: Наталья Александровна КАПУСТНИКОВА b l-Ukren: Наталі Олександрівна КАПУСТНИКОВА)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-Mariupol Museum of Local History Data tat-twelid: 12.8.1977 Post tat-twelid: Mariupol, eks USSR (issa Ukraine) Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Natalya Kapustnikova hija d-direttur tal-Mużew tal-Istorja Lokali ta' Mariupol (Mariupol Museum of Local History). Hija skopriet is-sit tax-xogħlijiet tal-arti mill-Mużew tal-Arti "Kuindzhi" ta' Mariupol u tat dawk ix-xogħlijiet b'mod volontarju lill-awtoritajiet Russi, li ffaċilitaw it-trasferiment tagħhom għall-Mużew tal-Istorja Lokali ta' Donetsk. Dan sar mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni jew tad-Direttur tal-Mużew tal-Arti "Kuindzhi".</p> <p>Billi agħxiet f'dan ir-rwol, Natalya Kapustnikova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1520.	Andrei Vitalevich MALGIN (Андрей Витальевич МАЛЫГИН)	Funzjoni: Direttur tas-Central Museum of Taurida f'Simferopol Data tat-twelid: 11.6.1965 Post tat-twelid: Simferopol, eks USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Malgin huwa d-direttur tal-Mużew Ċentrali (Central Museum) ta' Taurida f'Simferopol, fil-Krimea annessa illegalment. Ix-xogħlijiet tal-arti ġew trasferiti mill-Mużew tal-Belle Arti ta' Kherson (Kherson Fine Art Museum) lill-Mużew Ċentrali ta' Taurida f'Simferopol, fejn bħalissa qed jinżammu taħt il-kontroll tiegħu.  Billi aġixxa f'dan ir-rwol, Andrei Malgin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1521.	<p>Alexey Vasilyevich TENSIN (bir-Russu: Алексей Васильевич ТЕНСИН) (b)Ukren: Олексій Васильович ТЕНСІН)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-kumpanija b'ishma konġunti "PMC Wagner Centre" Data tat-twelid: 28.11.1971 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Wagner Group</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Alexey Tensin huwa l-Kap Eżekuttiv Uffiċjali maħtur tal-kumpanija b'ishma konġunti "PMC Wagner Centre", impriża kummerċjali Russa li għandha l-għan li tappoġġa l-investiment u l-innovazzjoni tas-settur privat sabiex tappoġġa u ssahhaq il-kapaċitajiet tad-difiża tar-Russja.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'dan ir-rwol, Alexey Tensin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1522.	Alexander Alexandro vich TRONIN (Александр Александрович ТРОНИН)	<p>Funzjoni: Fundatur u manager tal-grupp taż-żgħażaġh “Wagnerenok”, magħruf ukoll bħala “Leader”</p> <p>Data tat-twelid: 20.5.2004</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-passaport: 4018037770</p> <p>Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin</p> <p>Entitajiet assoċjati: Wagner Group</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Alexander Tronin huwa l-fundatur u l-kuratur ta' fe'rgħa taż-żgħażaġh tal-PMC Wagner Group, li topera fl-bini tal-PMC Wagner Centre. L-għan ewlieni ta' dan il-klabb, li qabel kien jissejjaħ “Wagnerenok” u attwalment “Leader” huwa li jirrekkluta żgħażaġh Russi li jixtiequ jappoġġaw il-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna kif ukoll l-attivitajiet tal-PMC Wagner Group imfisu. Fl-ambitu tal-PMC Wagner Group, dawn jistgħu jkunu involuti fi proġetti, bħall-iżvilupp u l-kontroll ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, li qed jintużaw mir-Russja fl-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'dan ir-rwol, Alexander Tronin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1523.	Sergei Fedorovich RUDSKOY (Сергей Федорович РУДСКОЙ)	<p>Funzjoni: Kap tal-Main Operational Directorate of the General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation; Kurunell Ġenerali</p> <p>Data tat-twelid: 2.10.1960</p> <p>Post tat-twelid: Mykolaiv, eks USSR (issa Ukraine)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Kurunell Ġenerali Sergei Rudskoy huwa l-Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati (Main Operational Directorate of the General Staff of the Armed Forces) tal-Federazzjoni Russa mill-2015. Fost ir-responsabbiltajiet tiegħu, id-Direttorat Operazzjonali Prinċipali jissorvelja l-ippjanar strateġiku u operazzjonali għall-użu mill-Forzi Armati, inkluż il-kontroll operazzjonali tat-truppi fi żmien ta' paċi u ta' gwerri. Għalhekk, id-Direttorat jikkontribwixxi direttament għall-gwerri ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jiffaċilitaha.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'dan ir-rwol, il-Kurunell Ġenerali Sergei Rudskoy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1524.	Yevgeny Valeryevich NIKIFOROV (Евгений Валерьевич НИКИФОРОВ)	Funzjoni: Kmandant tal-Western Military District; Kurunell General Data tat-twelid: 1.1.1970 Post tat-twelid: Aksha, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Minn Jannar 2023, il-Kurunell General Yevgeny Nikiforov huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent (Western Military District) tal-Federazzjoni Russa. Taħt il-kmand tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż it-truppi tad-Distrett Militari tal-Punent, qed ikompli bl-attakki tagħhom kontra l-Ukrajna, fil-kuntest tal-gwerrata' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Billi assumta u aġixxa f'dan ir-rwol, il-Kurunell General Yevgeny Nikiforov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1525.	Sergei Yuryevich KUZOVLEV (Сергей Юрьевич КУЗОВЛЕВ)	Funzjoni: Kmandant tas-Southern Military District of the Russian Federation; Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 7.1.1967 Post tat-twelid: Mishurinsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Kurunell Ġeneral Sergei Kuzovlev huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa mit-23 ta' Jannar 2023. Taħt il-kmand u l-kontroll tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż it-truppi tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, huma impenjati fil-għied fl-Ukrajna.</p> <p>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell Ġeneral Sergei Kuzovlev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1526.	<p>Andrey Nikolayevich MORDVICHEV (Андрей Николаевич МОРДВИЧЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Kmandant tas-Central Military District of the Russian Federation; Logutentent Ġeneral Data tat-twelid: 14.1.1976 Post tat-twelid: Pavlodar, eks USSR (issa Kazakhstan) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Logutentent Ġeneral Andrey Mordichev huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari Ċentrali tal-Federazzjoni Russa mis-17 ta' Frar 2023. Taħt il-kmand u l-kontroll tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż il-truppi tad-Distrett Militari Ċentrali, huma impenjati fil-ġlied fl-Ukrajna.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Logutentent Ġeneral Andrey Mordichev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1527.	Aleksandr Pavlovich LAPIN (Александр Павлович ЛАПИН)	<p>Funzjoni: Кап Кмандант тар-Russian Ground Forces; Kurunell General</p> <p>Data tat-twelid: 1.1.1964</p> <p>Post tat-twelid: Kazan, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: serje 1808 Nru 233282</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 344407793386</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Kurunell General Aleksandr Lapin huwa l-Kap ta-Persunal tal-Forzi ta-Art Russi mill-10 ta' Jannar 2023. F'din il-kapaċità, huwa l-Kap Kmandant tat-truppi Russi fuq l-art li qed jipparteċipaw direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Qabel kien il-Kmandant tad-Distrett Militari Ċentrali tal-Federazzjoni Russa, inkluż matul il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala tali, huwa kkomanda l-offensiva Russa tal-2022 fid-direzzjonijiet ta' Chernihiv u Sumy.</p> <p>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell General Aleksandr Lapin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1528.	Tatyana Viktorovna SHEVTSOVA (Татьяна Викторовна ШЕВЦОВА)	<p>Funzjoni: Viċi Ministru tad-Difiża tar-Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 22.7.1969</p> <p>Post tat-twelid: Kozelsk, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Tatyana Shevtsova hija Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-baġit u l-attivitàjiet finanzjarji tal-Ministeru. Hija tissorvelja l-ġesjoni tar-riżorsi u hija responsabbli għall-pagamenti lil suldati mobilizzati, fil-għeda kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-finanzjaturi militari taħt il-kontroll tagħha qed jidderieġu r-riżorsi lejn it-territorji amnessi illegalment tal-Ukrajna.</p> <p>Billi ħadet u aġixxiet f'din il-kapaċità, Tatyana Shevtsova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1529.	Yevgeniy Vladimirovich BURDINSKIY (Евгений Владимирович БУРДИНСКИЙ)	Funzjoni: Kap tal-Main Organisational and Mobilization Directorate of the General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation; Viċi Kap tal-General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation; Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 25.8. 1960 Post tat-twelid: Belogorsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet  Il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Burdinsky huwa l-Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Organizzazzjoni u l-Mobilizzazzjoni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u l-Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, huwa direttament responsabbli biex iġihin jiffaċilita l-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini Russi fil-gwerra.  Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Burdinsky huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta' Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1530.	Viktoria Alexandrovna SERDYUKOVA (Виктория Александровна СЕРДЮКОВА)	Funzjoni: L-hekk innejjah “Commissioner for Human Rights in the Luhansk People’s Republic” Data tat-twelid: 9.6.1981 jew 1982 Post tat-twelid: Severodonetsk, eks USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Viktoria Serdyukova ilha l-hekk innejjah “Commissioner for Human Rights in the Luhansk People’s Republic” mill-5 ta’ Ottubru 2021. F’dan ir-rwol, hija appoġġat il-gwerra ta’ agġfressjoni li r-Russja nediet kontra l-Ukrajna fl-24 ta’ Frar 2022. Hija appoġġat l-annessjoni illegali tat-territorju ta’ Luhansk u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni Russa f’dak it-territorju u f’territorji oħra annessi illegalment.  Billi ħadet u aġixxiet f’din il-kapaċità, Viktoria Serdyukova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1531.	Yevgeniy Ivanovich ДИЕТРИХ magħruf ukoll bħala Yevgeny Ivanovich ДИТРИХ (Евгений Иванович ДИТРИХ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-JSC GTLK Data tat-twelid: 8.9.1973 Post tat-twelid: Mytishchi, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: JSC GTLK	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet  Yevgeniy Dietrich huwa d-direttur ġenerali tal-kumpanija b'ishma konġunti 'State Transport Leasing Company' (JSC GTLK), li hija kollha proprjetà tal-Ministeru tat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Bħala kumpanija tal-istat, GTLK qed tibbenefika finanzjarjament mill-Gvern u tipprovdi wkoll servizzi fil-Krimea annessa illegalment u fil-Belt ta' Sevastopol.  Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Yevgeniy Dietrich huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1532.	<p>Semyon Vladimirovich PEGOV (Семён Владимирович ПЕГОВ)</p>	<p>Funzjoni: Blogger militari Data tat-twelid: 9.9.1985 Post tat-twelid: Smolensk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 673110457100</p>	<p>Semyon Pegov huwa blogger militari Russu u jmexxi wieħed mill-aktar mezzi tal-media soċjali popolari fir-Russja favur il-gwerra, WarGonzo. Huwa spiss jidher fil-media Russa kkontrollata mill-istat. Semyon Pegov u WarGonzo jxerdu propaganda kontra l-Ukrajna u jipromwovu l-militar Russu u l-PMC Wagner, u juru l-forzi Ukreni bħala Nazis u jxerdu informazzjoni falza dwar laboratorji bijoloġiċi tan-NATO f'Mariupol.</p> <p>Semyon Pegov jipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattivi tal-awtoritajiet Russi li jipromwovu l-gwerra u l-mobilizzazzjoni u ġie ppremjat mill-awtoritajiet Russi.</p> <p>Għalhekk, Semyon Pegov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1533.	<p>Aleksandra Vladimirovna KOSTERINA/  magħrufa ukoll bħala Aleksandra Vladimirovna KOSHARNITSKAYA/  magħrufa ukoll bħala Aleksandra Vladimirovna KOSHARNITSKAYA KOSTERINA  (Александра Владимировна КОШАРНИЦКАЯ/КОСТЕРИНА)</p>	<p>Funzjoni: L-ewwel Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u Kap Editur ta' NTV.  Data tat-twelid: 26.2. 1980  Post tat-twelid: Krasnodar, eks USSR (issa Russian Federation)  Nazjonalità: Russa  Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) hija l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u Kap Editur ta' NTV (HTB), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa kontroll dirett tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>NTV jimplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, NTV kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u appoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux iwwerifikata.</p> <p>Bħala Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u l-Kap Editur, Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) għandha influwenza diretta fuq il-kontenut fuq NTV u l-mod kif jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet li jieħu l-gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) hija responsabli għall-appoġġ u l-impimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1534.	Olga Nikolaevna BELOVA (Ольга Николаевна БЕЛОВА)	<p>Funzjoni: Preżentatriċi tal-istazzjon televiżiv Zvezda</p> <p>Data tat-twelid: 19.7. 1976</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p> <p>Individwi assoċjati: Aleksei Viktorovich PIMANOV</p> <p>Entitajiet assoċjati: Open Joint Stock Company TV and Radio Company of the Armed Forces of the Russian Federation "Zvezda"</p> <p>ОАО ТРК ВС РФ "ЗВЕЗДА"</p>	<p>Olga BELOVA hija propagandista li taħdem fuq TV Zvezda, strument tal-Forzi Armati Russi. Hija tippreżenta l-programmi ewlenin ta' TV Zvezda, li regolament ixerrdu diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, idgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, u jipprovdu appoġġ kruċjali mill-media għall-politika tal-Kremlin. B'mod partikolari, hija xerret diżinformazzjoni li l-Ukreni huma Nazisti li qed jħejju wkoll bombi bijoloġiċi u kimiċi kontra r-Russi.</p> <p>Hija wkoll membru ta' bord ta' tmexxija tal-organizzazzjoni "Mother of Russia", li tappoġġa l-gwerra fta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Olga BELOVA hija responsabli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1535.	<p>Andrey Olegovich KONDRASHOV (Андрей Олегович КОНДРАШОВ)</p>	<p>Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġeneral ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Data tat-twelid: 30.6.1973 Post tat-twelid: Alma-Ata, eks USSR (issa Kazakistan) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Andrey Kondrashov huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja.</p> <p>Qabel ma sar l-Ewwel Viċi Direttur ta' VGTRK, huwa ħadem bħala segretarju tal-istampa tal-kwartieri ġenerali tal-kampanja ta' Putin u kiteb "dokumentarji" bħal "Crimea. The Way Home" u "Putin". Huwa rċieva l-premjju tal-Ordni ta' Ħbiberija mill-President Putin għal "professjonaliżmu kbir u oġġettività fir-rappurtar ta' avvenimenti fir-Repubblika tal-Krimea" f'Mejju 2014.</p> <p>Huwa kien inkarigat mill-politika ta' informazzjoni ta' VGTRK u d-direttur tal-programm Vesti - News. Matul il-gwerra kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżivi u partijiet oħra tal-kumpanja VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi, li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna u jappoġġaw l-ammissjoni illegali tal-Krimea.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
			<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tagħha, Andrey Kondrashov huwa direttament responsabbli għall-azzjonijiet ta' din il-korporazzjoni tal-media. Bħala l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali inkarigat mill-informazzjoni u x-xandir politiku, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK tinforma linnes dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jieħu l-Gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, Andrey Kondrashov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jidghajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1536.	<p>Mikhail Vladimirovich LEONTYEV (Михаил Владимирович ЛЕОНТЬЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Ġurnalist, Preżentatur tat-TV fuq Pervy Kanal, Segretarju tal-istampa ta' "Rosneft" Data tat-twelid: 12.10. 1958 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Mikhail Leontyev huwa propagandista fuq Pervyi Kanal (Chanel One), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa taħt il-kontroll dirett permanenti tal-Federazzjoni Russa. Pervyi Kanal jimplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Pervyi Kanal kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa wkoll viċi president u segretarju tal-istampa ta' Rosneft. Mill-1999 'l hawn huwa kien l-awtur u preżentatur ta' program emblematicu "Odnako" fuq Pervyi Kanal, fejn regolarment idgħajef l-istat tal-Ukrajna u jgġustifika l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Mikhail Leontyev huwa responsabli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1537.	<p>Rifat Abdulvagapovich SABITOV (Рифат Абдулвагапович САБИТОВ)</p>	<p>Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), President tal-Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber of the RF</p> <p>Data tat-twelid: 30.4. 1956</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Rifat Sabitov huwa l-Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Matul il-gwerra kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżivi u partijiet oħra tal-kumpanja VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux iwwerifikata.</p> <p>Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tagħha, Rifat Sabitov huwa direttament responsabbli għall-azzjonijiet ta' VGTRK. Bħala Viċi Direttur Ġenerali huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jġeħu l-gvern Russu.</p> <p>Barra minn hekk, huwa involut b'mod attiv fit-tiswir tal-ambjent ta' informazzjoni restrittiva fir-Russja bħala President tal-Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber tal-Federazzjoni Russa, President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għall-Iżvilupp Diġitali tar-Russja u f'bosta korpi oħra.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
		Individwi assoċjati: Oleg Dobrodeev, Evgeniy Bekasov Entitajiet assoċjati: All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Informazzjoni oħra għall- identifikazzjoni: TIN: 773314059364	Għalhekk, Rifat Sabitov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1538.	Viktor Sergeevich SINEOK (Виктор Сергеевич СИНЕОК)	Funzjoni: Korrispondent speċjali u artikolista tal-Multimedia Information Center (MIC) Izvestia Data tat-twelid: 19.3. 1980 Post tat-twelid: Rostov on Don, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Balanova Svetlana Evgenievna, Tyulin (Tyulin) Vladimir Vladimiro vich, Frolov Mikhail Evgenievich	Viktor Sineok huwa korrispondent u artikolista għaċ-Ċentru ta' Informazzjoni Multimedia (MIC) Izvestia, proġett tal-kumpanja tal-Grupp Nazzjonali tal-Media (NMG) li jipprovdi servizzi tal-aħbarijiet għall-Istazzjoni tat-TV REN, l-Istazzjon Five u l-gazzetta Izvestia. Viktor Sineok ilu jxerred b'mod attiv il-propaganda u d-diżinformazzjoni marbutin mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russia kontra l-Ukraina kemm qabel l-invażjoni sħiħa tal-24 ta' Frar 2022 kif ukoll wara. Huwa ilu jipromwovi l-politiki u l-azzjonijiet tal-Kremlin, ifaħħar it-tmexxija Russa, jinmanipula l-informazzjoni dwar l-atroċitajiet imwettqa mill-armata Russa u jfaħħar l-annessjonijiet tar-reġjuni Ukreni.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
		<p>Entitajiet assoċjati: National Media Group.</p> <p>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TTN: 616404561125</p>	<p>Huwa ħejja ripetutament rapporti u artikli li jippruvaw jikkonvinċu lill-udjenzi li l-informazzjoni dwar l-atroċitajiet Russi mwettqa f'postijiet bħal Bucha hija vvintata u mhux vera. Huwa kien qed jikkontribwixxi biex iqanqal il-mibegħda lejn l-Ukreni billi irrepeta d-diżinformazzjoni tal-Gvern Russu dwar il-ġenoċidju f' Donbas u jċaħħad l-indipendenza tal-Ukrajna. Fir-rapporti tiegħu, huwa kien qed javvanza l-biċċa l-kbira tan-narrattivi ewlenin ta' diżinformazzjoni Russi dwar l-Ukrajna, inkluż dik dwar il-laboratorji bijoloġiċi immexxija mill-Istati Uniti fl-pajjiż.</p> <p>Għalhekk, Viktor Sineok qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1539.	Boris Georgievich YANOVSKY (Борис Георгиевич ЯНОВСКИЙ)	<p>Funzjoni: Produttur Eżekuttiv ta' Zvezda TV channel</p> <p>Data tat-twelid: 25.10. 1968</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Aleksei Viktorovich Pimanov</p>	<p>Boris Yanovsky huwa propagandist u l-produttur ġenerali ta' TV Zvezda. Bħala l-produttur ġenerali, Yanovsky huwa responsabbli għall-produzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut għal TV Zvezda, li regolament ixxerred id-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna u jipprovdi appoġġ kruċjali mill-media għall-politika tal-Kremlin. Bħala produttur ġenerali ta' TV Zvezda, huwa involut fit-tixrid tad-diżinformazzjoni li l-Ukreni huma Nazisti u qed iħeġġu bombi bijoloġiċi u kimiċi li ser jintużaw kontra r-Russi.</p> <p>Għall-attivitàjiet tiegħu, Yanovsky ġie ppremjat personalment il-midalja "Għat-Tsihih tal-Ġlieda kontra l-Commonwealth".</p> <p>Għalhekk, Boris Yanovsky huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li joġġafu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1540.	Anton Andreeviċh ZLATOPOLSKIY (Антон Андреевич ЗЛАТОПОЛЬСКИЙ)	<p>Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġeneral ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK); Direttur Ġeneral ta' Rossiya 1 TV Channel</p> <p>Data tat-twelid: 12.9. 1966</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Oleg Dobrodeev, Evgeniy Bekasov</p> <p>Entitajiet assoċjati: All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)</p> <p>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 772903574300</p>	<p>Anton Zlatopolskiy huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Huwa wkoll Direttur Ġenerali fit-tul tal-istazzjoni televiżiv Rossiya 1. Matul il-gwerra ta' aġressjoni kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżivi u partijiet oħra tal-kumpanija VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aġressivi u informazzjoni mhux iwwerifikata.</p> <p>Bħala l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali għal żmien twil, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aġressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jieħu l-Gvern Russu. Huwa wkoll responsabbli għall-attivitajiet ta' propoġanda tal-istazzjoni televiżiv Rossiya 1.</p> <p>Għalhekk, Anton Zlatopolskiy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1541.	<p>Aleksandr Viktorovich GUSEV (bi-Russu: Александр Викторович ГУСЕВ) (bi-Ukren: Олександр Вікторович ГУСЄВ))</p>	<p>Funzjoni: Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh Data tat-twelid: 27.1.1963 Post tat-twelid: Ozyerskoye, Kozelsky District, Kaluga Oblast, eks RSFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Aleksandr Gusev huwa l-Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh. F'dan ir-rwol, huwa kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-reġjun ta' Voronezh għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn famiji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Aleksandr Gusev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politik li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1542.	Galina Anatolyevna PYATYKH magħruf ukoll bħala PYATYKH magħruf ukoll bħala “Galina Fifth” (bir-Russu: Галина Анатольевна ПЯТЬХ) (b)l-Ukren: Галина Анатолівна ПЯТИХ)	Funzjoni: Konsulent tal-Gvernatur tar-Reġjun ta' Belgorod, Commissioner for Children's Rights in Belgorod Region Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 12.5.1970 Post tat-twelid: Dubovoe, Belgorod region, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: mara	Galina Pyatykh hija l-Konsulent tal-Gvernatur tar-Reġjun ta' Belgorod u l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Belgorod. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Galina Pyatykh jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Galina Pyatykh hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1543.	<p>Irina Anatolyevna AGEEVA (bir-Russu Ирина Анатольевна АГЕЕВА) (b)l-Ukren: Ирина Анатолівна АГЕСВА)</p>	<p>Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga Data tat-twelid: 29.12.1976 Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Irina Ageeva hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn famijji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Ageeva jksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Irina Ageeva hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1544.	<p>Irina Aleksandrovna CHERKASOVA (bi-Russu: Ирина Александровна ЧЕРКАСОВА)(bi- Ukren: Ирина Олександрівна ЧЕРКАСОВА)</p>	<p>Funzjoni: Il-Kummissarju għad- Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Bataysk, Rostov region, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Irina Cherkasova hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn famijji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Cherkasova jksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Irina Cherkasova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1545.	<p>Mansur Mussayevich SOLTAEV (bir-Russu: Мансур Мусаевич СОЛТАЕВ) (b'l-Ukren: Мансур Муссайович СОЛТАЄВ)</p>	<p>Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika ta' Chechen Data tat-twelid: 13.6. 1978 Post tat-twelid: Saratov, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Mansur Soltaev huwa l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tar-Repubblika ta' Chechen. F'dik il-kapaċità, huwa jservi bħala interlokutor ewlieni tal-gvern, li jippromwovi b'mod attiv narrattivi uffiċjali. Mansur Soltaev huwa responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-persekuzzjoni tal-militanti kontra l-gwerra u t-trażżin ta' protesti kontra l-mobilizzazzjoni Russa tat-truppi. Huwa qed jipparteċipa wkoll fid-deportazzjoni ta' persuni ċivili tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" inkluż id-deportazzjoni ta' tfal Ukreni lejn il-kampijiet ta' taħriġ militari fi-Ċeċenja. L-azzjonijiet ta' Mansur Soltaev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Mansur Soltaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1546.	<p>Muslim Magomedovich KHUCHIEV (bir-Russu: Муслим Магомедович ХУЧИЕВ)</p> <p>(b)l-Ukren: Муслим Магомедович ХУЧИЕВ)</p>	<p>Funzjoni: President tal-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja, President tal-grupp ta' ħidma fil-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja</p> <p>Data tat-twelid: 5.8.1971</p> <p>Post tat-twelid: Zakan-yurt, Achkhoy-Martanovsky district, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Ramzan Kadyrov</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Muslim Khuchiev huwa l-President tal-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. F'dan ir-rwol, Muslim Khuchiev huwa involut mill-qrib ma' Ramzan Kadyrov fil-pjanijiet ta' produzzjoni militari taċ-Ċeċenja għall-użu mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna ċittadini Ukreni lejn ir-Repubblika taċ-Ċeċenja. Muslim Khuchiev huwa wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni bil-forza ta' f'al Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn famliji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Muslim Khuchieva huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jd għajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1547.	Vladimir Vladimirovich VLADIMIROV (bir-Russu: Владимир Владимирович ВЛАДИМИРОВ)(b1- Ukrein: Володимир Володимирович ВЛАДИМІРОВ)	Funzjoni: Gvernatur ta' Stavropol Krai (Region) Data tat-twelid: 27.7. 1963 Post tat-twelid: Georgievsk, Stavropol Region, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet Vladimir Vladimirov huwa l-Gvernatur ta' Stavropol Krai. F'dan ir-rwol, huwa kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-reġjun ta' Stavropol Krai għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn famijji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva ta-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Vladimirov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1548.	<p>Vladimir Mikhailovich MOROZOV  magħruf ukoll bħala  Uladzimir Mikhailavich MAROZAU  (bir-Russu: Владимир Михайлович МОРОЗОВ)  (bil-Belarusu: Уладзімір Міхайлавіч MAROЗАЎ)</p>	<p>Funzjoni: Kap ta' Belarusian Railways  Data tat-twelid: 1965  Post tat-twelid: Buda-Koshelevo, Gome region, eks USSR (issa Belarus)  Nazjonalità: Belarussa  Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Vladimir Morozov huwa l-Kap tal-Ferroviji Belarussi (Belarusian Railways), li joperaw servizz ferrovjarju bejn ir-Russja u l-Belarusja. F'dan ir-rwol, huwa appoġġa l-istazzjonament u t-trasport ta' persunal militari Russu u tagħmir involut fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina.</p> <p>Għalhekk, Vladimir Morozov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1549.	Dmitriy Aleksandrovich PANTUS магнруф укoll бѣла Дзмітры Аляксандравіч PANTUS/ (bir-Russu: Дзмітрый Аляксандравіч ПАНТУС) (bil-belarussu: Дзмітрый Аляксандравіч ПАНТУС)	Funzjoni: President tal-iState Authority for Military Industry of Belarus Data tat-twelid: 9.6. 1982 Post tat-twelid: Berezovka, Grodno region, eks USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Pantus huwa l-President tal-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari tal-Belarussja. L-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari tal-Belarussja tiżviluppa u żżomm l-armi, tippromwovi l-produzzjoni ta' armi minn intrapriżi subordinati biex ifornu lill-forzi armati Russi, tipprovdi kooperazzjoni militari-industrijali, tissorvelja l-moviment tal-armi tul il-fruntiera tal-istat u tipprovdi navigazzjoni lill-forzi armati Russi. Fil-pożizzjoni tiegħu, Dmitry Pantus qed jipprovdi appoġġ militari lill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, Dmitriy Pantus huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1550.	Boris Sergeevich ALYOSHIN (Борис Сергеевич АЛЕШИН)	<p>Funzjoni: Vċi President ta' LLC "SoyuzMash Russia"; Konsulent għad-Direttur Ġenerali ta' PJSC "United Aircraft Corporation" dwar ix-xjenza u t-teknoloġija</p> <p>Data tat-twelid: 3.3.1955</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Boris Alyoshin huwa negozjant Russu involut fl-attività ta' kumpaniji u korporazzjonijiet Russi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-bażi militari Russu. Huwa wieħed mill-fundaturi u l-maniġers tal-LLC "SoyuzMash Russia", li tgħaqqad flimkien aktar minn elf indusirja militari u ċivili Russi.</p> <p>Barra minn hekk, Boris Alyoshin huwa involut fl-ġestjoni ta' bosta korporazzjonijiet u kumpaniji iżgħar Russi li jipproduċu prodotti militari. Huwa l-konsulent għad-Direttur Ġenerali ta' PJSC "United Aircraft Corporation" dwar ix-xjenza u t-teknoloġija. PJSC "United Aircraft Corporation", b'shem ta' maġġoranza li jappartjeni għall-Gvern Russu, tikkonsolida kumpaniji u assi Russi li jimmanifatturaw inġenji tal-ajru privati u tal-Istat u li huma involuti fl-manifattura ta' inġenji tal-ajru għat-trasport militari u ċivili, kif ukoll inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ. Boris Alyoshin huwa wkoll il-president tal-bord tad-diretturi tal-kumplex indusirjali Kronstadt, li jipproduċi droni militari li jintużaw mill-forzi militari Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
		<p>Entitajiet assoċjati:  P.JSC "United Aircraft Corporation";  JSC "Kronstadt Group"</p>	<p>Barra minn hekk, Boris Alyoshin huwa s-superviżur akkademiku tar-Research Center Institute imsemmi għal N.E. Zhukovsky. Xi wħud mill-funzjonijiet ta' dan l-istitut huma l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fil-qasam tal-konstruzzjoni ta' inġenji tal-ajru u l-użu tar-riżultati xjentifiċi u tekniċi miksuba biex jġu żviluppati setturi oħra tal-ekonomija tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, Boris Alyoshin huwa responsabbli li ta appoġġ lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-ammissjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1551.	Veniamin Ivanovich KONDRATYOV magħruf ukoll bħala Veniamin Ivanovich KONDRATYEV (Вениамин Иванович КОНДРАТЬЕВ)	Funzjoni: Gvernatur tal-Krasnodar Region of the Russian Federation Data tat-twelid: 1.11.1970 Post tat-twelid: Prokopyevsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Informazzjoni oħra: TIN: 233005199735	Veniamin Kondratyov huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Krasnodar tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, Veniamin Kondratyev qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni, il-ħtif u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom f'famiji Russi. L-azzjonijiet ta' Veniamin Kondratyev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva ta-Ukrajna. Għalhekk, Veniamin Kondratyev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1552.	Murat Karalbiyevich KUMPILOV magħruf ukoll bħala Murat Karalbiyevich KUMPILOV (Murat Каральбиевич КУМПИЛОВ)	Funzjoni: Kap tar-Republic of Adygea of the Russian Federation; segretarju tal-fergħa reġjonali ta' Adygea ta' United Russia (Edinaya Rossiya) Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 27.2.1973 Post tat-twelid: Ulyap, Krasnogvardeysky district, Republic of Adygea, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Informazzjoni oħra: TIN: 010200122926	Murat Kumpilov huwa l-kap tar-Repubblika ta' Adygea tal-Federazzjoni Russa u segretarju tal-fergħa reġjonali ta' Adygea tal-Partit United Russia (United Russia Party). F'dan ir-rwol, Murat Kumpilov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni lejn l-areġun tiegħu. Murat Kumpilov huwa wieħed mill-mexxejja ("kampijiet tas-saħħa" u faċilitajiet ta' redukkazzjoni li jnsabu fir-reġun tiegħu. Murat Kumpilov huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Murat Kumpilov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Murat Kumpilov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1553.	Sergey Konstantinovich NOSOV (Сергей Константинович НОСОВ)	<p>Funzjoni: Gvernatur tal-Magadan region of the Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Data tat-twelid: 17.2.1961</p> <p>Post tat-twelid: Magnitogorsk, Chelyabinsk region, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Informazzjoni oħra: TIN: 662300439460</p>	<p>Sergey Nosov huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Magadan tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, Sergey Nosov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jnsabu fir-reġjun tiegħu, inkluż kampijiet immexxija minn Artek, organizzazzjoni nazzjonalista Russa li ssospendiet ir-ritorn ta' tfal Ukreni lejn familjohom. Sergey Nosov huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Sergey Nosov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Sergey Nosov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1554.	<p>Zamid Aliyevich CHALAYEV (Замид Алиевич ЧАЛАЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Kmandant tas-Second Special Purpose Police Regiment of the Ministry of Internal Affairs of the Russian Federation in the Chechen Republic Data tat-twelid: 19.8.1981 Post tat-twelid: Benoi, Nozhai-Yurt district, Chechnya, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel</p>	<p>Zamid Chalayev huwa l-kmandant tas-Second Special Purpose Police Regiment tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa fir-Repubblika taċ-Ċeċenja. Bħala kmandant tas-Second Special Purpose Police Regiment taċ-Ċeċenja, Zamid Chalayev jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fejn, fost l-oħrajn, ipparteċipata fil-qbid tal-belt ta' Mariupol mir-Russja u fl-atakk tal-inpjan tal-metallurġija "Azovstal". Barra minn hekk, Zamid Chalayev huwa involut direttament fir-riedukazzjoni u t-taħriġ militari furzat ta' tfal Ukreni. Huwa jipparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni ta' kampijiet ta' "riedukazzjoni militari" bbażati fir-Repubblika taċ-Ċeċenja. Hemm kamp ta' indottrinazzjoni partikolari li jisforza lill-adolexxenti Ukreni isegwu "kurs għall-ġellieda żgħażaġh", li jgħalliem lil-tfal Ukreni jħaddmu tagħmir militari. Zamid Chalayev huwa wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Repubblika taċ-Ċeċenja. L-azzjonijiet ta' Zamid Chalayev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Zamid Chalayev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1555.	Vladimir Viktorovich SOLODOV (Владимир Викторович СОЛОДОВ)	Funzjoni: Gvernatur tal-Kamchatka Krai of the Russian Federation Data tat-twelid: 26.7.1982 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur ta' Kamchatka Krai, Vladimir Solodov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni illegali ta' tfaġġ Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfaġġ Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġjun tiegħu. Huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għojjin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfaġġ Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Solodov jiksru d-drittijiet tat-tfaġġ Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva ta-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Solodov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1556.	<p>Leyla Rinatovna FAZLEEVA (Лейла Ринаговна ФАЗЛЕЕВА)</p>	<p>Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Republic of Tatarstan; President ta' Tatarstan Republic's Commission on Juvenile Affairs and the Protection of their Rights Data tat-twelid: 29.5.1975 Post tat-twelid: Kant village, Kant region, eks USSR (issa Kyrgyzstan) Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Fir-rwol tagħha bħala Viċi Prim Ministru tar-Repubblika ta' Tatarstan, kif ukoll President tal-Kummissjoni tar-Repubblika dwar l-Affarijiet taż-Żgħira u l-Protezzjoni tad-Drittijiet Tagħhom, Leyla Fazleeva qed tikkontribwixxi għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Hija qed tiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġun tagħha, inkluż il-kamp "Miras" fid-distrett ta' Zelenodolsky. Hija waħda mill-uffiċjali reġjonali involuti fl-ippjanar, l-ibbagġjar u s-sorveljanza tal-kampijiet f'Tatarstan, li jospitaw gruppi ta' tfal mit-territorji okkupati tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Leyla Fazleeva hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1557.	Rinat Nailevich SADYKOV (Ринаг Наилевич САДЫКОВ)	Funzjoni: Ministru għall-Affarijiet taż- Żgħażaġħ tar-Republic of Tatarstan Data tat-twelid: 18.3.1986 Post tat-twelid: Kazan, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Fir-rwol tiegħu bħala Ministru għall-Affarijiet taż-Żgħażaġħ tar-Repubblika ta' Tatarstan, Rinat Sadykov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġjun tiegħu, inkluż il-kamp "Miras" fid-distrett ta' Zelenodolsky. Huwa wieħed mill-uffiċjali reġjonali involuti fl-ippjanar, l-ibbagġjar u s-sorveljanza tal-kampijiet f'Tatarstan, li jospitaw gruppi ta' tfal mit-territorji okkupati tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Rinat Sadykov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1558.	Ksenia Vladimirovna MISHONOVA (Ксения Владимировна МИШОНОВА)	Funzjoni: Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Moscow Oblast Data tat-twelid: 14.12.1972 Post tat-twelid: Pavlohrad, eks USSR (ilum Ukraine) Sess: mara	Ksenia Mishonova hija Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Moscow Oblast. Hija involuta fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn it-territorju tal-Federazzjoni Russa. Hija ffaċilitat ukoll it-trasferiment tal-kustodja ta' tfal Ukreni fir-Russja, kif ukoll l-għoti ta' ċittadmanza Russa lilhom. L-azzjonijiet tagħna jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni. Għalhekk, Ksenia Mishonova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1559.	<p>Darya Vasilevna MOROZOVA (Дарья Васильевна МОРОЗОВА)</p>	<p>Funzjoni: Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-hekk imsejħa "Donetsk People's Republic" Data tat-twelid: 27.2.1989 Post tat-twelid: Makeevka, eks USSR (issa Ukraine) Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Darya Morozova hija Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Hija kienet involuta fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni minn Donbas lejn kampijiet fil-Krimea, li ġiet annessa illegalment, u lejn ċentri ta' akkommodazzjoni fir-Russja. L-azzjonijiet tagħha jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.</p> <p>Hija appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u xerrdet il-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Barra minn hekk, hija appoġġat ir-rikonximent illegali tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatisti f'Donbas u l-amessjoni illegali tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, Darya Morozova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1560.	Vitaliy Aleksandrovich SUK (Віталій Александрович СУК)	Funzjoni: Direttur tal-Oleshki Boarding School for Disabled Children Data tat-twelid: 12.3.1970 Sess: raġel	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Vitaliy Suk huwa direttur tal-Oleshki Boarding School for Disabled Children. Huwa kien involut fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni b' diżabilità mill-Kherson Oblast lejn il-Krimea, annessa illegalment, u lejn territorji oħra tal-Ukrajna li jinsabu taħt il-kontroll tar-Russja. Xi wħud minn dawk it-tfal intbagħtu fi djar għal tfal b' diżabilità fir-Russja kollha. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.</p> <p>Għalhekk, Vitaliy Suk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1561.	<p>Vladimir Viktorovich KHROMOV (Владимир Викторович ХРОМОВ)</p>	<p>Funzjoni: Rappreżentant għall-Kummissarju tad-Drittijiet tat-Tfal fl-Office of the President of the Russian Federation Data tat-twelid: 15.8.1977 Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Vladimir Khromov huwa rappreżentant għall-Kummissarju tad-Drittijiet tat-Tfal fl-Uffiċċju tal-President tal-Federazzjoni Russa, Maria Lvova-Belova. Huwa kien involut fl-organizzazzjoni ta' kampijiet patrijottiċi militari fi-Ċeċenja għat-tfal Ukreni li ġew trasferiti illegalment minn Donbas lejn it-territorju tal-Federazzjoni Russa. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.</p> <p>Għalhekk, Vladimir Khromov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1562.	Konstantin Albertovich FEDORENKO (Константин Альбертович ФЕДОРЕНКО)	Funzjoni: Direttur tal-Federal State Budgetary Educational Institution Artek International Children's Center Data tat-twelid: 29.12. 1976 Post tat-twelid: Belorechensk, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Konstantin Fedorenko huwa direttur tal-Artek International Children's Center. Huwa kien involut fl-organizzazzjoni ta' kampijiet militari u patrijottiċi Russi għat-tfal mill-Krimea, annessa illegalment, u għat-tfal li ġew deportati illegalment lejn il-Krimea minn partijiet oħra ta-Ukrajna li jinsabu taħt il-kontroll tar-Russja. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-iġi u l-ordni amministrativa ta-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.</p> <p>Barra minn hekk, huwa appoġġa pubblikament lis-soldati Russi li pparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll l-annessjoni illegali ta-Krimea u ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, Konstantin Fedorenko huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1563.	Leonid Mikhailovich ROMANOV (Леонид Михайлович РОМАНОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Evgeny Primakov Children's Aid Foundation Data tat-twelid: 13.2.1947 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Leonid Romanov huwa direttur ġenerali tal-Evgeny Primakov Children's Aid Foundation, li timplimenta l-proġett "Tfal ta' Donbas" (Children of Donbas), li fih tfal Ukreni minn Donbas qed jiġu rlokati fit-territorju tal-Krimea, amnessa illegalment, u fir-Russja. Wieħed mill-għanijiet tal-proġett "Tfal ta' Donbas" huwa li t-tfal mir-reġjun ta' Donbas ta-Ukrajna jiġu integrati fil-ħajja fir-Russja.</p> <p>Huwa pparteċipa fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni minn Donbas lejn kamp f'Yevpatoria fil-Krimea amnessa illegalment. Taħt il-ġestjoni tiegħu, l-Evgeny Primakov Children's Aid Foundation kienet involuta fit-tnexxija ta' żewġ ċentri li jinsabu qrib Moska, fejn it-tfal minn Donbas jingħataw akkommodazzjoni u jmorru l-iskola. L-azzjonijiet tiegħu jkstru l-liġi u l-ordni amministrattiva ta-Ukrajna u jkstru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.</p> <p>Għalhekk, Leonid Romanov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1564.	Vladimir Vladislavovich KOVALENKO (Владимир Владиславович КОВАЛЕНКО)	Funzjoni: Kap Kmandant tal-Fergħa Reġjonali tal-All-Russian "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) fil-belt ta' Sevastopol Data tat-twelid: 4.2.1962 Post tat-twelid: Luhansk, eks USSR (issa Ukraine) Sess: raġel	Vladimir Kovalenko huwa l-Kap Kmandant tal-Fergħa Reġjonali tal-All-Russian "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) fil-belt ta' Sevastopol li għet annessa illegalment. Huwa kien involut fl-organizzazzjoni ta' kampijiet militari u patrijotiċi Russi għat-tfal mil-Krimea, annessa illegalment, u għat-tfal li ġew deportati illegalment lejn il-Krimea minn partijiet oħra tal-Ukrajna li huma okkupati mir-Russja. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-iġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni. Barra minn hekk, il-fergħa ta' Yunarmiya taħt il-kmand tiegħu pparteċipat f'kampanja organizzata li matulha t-tfal tal-iskola fil-belt ta' Sevastopol, annessa illegalment, intalbu jiktbu ittri lis-soldati Russi li pparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Kovalenko huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1565.	Vladimir Dmitrievich NECHAEV (Владимир Дмитриевич НЕЧАЕВ)	Funzjoni: Rettur tas-Sevastopol State University Data tat-twelid: 20.12.1972 Post tat-twelid: Sudzha, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Vladimir Nechaev huwa rettur tal-Università Statali ta' Sevastopol (Sevastopol State University). Huwa appoġġa pubblikament id-deċiżjoni tal-President Putin li tinbeda l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll l-annessjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014.  Taħt il-ġestjoni tiegħu, l-Università Statali ta' Sevastopol organizzat programm li matulu t-tfal Ukreni li kienu ġew ittrasportati illegalment lejn il-Krimea, amessa illegalment, mill-hekk innejha "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u minn partijiet oħra tal-Ukrajna okkupati mir-Russja ġew riedukati dwar l-istorja, il-kultura u l-patrijottiżmu tar-Russja. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni.  Għalhekk, Vladimir Nechaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1566.	<p>Andrey Sergeevich IVANAЕV/ магħruf ukoll бħала Андреи Сергеевич IVANAУЕУ/ магħruf ukoll бħала Андреу Сергеевич IVANAУЕУ; (Андрей Сергеевич ИВАНАЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Loguterenent Ġeneral fil-Forzi Armati Russi u kmandant tat-20th Guards Combined Arms Russian Federation Data tat-twelid: 19.1.1972 Post tat-twelid: Ural'sk, eks USSR (issa Kazakhstan) Sess: raġel</p>	<p>Andrey Ivanaev huwa Loguterenent Ġeneral fil-Forzi Armati Russi. Huwa l-kmandant tat-20th Guards Combined Arms Army tad-Distrett Militari tal-Punent tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, huwa jikkmanda direttament u għandu influwenza sinifikanti fuq l-iskjerament tal-forzi Russi li jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Matul l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja, it-20th Guards Combined Arms Army, immedxxija minn Andrey Ivanaev, ikkontribwiet direttament għall-offensiva tar-Russja mid-direzzjoni tal-Grigal. Għalhekk, Andrey Ivanaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
237.	<p>Akuta JSC magħrufa wkoll bħala Akuta</p> <p>magħrufa wkoll bħala Zakrytoe Aktsionernoe Obschestvo "Akuta"; (Закрытое Акционерное Общество "Акута"; magħrufa wkoll bħala "Акута")</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (197110, Saint Petersburg, ul. Pionerskaia, 44)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 28.9.2008</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 7813426574 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>Raġunijiet</p> <p>Akuta JSC għandha liċenzja amministrata mill-FSB "biex twestaq xogħol relatat mal-użu ta' informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet tal-Istat". Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' għir ta' intelligence). Barra minn hekk, Akuta għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ. Din il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ isservi għall-"iżvilupp, il-produzzjoni, l-itestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari". B'mod partikolari, Akuta JSC tipproduċi "inġenji sommerġibbli mingħajr bdot abbord" (UUV) għall-Forzi Armati Russi, li huma skjerati għal missjonijiet ta' intelligence, sorveljanza u tkkixif, gwerri antisottomarini, operazzjonijiet ta' informazzjoni, u attakki kritiċi tal-ħin. L-entità tiddeskrivi lilha minnha bħala li topera fis-settur tal-IT Russu, billi taħdem "prinċipalment fil-qafas tal-ordni tad-difiża tal-istat [Russu] [ma'] intrapriżi akbar tal-kumplex militari industrijali [Russu]". Barra minn hekk, Akuta għandha liċenzja "għal attivitajiet fil-qasam tal-hoġġien ta' għodod għas-sigurtà tal-informazzjoni", li hija amministrata mit-tmien direttorat tal-GRU, jgifieri l-aġenzija tal-intelligence militari barranija tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Akuta JSC tikkostitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
238.	ZAO MNITI ZAKRYTOE AKTSIONERNOE OBSHCHESTVO “MNITI” magħrufa wkoll bħala Moscow Research Television Institute (ЗАКРЫТОЕ АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО “МНИТИ”; magħrufa wkoll bħala Московский научно- исследовательский телевизионный институт)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (105094, Moscow, ul. Golanovskaja, 7A str. 1) Data tar-reġistrazzjoni: 2.4.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 7701024429 (Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	ZAO MNITI għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mill-FSB. Din il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ iservi għall-“iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta’ armi u tagħmir militari”. Il-liċenzja tal-FSB min-naħa tagħha tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jżviluppaw teknoloġija ta’ kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta’ informazzjoni, u sistemi ta’ telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jżviluppaw “sistemi ta’ ġestjoni ta’ bażijiet ta’ data personal” għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jgħidli għodod infassla speċifikament biex jidher, jirkupraw u jimmangigaw ammonti kbar ta’ data mksuba permezz ta’ pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta’ ġbir ta’ intelligence). Għalhekk, ZAO MNITI tikkostitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b’liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta’ Liċenzji, ie-Ċertifikkazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta’ “armi u tagħmir militari” amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
239.	<p>20th Guards Combined Arms Army (20-я гвардейская Краснознаменная общевойсковая армия а.к.а. 20-я гвардейская общевойсковая армия)</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (606083, Nizhny Novgorod region, Volodarsky district, Mulino) Data tar-reġistrazzjoni: 14.12.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 3666162144 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>Raġunijiet</p> <p>It-20th Guards Combined Arms Army hija parti mill-Forzi tal-Art Russi u tipparteċipa direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Immedxxija minn Andrey Sergeevich Ivanaev, it-20th Guards Combined Arms Army hija deskritta mill-Ministeru għad-Difiża Russu bħala "l-akbar assoċjazzjoni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li qed tipparteċipa fl-aktar avvenimenti sinifikanti fil-ħajja militari tal-pajjż". Matul l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja, it-20th Guards Combined Arms Army ikkontribwiet direttament għall-offensiva tar-Russja mid-direzzjoni tal-Grigal. Għalhekk, it-20th Guards Combined Arms Army hija responsabbli li tappoġġa, materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
240.	53rd Anti-Aircraft Missile Brigade	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (305502, Kursk region, pos. Marshal Zhukov, military unit 32406)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.2009</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 4611010810 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>Il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade hija brigata tal-missili mill-wiċċ għall-ajru tal-Forzi tal-Art Russi u hija parti mit-20th Guards Army of the Russian Federation. Minn Settembru 2010, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade wetqet misjonijiet ta' għied bħala parti mid-Distrett Militari tal-Punent u għet rikonoxxuta bħala waħda mill-brigati ewlenin tad-difiża tal-ajru tal-forzi tal-art Russi. Minn Frar 2022, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade ikkontribwixxiet b'mod attiv għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade għet skjerata fir-reġjun ta' Kharkiv tal-Ukrajna matul l-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja, filwaqt li sparat missili kontra l-inġenji tal-ajru minn maħżen f'Izium filwaqt li l-belt Ukrena kienet taħt okkupazzjoni Russa. Fi Frar 2023, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade nġhatat nomina onorarja ġdida mill-President Putin għal "eroiżmu u valorizmu tal-massa, reżistenza, u kuraġġ muri mill-persunal tal-brigata f'azzjonijiet ta' għied biex jiddefendu l-Patrija", x'aktarx fir-rigward tal-kontributi tal-brigata għall-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja.</p> <p>Għalhekk, il-53rd Anti-Aircraft Missile Brigade qed tappoġġa materjalment azzjonijiet, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
241.	SPS CJSC magħrufa ukoll bħala Non-Public Joint Stock Company “Research and Production Center” Specialized Devices and Systems	Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation (125080, Moscow, sh. Volokolamskoe, 1 str. 1, et 5; pom VI; kom 30B Data tar-reġistrazzjoni: 22.8.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 7743937237 (Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Netherlands Informazzjoni oħra: Sergei Iurevich Zubkov (manager ġenerali)	SPS CJSC hija entità bbażata fir-Russja li timmanifattura kompjuters u tagħmir elettroniku ieħor. SPS CJSC hija involuta b’mod attiv f’ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet permezz tas-sħubija tagħha ma’ entità bbażata f-UE, jgħifri Woerd-Tech BV. Sa mill-impożizzjoni ta’ sanzjonijiet tal-UE li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta’ semikondutturi lejn ir-Russja, l-entità bbażata fin-Netherlands Woerd-Tech BV ġiet isuspettata b’kuntrabandu illegali ta’ semikondutturi lejn il-Federazzjoni Russa. Sid Woerd-Tech BV għe arrestat mill-awtorità kompetenti Netherlandiża fuq suspett ta’ ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet. SPS CJSC iffunzjonat bħala faċilitatur ewlieni fl-operazzjoni ta’ kuntrabandu illegali mmexxija minn Woerd-Tech BV, filwaqt li agħxxiet bħala r-riċevitur ibbażat fir-Russja ta’ semikondutturi esportati illegalment. Għalhekk, SPS CJSC hija entità li tevita l-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta’ attivitajiet li għandhom l-għan jwarrizultat li jfjxku l-projbizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
242.	AO "FTI-OPTRONIK" (ООО ФТИ-ОПТРОНИК)	<p>Indirizz: Politechnicheskaya Ulița, 28, St Petersburg, Russia, 194021</p> <p>Sit web: <a href="http://www.fti-optronic.com/Optoelectronic-componenty.html">http://www.fti-optronic.com/Optoelectronic-componenty.html</a></p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Saint Petersburg, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 3.7.2013</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: INN 7802830545 BIN 1137847251740 PPC 780101001 OKPO 27492853</p>	<p>AO "FTI-OPTRONIK" hija intrapriża Russa ta' riera u produzzjoni b'ċiklu sħiħ ta' ħidma mill-iżvilupp sal-produzzjoni pilota u serjali ta' prodotti optoelettroniċi. Bħalissa, FTI-Optronic hija l-unika intrapriża speċjalizzata fir-Russja li tipproduċi komponenti optoelettroniċi għas-sistemi ta' tramsisjoni tal-informazzjoni fibrottika, strumenti tal-kejl u tagħmir għal applikazzjonijiet speċjali. Il-gvern Russu jappoġġa l-manifatturi tat-teknoloġji optoelettroniċi peress li l-produzzjoni domestika hija mistemija li tissostitwixxi teknoloġiji barranin neqsin meħtieġa mill-aktar setturi importanti u mill-industrja militari. Barra minn hekk, AO "FTI-OPTRONIK" tipprovi servizzi, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, lil JSC "Concern Sozvezdie", kumpanija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' sistemi ta' kontroll u komunikazzjoni, gwerri elettronika u tagħmir speċjali għall-forzi armati Russi. Għalhekk, AO "FTI-OPTRONIK" jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna. AO "FTI-OPTRONIK" jappoġġa u tibbenifika wkoll mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni ta-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
243.	Zala Aero Group	<p>Indirizz: 426011, UR, Izhevsk, PO Box 9050</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata (LLC)</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russia</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 24/12/2010</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1841015504</p> <p>Entità assoċjata: JSC Kalashnikov Concern</p>	<p>Zala Aero Group, parti mill-Kalashnikov Group, huwa kumpanija Russa li timmanifattura u tfori UAVs, b'mod partikolari "Lancet UAV" u "KYB-UAV", li nużaw mill-militar Russu fl-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Zala Aero għalhekk qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta'Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
244.	JSC NPP "KLASS"	<p>Indirizz: 111123, Moscow, Entuziastov Highway, 56, Building 21</p> <p>Tip ta' entità: Joint Stock Company (JSC)</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russia</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 29.6.1994</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 7724032017 (jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-Istat: 1027700450975)</p>	<p>Raġunijiet</p> <p>JSC NPP Klass hija kumpanija Russa li timmani fattura u tforni tagħmir protettiv lill-militar Russu u b'mod aktar ġenerali lill-Forzi Armati u l-forzi tas-sigurtà Russi. Dan it-tagħmir intuża mill-Federazzjoni Russa fl-gwerra ta' aggressjoni tar-Russa kontra l-Ukrajna. JSC NPP Klass għalhekk qed jappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023"

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1217

tat-23 ta' Ġunju 2023

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksar ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-perssoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi oħra possibbli. Il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll l-importanza u l-urġenza li jiżiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali u l-impenn qawwi tiegħu biex jipprevjeni u jiġġieled b'mod effettiv iċ-ċirkomvenzjoni tagħhom f'pajjiżi terzi u minnhom. Stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jsaħħu l-istrumenti kollha ta' infurzar meħtieġa u jiżviluppaw, flimkien mal-Istati Membri, approċċ ikkoordinat bis-sħiħ għal dak l-għan.
- (4) Attivitajiet li l-mira jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna jdgħajfu l-għan u l-effettività ta' dawk il-miżuri restrittivi.
- (5) Sabiex jitnaqqas ir-riskju taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi, huwa xieraq li jiġi pprojbit it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tagħha tad-difiża u tas-sigurtà, oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-industrija tal-avjazzjoni jew tal-ispazju u l-fjuwil tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil, esportati mill-Unjoni.
- (6) L-Unjoni u pajjiżi terzi, bħala membri tal-komunità internazzjonali, jiddefendu l-prinċipji tad-dritt internazzjonali minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u jiddefendu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (7) L-Unjoni tirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-awtoritajiet nazzjonali f'ħafna pajjiżi terzi biex jitwaqqaf il-fluss ta' oġġetti, teknoloġija u servizzi li huma koperti mill-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa aktar lill-pajjiżi terzi f'dak l-isforz bil-mezzi kollha disponibbli.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

- (8) Sabiex tiġi indirizzata ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta' ġurizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ b'mod rapidu l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali permezz tal-involvement diplomatiku mal-pajjiżi terzi inkwistjoni u l-ġhoti ta' aktar assistenza teknika lilhom. Sabiex tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, approċċ ikkoordinat bis-sħiħ għal dak il-għan, il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Kunsill infurmat fuq bażi regolari.
- (9) Jenħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri b'mod rapidu f'każijiet fejn l-isforzi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma jagħtux ir-riżultat maħsub li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna minn persuni jew entitajiet f'pajjiżi terzi. Tali azzjoni jenħtieġ li tkun immirata, proporzjonata u jkollha l-għan uniku li ċċaħħad lir-Russja mir-riżorsi li jippermettulha tkompli bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.
- (10) Jenħtieġ li l-Unjoni tadotta l-miżuri individwali xierqa li jindirizzaw l-involvement ta' operaturi ta' pajjiżi terzi fl-iffaċilitar ta' ċirkomvenzjoni. Tali miżuri jistgħu jinkludu deżinjazzjonijiet individwali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK <sup>(2)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 <sup>(3)</sup> jew miżuri oħra skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 <sup>(4)</sup>, bħal pereżempju ż-żieda ta' entitajiet fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, inkluż abbażi ta' informazzjoni u suġġerimenti riċevuti mill-Istati Membri.
- (11) L-Unjoni ser tidħol mill-ġdid fi djalogu kostruttiv mal-pajjiżi terzi inkwistjoni wara l-adozzjoni ta' tali miżuri individwali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li jiġu stabbiliti miżuri ta' rimedju biex jiskoraġġixxu lil operaturi oħra milli jaġixxu b'mod simili. Il-Kunsill ser jiġi infurmat dwar dak l-involvement il-ġdid u l-eżitu tiegħu.
- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tieħu miżuri ulterjuri meta, wara l-adozzjoni ta' miżuri individwali u involvement ulterjuri mal-pajjiżi terzi, ikun evidenti, minħabba l-volum, it-tip jew in-natura sistemika ta' ċirkomvenzjoni li tkun għaddeja, li daww il-passi huma insuffiċjenti jew inadegwati biex jipprevjenu tali ċirkomvenzjoni fil-pajjiżi terzi ikkonċernati jew permezz tiegħu.
- (13) Sabiex l-Unjoni tkun tista' tieħu miżuri eċċezzjonali tal-aħħar istanza fil-każijiet imsemmija fil-premessi 9 u 12, huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu ristretti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija sensitivi b'użu doppju, jew oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari, teknoloġiċi jew industrijali tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja, b'mod li jsaħħaħ il-kapaċità tagħha li tmexxi gwerra, u li l-esportazzjoni tagħhom lejn ir-Russja hija pprobita skont id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014 lejn pajjiżi terzi fejn jintwera li l-ġurizzazzjoni tagħhom tinsab f'riskju kontinwu u partikolarment għoli li tintuża għaċ-ċirkomvenzjoni.
- (14) Id-deċiżjonijiet biex pajjiżi terzi u oġġetti jew teknoloġija fil-mira jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-miżura jridu jittieħdu mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu.
- (15) Qabel ma tiġi ppreżentata proposta lill-Kunsill għall-proċediment b'daww il-miżuri tal-aħħar istanza, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni ser jinfurmu lill-Kunsill dwar id-dettalji tekniċi, dwar l-azzjonijiet ta' djalogu meħuda u dwar miżuri ta' infurzar.
- (16) Jenħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi jekk jinkludix oġġetti u teknoloġija fil-mira u l-pajjiżi terzi kkonċernati minn dik il-miżura tal-aħħar istanza, abbażi ta' dik il-proposta, filwaqt li jqis analiżi teknika bir-reqqa mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet ta' ċirkomvenzjoni inkwistjoni, inkluż id-data kummerċjali disponibbli, li turi li l-miżuri alternattivi ttieħdu ma kienux effettivi, kif ukoll l-informazzjoni dwar l-isforzi mwettqa mill-Unjoni biex tindirizza l-kwistjoni mal-pajjiżi terzi inkwistjoni, u indikazzjoni ċara li tali sforzi ma jkunux irnaxxew.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 078 17.3.2014, p. 6).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

- (17) Qabel ma pajjiż terz jiġi inkluż fil-lista tal-pajjiżi kkonċernati minn dik il-miżura, jenħtieġ li l-Unjoni tinforma u tfitteb b'mod attiv il-fehmiet tal-gvern ta' dak il-pajjiż terz abbażi tas-sejbiet preliminari stabbiliti fl-analiżi teknika mill-Kummissjoni u tal-azzjoni ta' rimedju li tkun ippjanat l-Unjoni. Il-Kunsill ser jiġi infurmat bil-passi kollha tal-involviment u l-eżitu tiegħu. Il-Kunsill ser jadotta tali deċiżjoni biss wara li tkun ġiet konklużi l-azzjoni ta' djalogu finali ma' dak il-pajjiż terz.
- (18) Jenħtieġ li l-Kunsill jirrieżamina l-kontenut tal-Anness XIV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK f'intervalli regolari abbażi ta' informazzjoni teknika bir-reqqa mill-Kummissjoni. Jeħtieġ li tali rieżami jqis l-oġġettivi tal-miżura u r-riżultat tal-involviment kontinwu mal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż il-miżuri proposti mill-pajjiżi terzi dwar kif għandha tiġi indirizzata ċ-ċirkonvenzjoni.
- (19) Huwa xieraq ukoll li jiżdiedu 87 entità ġdida mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' entitajiet li appoġġjaw b'mod dirett il-kumplex militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. B'mod partikolari, b'kunsiderazzjoni tal-konnessjoni diretta bejn il-manifatturi ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ militari Iranjani u l-kumplex militari u industrijali tar-Russja, ma' dik il-lista jenħtieġ li żdiedu erba' entitajiet addizzjonali f'pajjiżi terzi involuti fil-manifattura ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ u l-forniment tagħhom lir-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol abilitanti ewlieni tal-komponenti elettroniċi għall-użu mill-kumplex militari u industrijali tar-Russja fl-appoġġ tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, huwa xieraq ukoll li jiġu inklużi f'dik il-lista ċerti entitajiet oħra f'pajjiżi terzi involuti fl-evażjoni tar-restrizzjonijiet kummerċjali kif ukoll ċerti entitajiet Russi involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' komponenti elettroniċi għall-kumplex militari u industrijali tar-Russja.
- (20) Huwa xieraq ukoll li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha billi jiżdiedu oġġetti li ntużaw mir-Russja għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inkluż komponenti elettroniċi, materjali semikondutturi, tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar għal ċirkwiti elettroniċi integrati u bords ta' ċirkwiti stampati, prekursori ta' materjali enerġetiċi u prekursori għal armi kimiċi, komponenti ottiċi, strumenti ta' navigazzjoni, metalli użati fis-settur tad-difiża u tagħmir tal-baħar. Huwa xieraq li tiġi estiża l-lista ta' armi tan-nar ristretti, il-partijiet, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, u li jiżdiedu tipi oħra ta' armi.
- (21) Huwa xieraq li jiġu imposti aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tar-Russja.
- (22) Huwa xieraq li jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom, lil persuna, entità jew korpi fir-Russja jew għall-użu fir-Russja huma pprojbiti.
- (23) Ir-Russja impenjat ruħha f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipolazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-strateġija tagħha ta' destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha u tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. B'mod partikolari, il-propaganda kienet immirat ripetutament u konsistentement lejn il-partiti politiċi Ewropej, speċjalment matul il-perjodi elettorali, kif ukoll lejn is-soċjetà ċivili, lil dawg il-persuni li jfittxu l-ażil, il-minoranzi etniċi Russi, il-minoranzi tal-ġeneru u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.
- (24) Sabiex tiġi ġustifika u tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja impenjat ruħha f'azzjonijiet ta' propaganda kontinwi u miftiehma mmirati lejn is-soċjetà ċivili fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, li jgħawġu u jimmanipulaw il-fatti b'mod serju.

- (25) Dawk l-azzjonijiet ta' propaganda għaddew minn għadd ta' mezzi tal-media taħt il-kontroll permanenti dirett jew indirett tat-tmexxija tal-Federazzjoni Russa. Tali azzjonijiet jikkostitwixxu theddida sinifikanti u diretta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni. Dawk il-mezzi tal-media huma essenzjali u strumentali biex imexxu 'l quddiem u jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u għad-destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha.
- (26) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huwa meħtieġ, b'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif rikonoxxut fl-Artikolu 11 tagħha, li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir ta' tali mezzi tal-media fl-Unjoni jew diretti lejn l-Unjoni. Jenħtieġ li l-miżuri jinżammu sakemm tintemm il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u sakemm ir-Russja, u l-mezzi tal-media assoċjati tagħha, jieqfu jwettqu azzjonijiet ta' propaganda kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (27) B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha, dawk il-miżuri ma jżommux lil dawk il-mezzi tal-media u l-persunal tagħhom milli jwettqu attivitajiet oħra fl-Unjoni minbarra x-xandir, bħar-riċerka u l-intervisti. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ma jimmodifikawx l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqasma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.
- (28) Huwa xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni fuq it-trasport ta' oġġetti bit-triq fl-Unjoni minn trejlers u semitrejlers irreġistrati fir-Russja, anki meta jiġu rmunkati minn trakkijiet irreġistrati barra mir-Russja.
- (29) Tentattivi biex jiġu evitati l-miżuri restrittivi tal-Unjoni rriżultaw f'żieda qawwija ta' Prattiki qarrieqa minn bastimenti li jittrasportaw żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi. Konsegwentement, huwa xieraq li jiġi pprojbit l-aċċess għall-portijiet u l-imġhalaq fit-territorju tal-Unjoni minn bastimenti involuti fi trasferimenti minn vapur għall-ieħor meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġuni valida biex jissuspettaw li bastiment qed jikser il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni bil-baħar fl-Unjoni ta' żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi jew li qed jittrasporta żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi mixtrija bi prezz ogħla mil-limitu massimu tal-prezz miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik il-projbizzjoni tapplika għall-bastimenti kollha, irrispettivament mill-bandiera tar-reġistrazzjoni tagħhom, u għal kwalunkwe trasferiment minn vapur għall-ieħor imwettaq fi kwalunkwe punt matul il-vjaġġ lejn il-portijiet jew l-imġhalaq ta' Stat Membru. Barra minn hekk, dik il-projbizzjoni ser tkompli ssaħħaħ il-miżuri adottati mill-Istati Membri biex jipproteġu l-kosti tagħhom minn inċidenti ambjentali potenzjali kkawżati minn tali trasferimenti minn vapur għall-ieħor. Fi kwalunkwe każ, il-bastimenti ser ikunu pprojbiti milli jiksbu aċċess għal portijiet u mġhalaq fit-territorju tal-Unjoni jekk ma jinnotifikawx lill-awtorità kompetenti mill-inqas 48 siegħa qabel dwar trasferiment minn vapur għall-ieħor li jseħħ f'żoni ġeografiċi speċifiċi.
- (30) Huwa xieraq ukoll li jiġi pprojbit l-aċċess għall-portijiet u l-imġhalaq fit-territorju tal-Unjoni lil bastimenti jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġuni valida biex jissuspettaw li jkun qed jinterferixxu ma', jitfu jew inkella jiddizzattivaw b'mod illegali s-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) tagħhom ta' fuq il-bastiment meta jittrasportaw żejt grezz u prodotti tal-petroleum Russi bi ksar tar-Regolament SOLAS V/19, il-punt 2.4. Dik il-projbizzjoni ma tapplikax f'ċirkostanzi fejn l-AIS ta' fuq il-bastiment tista' tintefa' b'mod leġittimu f'konformità ma' ftehimiet, regoli jew standards internazzjonali li jipprevedu l-protezzjoni ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni, bħan-navigazzjoni f'ibħra b'riskju għoli ta' sigurtà.
- (31) Dik il-projbizzjoni tapplika wkoll għall-bastimenti kollha, irrispettivament mill-bandiera tar-reġistrazzjoni tagħhom, u għal kwalunkwe interferenza illegali fis-sistema tan-navigazzjoni fi kwalunkwe punt matul il-vjaġġ lejn il-portijiet jew l-imġhalaq ta' Stat Membru.
- (32) Il-projbizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-portijiet japplikaw għal kwalunkwe bastiment, kemm jekk ikun irmiġġat f'port kif ukoll jekk ikun fl-ankraġġ fil-ġurisdizzjoni ta' port ta' Stat Membru. Fil-każ tal-Golf tal-Finlandja, dawk il-projbizzjonijiet jikkonċernaw kwalunkwe bastiment, kemm jekk ikun irmiġġat f'port kif ukoll jekk ikun ankrat fl-ilmijiet territorjali jew fl-ilmijiet interni ta' Stat Membru.



- (33) Jixraq li jkunu previsti eżenzjonijiet u derogi biex bastimenti bħal dawn ikollhom aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni għas-sikurezza marittima, inkluż it-tħassib ambjentali, biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar u għal skopijiet umanitarji.
- (34) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 <sup>(5)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 <sup>(6)</sup> jipprevedu li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiksbu provvisti li huma alternattivi għall-importazzjonijiet ta' żejt grezz mir-Russja bil-pipeline, biex daww l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għall-projbizzjonijiet malajr kemm jista' jkun. F'konformità ma' dan l-objettiv, jenħtieġ li tintemm id-deroga temporanja mogħtija lill-Ġermanja u lill-Polonja għall-provvista ta' żejt grezz bil-pipeline mir-Russja permezz tal-parti tat-Tramuntana tal-pipeline taż-żejt ta' Druzhba. L-importazzjoni taż-żejt li joriġina mill-Każakistan jew pajjiż terz ieħor u li qed jgħaddi mir-Russja permezz tal-pipeline taż-żejt ta' Druzhba mhijiex ipprojbta.
- (35) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jipprovdi li proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezzijiet. L-eżenzjoni prevista b'rabta mal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja, jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 2024 biex jiġu żgurati l-ħtiġijiet tal-Ġappun fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija.
- (36) Sabiex il-provvisti kritiċi tal-enerġija li mhumiex ipprojbti li jiġu importati fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ma jiddgħajfx, huwa xieraq li jiġi garantit li l-manutenzjoni u t-tħaddim adegwati tal-infrastrutturi tal-pajpijiet tal-Pajpijiet tal-Konsorzju għall-pipeline tal-Baħar Kaspju (CPC, Caspian Pipeline Consortium), li jippermettu x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 li joriġinaw mill-Każakistan u li jkunu qed jitgħabbew biss fir-Russja, jitilqu mit-territorju tagħha jew jittranżitaw minnu. Huwa xieraq li jiġu introdotti derogi mill-projbizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja ta' ċerti oġġetti jew teknoloġija, jew dwar l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, jew dwar il-forniment ta' servizzi tal-awditjar, servizzi ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi li huma strettament meħtieġa għal dak il-għan, li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet stretti biex jiġi evitat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni.
- (37) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni fuq il-forniment ta' titoli trasferibbli lil persuni fir-Russja, huwa xieraq li dik il-projbizzjoni tiġi estiża għal strumenti finanzjarji denominati fi kwalunkwe munita.
- (38) Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta deroga mill-projbizzjoni fuq il-forniment ta' ċertu servizzi lil entitajiet Russi meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikkazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li jneħħi l-kontroll eżerċitat minn persuna elenkata fuq l-assi ta' entità tal-Unjoni mhux elenkata li l-persuna elenkata tippossjedi jew tikkontrolla, u jiżgura li ma jkun hemm l-ebda benefiċċju għal din tal-aħħar, u b'hekk dik l-entità tkun tista' tkompli l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.
- (39) Jeħtieġ li tiġi ċċarata ulterjorment l-evidenza meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar ipproċessati f'pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja.
- (40) Huwa xieraq li tiġi introdotta deroga mill-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja u li huma meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta' Budapest.
- (41) Jeħtieġ ukoll li jiġu introdotti kjarifiki dwar l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu notifiċi ta' titjiriet mhux skedati bejn ir-Russja u l-Unjoni.

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 128).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 53).

- (42) Huwa xieraq ukoll li tiġi estiża l-iskadenza għall-applikazzjoni ta' deroga temporanja mill-projbizzjoni fuq il-forniment ta' ċertu servizzi, bl-għan li jiġi ffaċilitat aktar l-iżvestment mis-suq Russu ta' operaturi tal-Unjoni. Sabiex jiġihaff l-iżvestment ta' operaturi Russi mis-suq tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi introdotta deroga temporanja mill-projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza legali lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Sal-31 ta' Marzu 2024, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi legali obbligatorji, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru, biex dawn l-iżvestimenti jiġu ffinalizzati.
- (43) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u uniformi tal-miżuri restrittivi, huwa xieraq li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda skont id-Deċiżjoni 2014/512/PESK, u biex tiġi kondiviża informazzjoni dwar talbiet għal awtorizzazzjoni li jkunu beħsiebhom jagħtu meta ċaħda tkun diġà ġiet innotifikata minn Stat Membru ieħor, sabiex tiġi evitata l-għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni.
- (44) Huwa xieraq ukoll li jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti sensitivi li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li jinkludi oġġetti b'użu doppju u oġġetti elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, għall-ġlieda kontra r-riskju ta' ċirkomvenzjoni minn persuni jew entitajiet involuti fl-akkwist ta' oġġetti pprojbiti tal-Unjoni għall-użu fir-Russja, jew il-forniment ta' servizzi pprojbiti, bi ksur tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (45) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru u mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jiġu ċċarati aktar.
- (46) Jixraq li tiġi estiża l-lista ta' pajjiżi sħab li qed japplikaw sett ta' miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (47) Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jsiru ċerti korrezzjonijiet tekniċi, inkluż billi jiġihassru r-referenzi għall-perjodi ta' tranżizzjoni li diġà għalqu, kif ukoll li tiġi riorganizzata l-istruttura ta' ċerti Annessi għar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Bħala konsegwenza ta' dawk il-korrezzjonijiet, il-projbizzjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-faħam issa hija koperta mill-Artikolu 4k tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK; għaldaqstant, l-Artikolu 4l tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK sar żejjed u jenħtieġ li jiġihassar. It-tħassir ta' referenzi għall-perjodi ta' tranżizzjoni li diġà skadew mhuwiex maħsub li jkollu effetti legali fuq kuntratti tal-imgħoddi jew li għadhom għaddejnin jew fuq l-applikabbiltà ta' dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni.
- (48) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (49) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1aa(3), il-punt (c) jiġihassar;
- (2) fl-Artikolu 1d, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta' titoli trasferibbli denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru maħruġa wara t-12 ta' April 2022, jew denominati fi kwalunkwe munita oħra maħruġa wara s-6 ta' Awwissu 2023, jew unitajiet f'impriżi ta' investment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.";

(3) L-Artikolu 1h huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprobit l-għoti jew it-tkomplija tat-twettiq ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE (\*), 2014/24/UE (\*\*), 2014/25/UE (\*\*\*), 2009/81/KE (\*\*\*\*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll l-Artikolu 10(1), (3), (6) il-punti (a) sa (e), (8), (9) u (10), l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikol 7, il-punti (a) sa (d), u l-Artikolu 8, l-Artikolu 10 il-punti (b) sa (f) u (h) sa (j) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 18, l-Artikolu 21 (b) sa (e) u (g) sa (i), l-Artikoli 29 u 30 tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 13 il-punti (a) sa (d), (f) sa (h) u (j) tad-Direttiva 2009/81/KE, lil jew ma:”;

(\*) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

(\*\*) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

(\*\*\*) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(\*\*\*\*) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (f) jitħassar;

(4) L-Artikolu 1k huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“9a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment tas-servizzi msemmijin fihom, skont dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkun ddeterminaw li dawk is-servizzi huma strettament meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkat, inkorporat jew kostitwit skont id-dritt ta' Stat Membru li jkun proprjetà ta', jew ikkontrollat minn, din tal-ewwel; u

(b) jiżgura li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju ta' dik il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.”;

(b) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“11. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 9a u 10 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(5) fl-Artikolu 3(2)jiżdied il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(6) l-Artikolu 3a, huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.”;

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkontribwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' daww l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.”;

(d) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:

“(i) maħsub għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa.”;

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, wara li jkun ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d), u (h) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.”;

(7) l-Artikolu 3aa huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' armi tan-nar, il-partijiet, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) u ċertu armi tan-nar u armi oħra, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni. (ĠU L 94, 30.3.2012, p.1).”;

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkontribwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' daww l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. L-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.”;

(8) fl-Artikolu 4c(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawg l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(9) l-Artikolu 4d huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, u ta' fjuwil tal-ġettijiet u addittivi tal-fjuwil, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.”;

(b) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawg l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(c) jiddaħlu l-paragrafi li ġejjin:

“6d. B'deroga mill-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, u tal-fjuwils tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil kif elenkati fl-Anness XX għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, wara li jkun ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafi 6a, 6b u 6c ta' dan l-Artikolu.

6e. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jekk l-oġġetti jkun maħsuba għall-użu esklużiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa.”;

(10) fl-Artikolu 4e, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' titjiriet mhux skedati bejn ir-Russja u l-Unjoni, operati direttament jew permezz ta' pajjiż terz, għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-titjira lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-destinazzjoni qabel joperawhom, u mill-inqas 48 siegħa qabel.”;

(11) fl-Artikolu 4h(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawg l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(12) fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 4ħa, jiħassar il-punt (e);

(13) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*“Artikolu 4hb*

1. Għandu jkun ipprobit, mill-24 ta' Lulju 2023, li jingħata aċċess għal portijiet u għal imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe bastiment li jwettaq trasferimenti bejn vapur u ieħor, fi kwalunkwe punt tal-vjaġġ lejn il-portijiet u l-imgħalaq ta' Stat Membru, jekk l-awtorità kompetenti jkollha bażi raġonevoli biex tissuspetta li l-bastiment ikun qed jikser il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4o (1) u (2) u l-Artikolu 4p, il- (1) u (4).
2. Awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti aċċess jekk bastiment ma jinnotifikax lill-awtorità kompetenti mill-inqas 48 siegħa qabel dwar trasferiment minn vapur għall-ieħor li jseħħ fiż-Żona Ekonomika Esklużiva ta' Stat Membru jew sa 12-il mil nawtiku mil-linja bażi tal-kosta ta' dak l-Istat Membru.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' bastiment li jeħtieġ assistenza biex ifittex post ta' rifuġju, biex jieqaf f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar.
4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li bastiment ikollu aċċess għal port jew magħlaq fit-territorju tal-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan l-aċċess huwa neċessarju għal skopijiet umanitarji.
5. Meta jirrifjuta sejħa għall-aċċess f'port skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, flimkien ma' kwalunkwe sistema u informazzjoni nazzjonali, l-informazzjoni marittima integrata disponibbli fis-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) stabbilita f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

*Artikolu 4hc*

1. Għandu jkun ipprobit, mill-24 ta' Lulju 2023, li jingħata aċċess għal portijiet u għal imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe bastiment li l-awtorità kompetenti jkollha bażi raġonevoli biex tissuspetta li jinterferixxi ma', jitfi jew inkella jiddiżattiva s-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika tiegħu ta' fuq il-bastiment, fi kwalunkwe punt tal-vjaġġ lejn il-portijiet u l-imgħalaq ta' Stat Membru, bi skur tar-Regolament SOLAS V/19, il-punt 2.4, meta jkun qed jittrasporta żejt grezz jew prodotti tal-petroleum soġġetti għall-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4o (1) u (2) u l-Artikolu 4p (1) u (4).
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fi bżonn ta' assistenza li jkun qed ifittex post ta' rifuġju, ta' dħul emerġenza fil-port għal raġunijiet ta' sigurtà marittima, jew ta' salvataġġ ta' ħajja fil-baħar.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li bastiment ikollu aċċess għal port jew magħlaq fit-territorju tal-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan l-aċċess huwa neċessarju għal skopijiet umanitarji.
4. Meta jirrifjutaw sejħa għall-aċċess għal port f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ikkonċernati għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, flimkien ma' kwalunkwe sistema u informazzjoni nazzjonali, l-informazzjoni marittima integrata disponibbli fis-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) stabbilita f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”;

(\*) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

(14) L-Artikolu 4i huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) mit-30 ta’ Settembru 2023, l-importazzjoni jew ix-xiri, direttament jew indirettament, ta’ prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 meta jiġu pproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014; fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 ipproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja tal-kodiċijiet NM 7207 11, 7207 12 10 jew 7224 90, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta’ April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta’ Ottubru 2024 għall-kodiċijiet NM 7207 12 10 u 7224 90.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dan il-punt, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza tal-pajjiż tal-orijini tal-inputs tal-ħadid u tal-azzar użati għall-ipproċessar tal-prodott f’pajjiż terz;”;

(b) jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(15) l-Artikolu 4j huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għandhom ikunu ipprojbiti:

(a) l-għoti ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti, b’mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta’ finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta’ dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta’ assistenza teknika relatata, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra, b’mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b’xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal prodotti ta’ lussu sa fejn il-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 300 għal kull oġġett, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ jew il-provvista ta’ bastiment li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 8901 10 00 jew 8901 90 00, jew l-għoti, sal-31 ta’ Diċembru 2023, ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata lil persuna ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) il-bastiment jinsab fiżikament fir-Russja fit-24 ta’ Ġunju 2023 u għall-użu fir-Russja;

(b) il-bastiment ikun tajjar il-bandiera tal-Federazzjoni Russa taħt reġistrazzjoni ta’ noleġġ ta’ bastimenti mingħajr ekwipaġġ inizjalment effettwata qabel l-24 ta’ Frar 2022;

(c) il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp fir-Russja mhumiex utent aħħari militari u mhux ser jużaw il-bastiment għal skopijiet militari;

(d) il-bejgħ jew il-forniment mhuwiex għall-benefiċċju ta’ persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jew soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti f’din id-Deċiżjoni.”

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 4 u 4a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(16) l-Artikolu 4k huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 3, 3b, 3ba u 3d;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3e. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7007, 8479, 8481, 8487, 8504, 8517, 8525, 8531, 8536, 8537, 8538, 8542, 8543, 8603 kif elenkati fl-Anness XXI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta' Budapest ikkonsenjati fl-2018, fl-eżekuzzjoni ta' garanzija pprovduta minn Metrowagonmash qabel l-24 ta' Ġunju 2023.”;

(17) l-Artikolu 4l jitħassar;

(18) l-Artikolu 4m huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) li jinbiegħu, jingħataw liċenzji għal jew jiġu ttrasferiti b'xi mod ieħor drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fir-rigward tal-oġġetti b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 50 000 għal kull unità li taqa' taħt il-kodiċijiet NM 8703 23, 8703 24, 8703 32, 8703 33, 8703 40, 8703 50, 8703 60, 8703 70, 8703 80, 8703 90 jew 8903, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Settembru 2023 tal-kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ġunju 2023, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(c) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3a. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2710 12, 2909 60, 3905 99, 4002 19, 4002 70, 4010 11, 4010 12, 4011 20, 4012 90, 4805 93, 4810 29, 4823 90, 7216 61, 8402 11, 8454 30, 8477 10, 8477 20, 8477 59, 8477 80, 8477 90, 8514 32, 8514 40, 8525 89, 8704 21, 9024 90, 9031 10, 9031 41, 9031 49, 9031 80, 9031 90 jew 9406 20, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Settembru 2023 tal-kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ġunju 2023, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(d) il-paragrafu 3b huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3b. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM inklużi għall-ewwel darba fl-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 fl-24 ta' Ġunju 2023 u li mhumiex imsemmija fil-paragrafi 3 u 3a ta' dan l-Artikolu, u bl-eċċezzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM li kienu diġà inklużi fl-Anness XVIII għal dak ir-Regolament, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Settembru 2023 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ġunju 2023, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(e) il-paragrafu 3c jitħassar;



(f) il-paragrafu 4b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4b. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kapitoli NM 72, 84, 85 u 90 kif elenkati fl-Anness XXIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament neċessarju għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.";

(g) il-paragrafu 5b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5b. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 4a, 4b u 5 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(19) l-Artikolu 4n huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għat-trasport ta' oġġetti fit-territorju tal-Unjoni minn impriżi tat-trasport bit-triq, imwettaq permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fir-Russja, inkluż jekk dawk it-trejlers ta' semitrejlers jittellgħu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika qabel it-30 ta' Ġunju 2023 għat-trasport ta' oġġetti li jkun beda qabel l-24 ta' Ġunju 2023, dment li t-trejlers jew is-semitrejlers:

(a) kien diġà fit-territorju tal-Unjoni fl-24 ta' Ġunju 2023; jew

(b) jeħtieġ li jgħaddi mill-Unjoni sabiex jirritorna lejn ir-Russja.";

(c) fil-paragrafu 4, il-formulazzjoni introdutturju hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fir-Russja jew kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq meta l-oġġetti jinġarru permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fir-Russja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew is-semitrejlers jinġibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali trasport huwa meħtieġ għal:";

(20) fl-Artikolu 4o, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-eżenzjoni fil-paragrafu 3, punt (d), għandha tieqaf tapplika għall-Ġermanja u l-Polonja fit-23 ta' Ġunju 2023.";

(21) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 4pa

1. B'deroga mill-Artikoli 3, 3a, 4h u 4m, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew it-tranżitu mir-Russja tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija f'dawk l-Artikoli, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn, jew assistenza ta' finanzjament jew finanzjarja relatata, għat-tħaddim u l-manutenzjoni tal-Konsorzju għall-Pipeline tal-Baħar Kaspju (CPC) u l-infrastruttura assoċjata meħtieġa għat-trasport ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 li joriġinaw mill-Kazakistan u li jkunu qed jitgħabbew, jitilqu minn jew jgħaddu mir-Russja biss, skont dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tali bejgħ, forniment, trasferiment, esportazzjoni jew tranżitu mir-Russja jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn, jew assistenza ta' finanzjament jew finanzjarja relatata, huma meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni essenzjali, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' komponenti tal-pipeline tas-CPC u l-infrastruttura assoċjata;

- (b) it-tip ta' oġġetti, teknoloġiji u assistenza mitluba ma jmurx lil hinn mit-tip ta' oġġetti u teknoloġija esportati preċedentement, jew l-assistenza li tkun ingħatat preċedentement, mill-Unjoni, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII, lejn ir-Russja għat-tħaddim, il-manutenzjoni essenzjali, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' komponenti tal-pipeline tas-CPC u l-infrastruttura assoċjata, u assistenza relatata;
- (c) il-volumi mitluba jkunu proporzjonati ma' dawk użati għat-tħaddim, il-manutenzjoni essenzjali, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' komponenti tal-pipeline tas-CPC u l-infrastruttura assoċjata; kif ukoll
- (d) tali oġġetti u teknoloġija ser jiġu pprovduti minn persuna fiżika jew ġuridika soġġett għall-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 esklużivament għall-użu finali fit-tħaddim, il-manutenzjoni essenzjali, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' komponenti tal-pipeline CPC u l-infrastruttura assoċjata.

2. B'deroga mill-Artikolu 1k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' servizzi tal-awditjar, servizzi tal-inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi għat-tħaddim u l-manutenzjoni tal-pipelines tas-CPC u l-infrastruttura assoċjata meħtieġa għat-trasport ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 li joriġinaw mill-Każakistan u li jkunu qed jitgħabbew, jitilqu minn jew jgħaddu mir-Russja biss, wara li jkunu ddeterminaw li:

- (a) l-għoti ta' dawk is-servizzi tkun meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-tiswija jew is-sostituzzjoni essenzjali ta' komponenti tal-pipeline tas-CPC u l-infrastruttura assoċjata; kif ukoll
- (b) tali servizzi jkunu pprovduti minn persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għall-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 1 u 2 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

4. Meta taġti awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi l-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-utent finali u rapporti regolari dettaljati li jindikaw li l-ebda oġġett, teknoloġija jew servizz bħal dawn ma ġie ddevjat mill-għan intenzjonat tiegħu matul ix-xogħlijiet rilevanti. Hija tista' timponi kondizzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-paragrafu 1.;

(22) l-Artikolu 4r huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“B'deroga mill-Artikoli 3, 3a, 4, 4c, 4d, 4g, 4j u 4m, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi II, VII, X, XI, XVI, XVIII, XX u XXIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, kif ukoll fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/821, kif ukoll il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2023, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment, liċenzjar, għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ikun strettament meħtieġ għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:”;

- (b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 sal-31 ta' Marzu 2024, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment huwa strettament meħtieġ għad-diżinvestiment minn impriża konġunta inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022, li tinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp Russu, u li topera infrastruttura ta' pipeline tal-gass bejn ir-Russja u pajjiżi terzi.”;

(c) fil-paragrafu 2a, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2a. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Marzu 2024 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament neċessarju għall-iżvestment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2b. B'deroga mill-Artikolu 1k(2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment, sal-31 ta' Marzu 2024, ta' servizzi ta' konsulenza legali li huma legalment meħtieġa għat-tlestija ta' bejgħ jew it-trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetà direttament jew indirettament proprjetà ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.";

(e) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'xi awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 1a, 2, 2a jew 2b fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(f) il-paragrafu 4 jitħassar;

(23) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

#### "Artikolu 5a

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness XIV, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż terz speċifikat f'dak l-Anness.

2. Għandhom ikunu ipprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż speċifikat;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti jew teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż terz speċifikat;

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż terz speċifikat.

3. L-Anness XIV għandu jinkludi biss oġġetti u teknoloġija sensitivi b'użu doppju, jew oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari, teknoloġiċi jew industrijali tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja, b'mod li jsaħħaħ il-kapaċità tagħha li tmexxi gwerra, u li l-esportazzjoni tagħhom lejn ir-Russja hija pprojbita skont din id-Deċiżjoni u li jippreżentaw riskju għoli u kontinwu li jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati minn pajjiżi terzi lejn ir-Russja wara li jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati mill-Unjoni. L-Anness XIV għandu jispeċifika, għal kull wieħed u waħda mill-oġġetti u teknoloġija elenkata, il-pajjiżi terzi li għalihom il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni huma pprojbita.

L-Anness XIV għandu jinkludi biss pajjiżi terzi li jkunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala pajjiżi li sistematikament u persistentement naqsu milli jipprevjenu l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija, kif elenkati f'dak l-Anness, li jkunu ġew esportati mill-Unjoni minkejja l-azzjoni ta' dialogu u l-assistenza preċedenti tal-Unjoni lill-pajjiż inkwistjoni.

4. Jekk il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodott jew teknoloġija elenkati fl-Anness XIV lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja ma jkunux ipprojbti skont ċerti eżenzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż terz speċifikat ma għandux jiġi pprojbit sakemm jiġu ssodisfati l-istess kundizzjonijiet applikabbli skont din id-Deċiżjoni għall-esportazzjoni lejn ir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

5. Jekk il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodott jew teknoloġija elenkati fl-Anness XVI lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja jkun jista' jiġi awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-pajjiż terz speċifikat jista' jiġi awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għad-derogi għall-esportazzjonijiet lejn ir-Russja jew għall-użu fir-Russja.”;

(24) l-Annessi huma emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Il-Punt 24 għandu japplika fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-entitajiet imsemmija fil-punt (3) tal-Anness għal din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Ottubru 2023 u dment li l-Kunsill, wara li jkun eżamina l-każijiet rispettivi, jiddeċiedi li jagħmel dan b'unanimità.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ROSWALL

---

*ANNEX*

- (1) L-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“ANNEX IV*

*Dan l-Anness jelenka persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma utenti finali militari, jiffurmaw parti mill-kumplex militari-industrijali tar-Russja jew li għandhom rabtiet kummerċjali jew rabtiet oħra mas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja jew li b'xi mod ieħor jappoġġawh. Dawn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi jikkontribwixxu għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Dawn jinkludu persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja. L-inklużjoni tagħhom f'dan l-Anness ma tinvolvi l-ebda attribuzzjoni ta' responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom lill-ġurisdizzjoni li jkunu qed joperaw fiha.*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 3(7), 3a(7) u 3b(1)

1. JSC Sirius (ir-Russja)
2. OJSC Stankoinstrument (ir-Russja)
3. OAO JSC Chemcomposite (ir-Russja)
4. JSC Kalashnikov (ir-Russja)
5. JSC Tula Arms Plant (ir-Russja)

6. NPK Technologii Maschinostrojenija (ir-Russja)
7. OAO Wysokototschnye Kompleksi (ir-Russja)
8. OAO Almaz Antey (ir-Russja)
9. OAO NPO Bażalt (ir-Russja)
10. Admiralty Shipyard JSC (ir-Russja)
11. Aleksandrov Scientific Research Technological Institute NITI (L-Istitut Teknoloġiku tar-Riċerka Xjentifika Aleksandrov NITI) (ir-Russja)
12. Argut OOO (ir-Russja)
13. Ċentru tal-komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża (ir-Russja)
14. Federal Research Center Boreskov Institute of Catalysis (L-Istitut tal-Kataliżi ta' Ċentru ta' Riċerka Federali Boreskov) (ir-Russja)
15. L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja (ir-Russja)
16. L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Unità tat-Titjir Speċjali Rossiya tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja (ir-Russja)
17. L-Istitut tar-Riċerka Awtomatika ta' Dukhov tal-Intrapriża Unitarja tal-Istat Federali (VNIIA) (ir-Russja)

18. Servizz tal-Intelligence Barranija (SVR) (ir-Russja)
19. Ċentru Forensiku tar-Reġjun Nizhniy Novgorod tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Intern (ir-Russja)
20. Ċentru Internazzjonali għall-Quantum Optics u t-Teknoloġġi Quantum (iċ-Ċentru Quantum Russu) (ir-Russja)
21. Irkut Corporation (ir-Russja)
22. Irkut Research and Production Corporation Public Joint Stock Company (ir-Russja)
23. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computing Machinery (ir-Russja)
24. JSC Central Research Institute of Machine Building (JSC TsNIIMash) (ir-Russja)
25. JSC Kazan Helicopter Plant Repair Service (ir-Russja)
26. JSC Shipyard Zaliv (it-tarzna tal-bini tal-bastimenti ta' Zaliv) (ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, annessa illegalment mir-Russja)
27. JSC Rocket and Space Centre - Progress (ir-Russja)
28. Kamensk-Uralsky Metallurgical Works J.S. Co. (ir-Russja)
29. Kazan Helicopter Plant PJSC (ir-Russja)
30. Komsomolsk-na-Amur Aviation Production Organization (KNAAPO) (ir-Russja)

31. Il-Ministeru tad-Difiża RF (ir-Russja)
32. Moscow Institute of Physics and Technology (l-Istitut ta' Moska tal-Fiżika u tat-Teknoloġija) (ir-Russja)
33. NPO High Precision Systems JSC (ir-Russja)
34. NPO Splav JSC (ir-Russja)
35. OPK Oboronprom (ir-Russja)
36. PJSC Beriev Aircraft Company (ir-Russja)
37. PJSC Irkut Corporation (ir-Russja)
38. PJSC Kazan Helicopters (ir-Russja)
39. POLYUS Research Institute of M.F. Stelmakh Joint Stock Company (ir-Russja)
40. Promtech-Dubna, JSC (ir-Russja)
41. Public Joint Stock Company United Aircraft Corporation (ir-Russja)
42. Radiotechnical and Information Systems (RTI) Concern (ir-Russja)
43. Rapart Services LLC (ir-Russja)



44. Rosoboronexport OJSC (ROE) (ir-Russja)
45. Rostec (Russian Technologies State Corporation) (ir-Russja)
46. Rostekh - Azimuth (ir-Russja)
47. Il-Korporazzjoni Russa tal-Inġenji tal-Ajru MiG (Russian Aircraft Corporation MiG) (ir-Russja)
48. Russian Helicopters JSC (ir-Russja)
49. SP KVANT (Sovmestnoe Predpriyatie Kvantovye Tekhnologii) (ir-Russja)
50. Sukhoi Aviation JSC (ir-Russja)
51. Sukhoi Civil Aircraft (ir-Russja)
52. Tactical Missiles Corporation JSC (ir-Russja)
53. Tupolev JSC (ir-Russja)
54. UEC-Saturn (ir-Russja)
55. United Aircraft Corporation (ir-Russja)

56. JSC AeroKompozit (ir-Russja)
57. United Engine Corporation (ir-Russja)
58. UEC-Aviadvigatel JSC (ir-Russja)
59. United Instrument Manufacturing Corporation (ir-Russja)
60. United Shipbuilding Corporation (ir-Russja)
61. JSC PO Sevmash (ir-Russja)
62. Krasnoye Sormovo Shipyard (ir-Russja)
63. Severnaya Shipyard (ir-Russja)
64. Shipyard Yantar (ir-Russja)
65. UralVagonZavod (ir-Russja)
66. Baikal Electronics (ir-Russja)
67. Center for Technological Competencies in Radiophotonics (ir-Russja)

68. Central Research and Development Institute Tsiklon (ir-Russja)
69. Crocus Nano Electronics (ir-Russja)
70. Dalzavod Ship-Repair Center (ir-Russja)
71. Elara (ir-Russja)
72. Electronic Computing and Information Systems (ir-Russja)
73. ELPROM (ir-Russja)
74. Engineering Center Ltd (ir-Russja)
75. Forss Technology Ltd (ir-Russja)
76. Integral SPB (ir-Russja)
77. JSC Element (ir-Russja)
78. JSC Pella-Mash (ir-Russja)
79. JSC Shipyard Vympel (ir-Russja)

80. Kranark LLC (ir-Russja)
81. Lev Anatolyevich Yershov (Ershov) (ir-Russja)
82. LLC Center (ir-Russja)
83. MCST Lebedev (ir-Russja)
84. Miass Machine-Building Factory (ir-Russja)
85. Microelectronic Research and Development Center Novosibirsk (ir-Russja)
86. MPI VOLNA (ir-Russja)
87. N.A. Dollezhal Order of Lenin Research and Design Institute of Power Engineering (ir-Russja)
88. Nerpa Shipyard (ir-Russja)
89. NM-Tekh (ir-Russja)
90. Novorossiysk Shipyard JSC (ir-Russja)
91. NPO Electronic Systems (ir-Russja)

92. NPP Istok (ir-Russja)
93. NTC Metrotek (ir-Russja)
94. OAO GosNIIkhimanalit (ir-Russja)
95. OAO Svetlovskoye Predpriyatiye Era (ir-Russja)
96. OJSC TSRY (ir-Russja)
97. OOO Elkomtek (Elkomtex) (ir-Russja)
98. OOO Planar (ir-Russja)
99. OOO Sertal (ir-Russja)
100. Photon Pro LLC (ir-Russja)
101. PJSC Zvezda (ir-Russja)
102. Amur Shipbuilding Factory PJSC (ir-Russja)

103. AO Center of Shipbuilding and Ship Repairing JSC (ir-Russja)
104. AO Kronshtadt (ir-Russja)
105. Avant Space LLC (ir-Russja)
106. Production Association Strela (ir-Russja)
107. Radioavtomatika (ir-Russja)
108. Research Center Module (ir-Russja)
109. Robin Trade Limited (ir-Russja)
110. R.Ye. Alekseyev Central Design Bureau for Hydrofoil Ships (ir-Russja)
111. Rubin Sever Design Bureau (ir-Russja)
112. Russian Space Systems (ir-Russja)
113. Rybinsk Shipyard Engineering (ir-Russja)
114. Scientific Research Institute of Applied Chemistry (ir-Russja)

115. Scientific-Research Institute of Electronics (ir-Russja)
116. Scientific Research Institute of Hypersonic Systems (ir-Russja)
117. Scientific Research Institute NII Submikro (ir-Russja)
118. Sergey IONOV (ir-Russja)
119. Serniya Engineering (ir-Russja)
120. Severnaya Verf Shipbuilding Factory (ir-Russja)
121. Ship Maintenance Center Zvezdochka (ir-Russja)
122. State Governmental Scientific Testing Area of Aircraft Systems (GkNIPAS) (ir-Russja)
123. State Machine Building Design Bureau Raduga Bereznya (ir-Russja)
124. State Scientific Center AO GNTs RF—FEI A.I. Leypunskiy Physico-Energy Institute (ir-Russja)

125. State Scientific Research Institute of Machine Building Bakhirev (GosNII mash) (ir-Russja)
126. Tomsk Microwave and Photonic Integrated Circuits and Modules Collective Design Center (ir-Russja)
127. UAB Pella-Fjord (ir-Russja)
128. United Shipbuilding Corporation JSC “35th Shipyard” (ir-Russja)
129. United Shipbuilding Corporation JSC “Astrakhan Shipyard” (ir-Russja)
130. United Shipbuilding Corporation JSC “Aysberg Central Design Bureau” (ir-Russja)
131. United Shipbuilding Corporation JSC “Baltic Shipbuilding Factory” (ir-Russja)
132. United Shipbuilding Corporation JSC “Krasnoye Sormovo Plant OJSC” (ir-Russja)
133. United Shipbuilding Corporation JSC SC “Zvyozdochka” (ir-Russja)
134. United Shipbuilding Corporation “Pribaltic Shipbuilding Factory Yantar” (ir-Russja)



135. United Shipbuilding Corporation “Scientific Research Design Technological Bureau Onega” (ir-Russja)
136. United Shipbuilding Corporation “Sredne-Nevisky Shipyard” (ir-Russja)
137. Ural Scientific Research Institute for Composite Materials (ir-Russja)
138. Urals Project Design Bureau Detal (ir-Russja)
139. Vega Pilot Plant (ir-Russja)
140. Vertikal LLC (ir-Russja)
141. Vladislav Vladimirovich Fedorenko (ir-Russja)
142. VTK Ltd (ir-Russja)
143. Yaroslavl Shipbuilding Factory (ir-Russja)
144. ZAO Elmiks-VS (ir-Russja)
145. ZAO Sparta (ir-Russja)
146. ZAO Svyaz Inzhiniring (ir-Russja)

147. 46th TSNII Central Scientific Research Institute (ir-Russja)
148. Alagir Resistor Factory (ir-Russja)
149. All-Russian Research Institute of Optical and Physical Measurements (ir-Russja)
150. All-Russian Scientific-Research Institute Etalon JSC (ir-Russja)
151. Almaz JSC (ir-Russja)
152. Arzam Scientific Production Enterprise Temp Avia (ir-Russja)
153. Automated Procurement System for State Defense Orders, LLC (ir-Russja)
154. Dolgoprudniy Design Bureau of Automatics (DDBA JSC) (ir-Russja)
155. Electronic Computing Technology Scientific-Research Center JSC (ir-Russja)
156. Electrosignal JSC (ir-Russja)
157. Energiya JSC (ir-Russja)

158. Engineering Center Moselectronproekt (ir-Russja)
159. Etalon Scientific and Production Association (ir-Russja)
160. Evgeny Krayushin (ir-Russja)
161. Foreign Trade Association Mashpriborintorg (ir-Russja)
162. Ineko LLC (ir-Russja)
163. Informakustika JSC (ir-Russja)
164. Institute of High Energy Physics (ir-Russja)
165. Institute of Theoretical and Experimental Physics (ir-Russja)
166. Inteltech PJSC (ir-Russja)
167. ISE SO RAN Institute of High-Current Electronics (ir-Russja)

168. Kaluga Scientific-Research Institute of Telemachanical Devices JSC (ir-Russja)
169. Kulon Scientific-Research Institute JSC (ir-Russja)
170. Lutch Design Office JSC (ir-Russja)
171. Meteor Plant JSC (ir-Russja)
172. Moscow Communications Research Institute JSC (ir-Russja)
173. Moscow Order of the Red Banner of Labor Research Radio Engineering Institute JSC (ir-Russja)
174. NPO Elektromechaniki JSC (ir-Russja)
175. Omsk Production Union Irtysh JSC (ir-Russja)
176. Omsk Scientific-Research Institute of Instrument Engineering JSC (ir-Russja)
177. Optron, JSC (ir-Russja)
178. Pella Shipyard OJSC (ir-Russja)

179. Polyot Chelyabinsk Radio Plant JSC (ir-Russja)
180. Pskov Distance Communications Equipment Plant (ir-Russja)
181. Radiozavod JSC (ir-Russja)
182. Razryad JSC (ir-Russja)
183. Research Production Association Mars (ir-Russja)
184. Ryazan Radio-Plant (ir-Russja)
185. Scientific Production Center Vigstar JSC (ir-Russja)
186. Scientific Production Enterprise "Radiosviaz" (ir-Russja)
187. Scientific Research Institute Ferrite-Domen (ir-Russja)
188. Scientific Research Institute of Communication Management Systems (ir-Russja)
189. Scientific-Production Association and Scientific-Research Institute of Radio-Components (ir-Russja)

190. Scientific-Production Enterprise “Kant” (ir-Russja)
191. Scientific-Production Enterprise “Svyaz” (ir-Russja)
192. Scientific-Production Enterprise Almaz JSC (ir-Russja)
193. Scientific-Production Enterprise Salyut JSC (ir-Russja)
194. Scientific-Production Enterprise Volna (ir-Russja)
195. Scientific-Production Enterprise Vostok JSC (ir-Russja)
196. Scientific-Research Institute “Argon” (ir-Russja)
197. Scientific-Research Institute and Factory Platan (ir-Russja)
198. Scientific-Research Institute of Automated Systems and Communications Complexes Neptune JSC (ir-Russja)
199. Special Design and Technical Bureau for Relay Technology (ir-Russja)
200. Special Design Bureau Salute JSC (ir-Russja)

201. Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Salute’ (ir-Russja)
202. Tactical Missile Company, Joint Stock Company “State Machine Building Design Bureau ‘Vympel’ bl-isem ta’ I.I.Toropov” (ir-Russja)
203. Tactical Missile Company, Joint Stock Company “URALELEMENT” (ir-Russja)
204. Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Plant Dagdiesel” (ir-Russja)
205. Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Scientific Research Institute of Marine Heat Engineering” (ir-Russja)
206. Tactical Missile Company, Joint Stock Company PA Strela (ir-Russja)
207. Tactical Missile Company, Joint Stock Company Plant Kulakov (ir-Russja)
208. Tactical Missile Company, Joint Stock Company Ravenstvo (ir-Russja)
209. Tactical Missile Company, Joint Stock Company Ravenstvo-service (ir-Russja)
210. Tactical Missile Company, Joint Stock Company Saratov Radio Instrument Plant (ir-Russja)

211. Tactical Missile Company, Joint Stock Company Severny Press (ir-Russja)
212. Tactical Missile Company, Joint-Stock Company “Research Center for Automated Design” (ir-Russja)
213. Tactical Missile Company, KB Mashinostroeniya (ir-Russja)
214. Tactical Missile Company, NPO Electromechanics (ir-Russja)
215. Tactical Missile Company, NPO Lightning (ir-Russja)
216. Tactical Missile Company, Petrovsky Electromechanical Plant “Molot” (ir-Russja)
217. Tactical Missile Company, PJSC “MBDB ‘ISKRA’” (ir-Russja)
218. Tactical Missile Company, PJSC ANPP Temp Avia (ir-Russja)
219. Tactical Missile Company, Raduga Design Bureau (ir-Russja)
220. Tactical Missile Corporation, “Central Design Bureau of Automation” (ir-Russja)



221. Tactical Missile Corporation, 711 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)
222. Tactical Missile Corporation, AO GNPP “Region” (ir-Russja)
223. Tactical Missile Corporation, AO TMKB “Soyuz” (ir-Russja)
224. Tactical Missile Corporation, Azov Optical and Mechanical Plant (ir-Russja)
225. Tactical Missile Corporation, Concern “MPO – Hidropribor” (ir-Russja)
226. Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company “KRASNY GIDROPRESS” (ir-Russja)
227. Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Avangard (ir-Russja)
228. Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Concern Granit-Electron (ir-Russja)
229. Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Elektrotyaga (ir-Russja)
230. Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company GosNIIMash (ir-Russja)

231. Tactical Missile Corporation, RKB Globus (ir-Russja)
232. Tactical Missile Corporation, Smolensk Aviation Plant (ir-Russja)
233. Tactical Missile Corporation, TRV Engineering (ir-Russja)
234. Tactical Missile Corporation, Ural Design Bureau “Detal” (ir-Russja)
235. Tactical Missile Corporation, Zvezda-Strela Limited Liability Company (ir-Russja)
236. Tambov Plant (TZ) “October” (ir-Russja)
237. United Shipbuilding Corporation “Production Association Northern Machine Building Enterprise” (ir-Russja)
238. United Shipbuilding Corporation “5th Shipyard” (ir-Russja)
239. Federal Center for Dual-Use Technology (FTsDT) Soyuz (ir-Russja)
240. Turayev Machine Building Design Bureau Soyuz (ir-Russja)
241. Zhukovskiy Central Aerohydrodynamics Institute (TsAGI) (ir-Russja)

242. Rosatomflot (ir-Russja)
243. Lyulki Experimental-Design Bureau (ir-Russja)
244. Lyulki Science and Technology Center (ir-Russja)
245. AO Aviaagregat (ir-Russja)
246. Central Aerohydrodynamic Institute (TsAGI) (ir-Russja)
247. Closed Joint Stock Company Turborus (Turborus) (ir-Russja)
248. Federal Autonomous Institution Central Institute of Engine-Building N.A. P.I. Baranov; Central Institute of Aviation Motors (CIAM) (ir-Russja)
249. Federal State Budgetary Institution National Research Center Institute N.A. N.E. Zhukovsky (Zhukovsky National Research Institute) (ir-Russja)
250. Federal State Unitary Enterprise 'State Scientific-Research Institute for Aviation Systems' (GosNIIAS) (ir-Russja)

251. Joint Stock Company 123 Aviation Repair Plant (123 ARZ) (ir-Russja)
252. Joint Stock Company 218 Aviation Repair Plant (218 ARZ) (ir-Russja)
253. Joint Stock Company 360 Aviation Repair Plant (360 ARZ) (ir-Russja)
254. Joint Stock Company 514 Aviation Repair Plant (514 ARZ) (ir-Russja)
255. Joint Stock Company 766 UPTK (ir-Russja)
256. Joint Stock Company Aramil Aviation Repair Plant (AARZ) (ir-Russja)
257. Joint Stock Company Aviaremонт (Aviaremонт) (ir-Russja)
258. Joint Stock Company Flight Research Institute N.A. M.M. Gromov (FRI Gromov) (ir-Russja)
259. Joint Stock Company Metallist Samara (Metallist Samara) (ir-Russja)
260. Joint Stock Company Moscow Machine-Building Enterprise named after V. V. Chernyshev (MMP V.V. Chernyshev) (ir-Russja)
261. JSC NII Steel (ir-Russja)

262. Joint Stock Company Remdizel (ir-Russja)
263. Joint Stock Company Special Industrial and Technical Base Zvezdochka (SPTB Zvezdochka) (ir-Russja)
264. Joint Stock Company STAR (ir-Russja)
265. Joint Stock Company Votkinsk Machine Building Plant (ir-Russja)
266. Joint Stock Company Yaroslav Radio Factory (ir-Russja)
267. Joint Stock Company Zlatoustovsky Machine Building Plant (JSC Zlatmash) (ir-Russja)
268. Limited Liability Company Center for Specialized Production OSK Propulsion (OSK Propulsion) (ir-Russja)
269. Lytkarino Machine-Building Plant (ir-Russja)
270. Moscow Aviation Institute (ir-Russja)

271. Moscow Institute of Thermal Technology (ir-Russja)
272. Omsk Motor-Manufacturing Design Bureau (ir-Russja)
273. Open Joint Stock Company 170 Flight Support Equipment Repair Plant (170 RZ SOP) (ir-Russja)
274. Open Joint Stock Company 20 Aviation Repair Plant (20 ARZ) (ir-Russja)
275. Open Joint Stock Company 275 Aviation Repair Plant (275 ARZ) (ir-Russja)
276. Open Joint Stock Company 308 Aviation Repair Plant (308 ARZ) (ir-Russja)
277. Open Joint Stock Company 32 Repair Plant of Flight Support Equipment (32 RZ SOP) (ir-Russja)
278. Open Joint Stock Company 322 Aviation Repair Plant (322 ARZ) (ir-Russja)
279. Open Joint Stock Company 325 Aviation Repair Plant (325 ARZ) (ir-Russja)
280. Open Joint Stock Company 680 Aircraft Repair Plant (680 ARZ) (ir-Russja)

281. Open Joint Stock Company 720 Special Flight Support Equipment Repair Plant (720 RZ SOP) (ir-Russja)
282. Open Joint Stock Company Volgograd Radio-Technical Equipment Plant (VZ RTO) (ir-Russja)
283. Public Joint Stock Company Agregat (PJSC Agregat) (ir-Russja)
284. Salute Gas Turbine Research and Production Center (ir-Russja)
285. Scientific-Production Association Vint of Zvezdochka Shipyard (SPU Vint) (ir-Russja)
286. Scientific Research Institute of Applied Acoustics (NIIPA) (ir-Russja)
287. Siberian Scientific-Research Institute of Aviation N.A. S.A. Chaplygin (SibNIA) (ir-Russja)
288. Software Research Institute (ir-Russja)

289. Subsidiary Sevastopol Naval Plant of Zvezdochka Shipyard (Sevastopol Naval Plant) (il-Belt ta' Sevastopol, annessa illegalment mir-Russja)
290. Tula Arms Plant (ir-Russja)
291. Russian Institute of Radio Navigation and Time (ir-Russja)
292. Federal Technical Regulation and Metrology Agency (Rosstandart) (ir-Russja)
293. Federal State Budgetary Institution of Science P.I. K.A. Valiev RAS of the Ministry of Science and Higher Education of Russia (FTIAN) (ir-Russja)
294. Federal State Unitary Enterprise All-Russian Research Institute of Physical, Technical and Radio Engineering Measurements (VNIIFTRI) (ir-Russja)
295. Institute of Physics Named After P.N. Lebedev of the Russian Academy of Sciences (LPI) (ir-Russja)
296. The Institute of Solid-State Physics of the Russian Academy of Sciences (ISSP) (ir-Russja)



297. Rzhanov Institute of Semiconductor Physics, Siberian Branch of Russian Academy of Sciences (IPP SB RAS) (ir-Russja)
298. UEC-Perm Engines, JSC (ir-Russja)
299. Ural Works of Civil Aviation, JSC (ir-Russja)
300. Central Design Bureau for Marine Engineering 'Rubin', JSC (ir-Russja)
301. 'Aeroprivor-Voskhod', JSC (ir-Russja)
302. Aerospace Equipment Corporation, JSC (ir-Russja)
303. Central Research Institute of Automation and Hydraulics (CNIAG), JSC (ir-Russja)
304. Aerospace Systems Design Bureau, JSC (ir-Russja)
305. Afanasyev Technomac, JSC (ir-Russja)
306. Ak Bars Shipbuilding Corporation, CJSC (ir-Russja)
307. AGAT, Gavrilov-Yaminskiy Machine-Building Plant, JSC (ir-Russja)

308. Almaz Central Marine Design Bureau, JSC (ir-Russja)
309. Joint Stock Company Eleron (ir-Russja)
310. AO Rubin (ir-Russja)
311. Branch of AO Company Sukhoi Yuri Gagarin Komsomolsk-on-Amur Aircraft Plant (ir-Russja)
312. Branch of PAO II – Aviastar (ir-Russja)
313. Branch of RSK MiG Nizhny Novgorod Aircraft-Construction Plant Sokol (ir-Russja)
314. Chkalov Novosibirsk Aviation Plant (ir-Russja)
315. Joint Stock Company All-Russian Scientific-Research Institute Gradient (ir-Russja)
316. Joint Stock Company Almatyevsk Radiopribor Plant (JSC AZRP) (ir-Russja)
317. Joint Stock Company Experimental-Design Bureau Elektroavtomatika in the name of P.A. Efimov (ir-Russja)

318. Joint Stock Company Industrial Controls Design Bureau (ir-Russja)
319. Joint Stock Company Kazan Instrument-Engineering and Design Bureau (ir-Russja)
320. Joint Stok Company Microtechnology (ir-Russja)
321. Phasotron Scientific-Research Institute of Radio-Engineering (ir-Russja)
322. Joint Stock Company Radiopribor (ir-Russja)
323. Joint Stock Company Ramensk Instrument-Engineering Bureau (ir-Russja)
324. Joint Stock Company Research and Production Center SAPSAN (ir-Russja)
325. Joint Stock Company Rychag (ir-Russja)
326. Joint Stock Company Scientific Production Enterprise Izmeritel (ir-Russja)
327. Joint Stock Company Scientific-Production Union for Radioelectronics named after V.I. Shimko (ir-Russja)
328. Joint Stock Company Taganrog Communications Scientific-Research Institute (ir-Russja)

329. Joint Stock Company Urals Instrument-Engineering Plant (ir-Russja)
330. Joint Stock Company Vzlet Engineering Testing Support (ir-Russja)
331. Joint Stock Company Zhiguli Radio Plant (ir-Russja)
332. Joint Stock Company Bryansk Electromechanical Plant (ir-Russja)
333. Public Joint Stock Company Moscow Institute of Electro-Mechanics and Automation (ir-Russja)
334. Public Joint Stock Company Stavropol Radio Plant Signal (ir-Russja)
335. Public Joint Stock Company Techpribor (ir-Russja)
336. Joint Stock Company Ramensky Instrument-Engineering Plant (ir-Russja)
337. V.V. Tarasov Avia Avtomatika (ir-Russja)
338. Design Bureau of Chemical Machine Building KBKhM (ir-Russja)
339. Far Eastern Shipbuilding and Ship Repair Center (ir-Russja)

340. Ilyushin Aviation Complex Branch: Myasishcheva Experimental Mechanical Engineering Plant (ir-Russja)
341. Institute of Marine Technology Problems Far East Branch Russian Academy of Sciences (ir-Russja)
342. Irkutsk Aviation Plant (ir-Russja)
343. Joint Stock Company Aerocomposit Ulyanovsk Plant (ir-Russja)
344. Joint Stock Company Experimental Design Bureau named after A.S. Yakovlev (ir-Russja)
345. Joint Stock Company Federal Research and Production Center Altai (ir-Russja)
346. Joint Stock Company Head Special Design Bureau Prozhektor (ir-Russja)
347. Joint Stock Company Ilyushin Aviation Complex (ir-Russja)
348. Joint Stock Company Lazurit Central Design Bureau (ir-Russja)
349. Joint Stock Company Research and Development Enterprise Protek (ir-Russja)

350. Joint Stock Company SPMDB Malachite (ir-Russja)
351. Joint Stock Company Votkinsky Zavod (ir-Russja)
352. Kalyazinsky Machine Building Factory – Branch of RSK MiG (ir-Russja)
353. Main Directorate of Deep-Sea Research tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa (ir-Russja)
354. NPP Start (ir-Russja)
355. OAO Radiofizika (ir-Russja)
356. P.A. Voronin Lkhovitsk Aviation Plant, branch of RSK MiG (ir-Russja)
357. Public Joint Stock Company Bryansk Special Design Bureau (ir-Russja)
358. Public Joint Stock Company Voronezh Joint Stock Aircraft Company (ir-Russja)

359. Radio Technical Institute msemmi għal A. L. Mints (ir-Russja)
360. Russian Federal Nuclear Center – All-Russian Research Institute of Experimental Physics (ir-Russja)
361. Shvabe JSC (ir-Russja)
362. Special Technological Center LLC (ir-Russja)
363. St. Petersburg Marine Bureau of Machine Building Malakhit (ir-Russja)
364. St. Petersburg Naval Design Bureau Almaz (ir-Russja)
365. St. Petersburg Shipbuilding Institution Krylov 45 (ir-Russja)
366. Strategic Control Posts Corporation (ir-Russja)
367. V.A. Trapeznikov Institute of Control Sciences of Russian Academy of Sciences (ir-Russja)
368. Vladimir Design Bureau for Radio Communications OJSC (ir-Russja)

369. Voentelecom JSC (ir-Russja)
370. A.A. Kharkevich Institute for Information Transmission Problems (IITP), Russian Academy of Sciences (RAS) (ir-Russja)
371. Ak Bars Holding (ir-Russja)
372. Special Research Bureau for Automation of Marine Researches Far East Branch Russian Academy of Sciences (ir-Russja)
373. Systems of Biological Synthesis LLC (ir-Russja)
374. Borisfen, JSC (ir-Russja)
375. Barnaul cartridge plant, JSC (ir-Russja)
376. Concern Aurora Scientific and Production Association, JSC (ir-Russja)
377. Bryansk Automobile Plant, JSC (ir-Russja)
378. Burevestnik Central Research Institute, JSC (ir-Russja)



379. Research Institute of Space Instrumentation, JSC (ir-Russja)
380. Arsenal Machine-building plant, OJSC (ir-Russja)
381. Central Design Bureau of Automatics, JSC (ir-Russja)
382. Zelenodolsk Design Bureau, JSC (ir-Russja)
383. Zavod Elecon, JSC (ir-Russja)
384. VMP “Avitec”, JSC (ir-Russja)
385. JSC V. Tikhomirov Scientific Research Institute of Instrument Design (ir-Russja)
386. Tulatochmash, JSC (ir-Russja)
387. PJSC “I.S. Brook” INEUM (ir-Russja)
388. SPE ‘Krasnoznamnets’, JSC (ir-Russja)
389. SPA Pribor named after S.S. Golembiovsky, SC (ir-Russja)

390. SPA 'Impuls', JSC (ir-Russja)
391. RusBITech (ir-Russja)
392. ROTOR 43 (ir-Russja)
393. L-impjant optiku u mekkaniku ta' Rostov, PJSC (ir-Russja)
394. RATEP, JSC (ir-Russja)
395. PLAZ (ir-Russja)
396. OKB 'Technika' (ir-Russja)
397. Ocean Chips (ir-Russja)
398. Nudelman Precision Engineering Design Bureau (ir-Russja)
399. Angstrom JSC (ir-Russja)
400. NPCAP (ir-Russja)

401. Novosibirsk Plant of Artificial Fibre (ir-Russja)
402. Novosibirsk Cartridge Plant, JSC (SIBFIRE) (ir-Russja)
403. Novator DB (ir-Russja)
404. NIMI named after V.V. BAHIREV, JSC (ir-Russja)
405. NII Stali JSC (ir-Russja)
406. Nevskoe Design Bureau, JSC (ir-Russja)
407. Neva Electronica JSC (ir-Russja)
408. ENICS (ir-Russja)
409. The JSC Makeyev Design Bureau (ir-Russja)
410. KURGANPRIBOR, JSC (ir-Russja)
411. Ural Optical-Mechanical Plant E.S. Yalamova, JSC (ir-Russja)

412. Ramenskoye Engineering Design Office, JSC (ir-Russja)
413. Vologda Optical and Mechanical Plant, JSC (ir-Russja)
414. Videoglaz Project (ir-Russja)
415. Innovative Underwater Technologies, LLC (ir-Russja)
416. Ulyanovsk Mechanical Plant (ir-Russja)
417. All-Russian Research Institute of Radio Engineering (ir-Russja)
418. PJSC “Scientific and Production Association “Almaz” named after Academician A.A. Raspletin” (ir-Russja)
419. Concern OJSC - KIZLYAR ELECTRO-MECHANICAL PLANT (ir-Russja)
420. Concern Oceanpribor, JSC (ir-Russja)
421. JSC Zelenogradsky Nanotechnology Center (ir-Russja)
422. JSC Elektronstandart Pribor (ir-Russja)

423. JSC 'Urals Optical-Mechanical Plant imsemmi għal E.S Yalamov' (ir-Russja)
424. Ramenskoye Instrument-Making Design Bureau, JSC (ir-Russja)
425. Special Technology Centre Limited Liability Company (ir-Russja)
426. Vest Ost Limited Liability (ir-Russja)
427. Trade-Component LLC (ir-Russja)
428. Radiant Electronic Components JSC (ir-Russja)
429. JSC ICC Milandr (ir-Russja)
430. SMT iLogic LLC (ir-Russja)
431. Device Consulting (ir-Russja)
432. Concern Radio-Electronic Technologies (ir-Russja)
433. Technodinamika, JSC (ir-Russja)
434. OOO 'UNITEK' (ir-Russja)

435. Closed Joint Stock Company TPK LINKOS (ir-Russja)
436. Closed Joint Stock Company TPK LINKOS, SUBDIVISION IN ASTRAKHAN (ir-Russja)
437. Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) (I-Iran)
438. Islamic Revolutionary Guard Corps Aerospace Force (I-Iran)
439. Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) (I-Iran)
440. Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) (I-Iran)
441. Paravar Pars Company (I-Iran)
442. Qods Aviation Industries (I-Iran)
443. Shahed Aviation Industries (I-Iran)
444. Concern Morinformsystem – Agat (ir-Russja)

445. AO Papon (ir-Russja)
446. IT-Papillon OOO (ir-Russja)
447. OOO Adis (ir-Russja)
448. Papon Systems Limited Liability Company (ir-Russja)
449. Advanced Research Foundation (ir-Russja)
450. Federal Service for Military-Technical Cooperation (ir-Russja)
451. Federal State Budgetary Scientific Institution Research and Production Complex Technology Center (ir-Russja)
452. Federal State Institution Federal Scientific Center Scientific Research Institute for System Analysis of the Russian Academy of Sciences (ir-Russja)
453. Joint Stock Company All-Russian Research Institute Signal (ir-Russja)
454. Joint Stock Company Center of Research and Technology Services Dinamika (ir-Russja)

455. Joint Stock Company Concern Avtomatika (ir-Russja)
456. Joint Stock Company Corporation Moscow Institute of Heat Technology (ir-Russja)
457. Joint Stock Company Design Center Soyuz (ir-Russja)
458. Joint Stock Company Design Technology Center Elektronika (ir-Russja)
459. Joint Stock Company Institute for Scientific Research Microelectronic Equipment Progress (ir-Russja)
460. Joint Stock Company Machine-Building Engineering Office Fakel Named After Akademika P.D. Grushina (ir-Russja)
461. Joint Stock Company Moscow Institute of Electromechanics and Automatics (ir-Russja)
462. Joint Stock Company North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant (ir-Russja)
463. Joint Stock Company Obninsk Research and Production Enterprise Tekhnologiya Named After A.G. Romashin (ir-Russja)



464. Joint Stock Company Penza Electrotechnical Research Institute (ir-Russja)
465. Joint Stock Company Production Association Sever (ir-Russja)
466. Joint Stock Company Research Center ELINS (ir-Russja)
467. Joint Stock Company Research and Production Association of Measuring Equipment (ir-Russja)
468. Joint Stock Company Research and Production Enterprise Radar MMS (ir-Russja)
469. Joint Stock Company Research and Production Enterprise Sapfir (ir-Russja)
470. Joint Stock Company RT-Tekhpriemka (ir-Russja)
471. Joint Stock Company Russian Research Institute Electronstandart (ir-Russja)
472. Joint Stock Company Ryazan Plant of Metal Ceramic Instruments (ir-Russja)
473. Joint Stock Company Scientific Production Enterprise Digital Solutions (ir-Russja)
474. Joint Stock Company Scientific Production Enterprise Kontakt (ir-Russja)

475. Joint Stock Company Scientific Production Enterprise Topaz (ir-Russja)
476. Joint Stock Company Scientific Research Institute Giricond (ir-Russja)
477. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computer Engineering NII SVT (ir-Russja)
478. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Electrical Carbon Products (ir-Russja)
479. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Electronic and Mechanical Devices (ir-Russja)
480. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Electronic Engineering Materials (ir-Russja)
481. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Gas Discharge Devices Plasma (ir-Russja)
482. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Industrial Television Rastr (ir-Russja)

483. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Precision Mechanical Engineering (ir-Russja)
484. Joint Stock Company Special Design Bureau of Computer Engineering (ir-Russja)
485. Joint Stock Company Special Design Bureau of Control Means (ir-Russja)
486. Joint Stock Company Special Design Bureau Turbina (ir-Russja)
487. Joint Stock Company State Scientific Research Institute Kristall (ir-Russja)
488. Joint Stock Company Svetlana Semiconductors (ir-Russja)
489. Joint Stock Company Tekhnodinamika (ir-Russja)
490. Joint Stock Company Voronezh Semiconductor Devices Factory Assembly (ir-Russja)
491. KAMAZ Publicly Traded Company (ir-Russja)
492. Keldysh Institute of Applied Mathematics of the Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

493. Limited Liability Company Research and Production Association Radiovolna (ir-Russja)
494. Limited Liability Company RSBGroup (ir-Russja)
495. Mitishinskiy Scientific Research Institute of Radio Measuring Instruments (ir-Russja)
496. Open Joint Stock Company Khabarovsk Radio Engineering Plant (ir-Russja)
497. Open Joint Stock Company Mariyskiy Machine-Building Plant (ir-Russja)
498. Open Joint Stock Company Scientific and Production Enterprise Pulsar (ir-Russja)
499. Public Joint Stock Company Megafon (ir-Russja)
500. Public Joint Stock Company Tutaev Motor Plant (ir-Russja)
501. Public Joint Stock Company Vypel Interstate Corporation (ir-Russja)
502. RT-Inform Limited Liability Company (ir-Russja)
503. Skolkovo Foundation (ir-Russja)

504. Skolkovo Institute of Science and Technology (ir-Russja)
505. State Flight Testing Center imsemmi għal V.P. Chkalov (ir-Russja)
506. Joint Stock Company Research and Production Association imsemmija għal S.A. Lavochkina (ir-Russja)
507. VMK Limited Liability Company (ir-Russja)
508. TESTKOMPLEKT LLC (ir-Russja)
509. Radiopriborsnab LLC (ir-Russja)
510. CJSC Radiotekhhkomplekt (ir-Russja)
511. Asia Pacific Links Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina)

512. Tordan Industry Limited (Hong Kong, iċ-Ċina)
513. Alpha Trading Investments Limited (Hong Kong, iċ-Ċina)
514. JSC NICEVT (ir-Russja)
515. A-CONTRAKT (ir-Russja)
516. JCS Izhevsk Motozavod Axion-holding (ir-Russja)
517. Gorky Plant of Communication Equipment (GZAS) (ir-Russja)
518. Nizhny Novgorod Research Institute of Radio Engineering (NNIIRT) (ir-Russja)
519. Nizhegorodskiy televizionnyy zavod (NITEL JSC) (ir-Russja)
520. LLC Rezonit (ir-Russja)
521. ZAO Promelektronika (ir-Russja)
522. TD Promelektronika LLC (ir-Russja)

523. Tako LLC (l-Armenja)
524. Art Logistics LLC (ir-Russja)
525. GFK Logistics LLC (ir-Russja)
526. Novastream Limited (ir-Russja)
527. SKS Elektron Broker (ir-Russja)
528. Trust Logistics (ir-Russja)
529. Trust Logistics LLC (ir-Russja)
530. Alfa Beta Creative LLC (l-Uzbekistan)
531. GFK Logistics Asia LLC (l-Uzbekistan)
532. I Jet Global DMCC (is-Sirja)
533. I Jet Global DMCC (l-Emirati Għarab Magħquda)

534. Suċċess Aviation Services FZC (l-Emirati Għarab Magħquda)
535. LLC CST (Zala Aero Group) (ir-Russja)
536. Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) (l-Iran);
537. Closed Joint Stock Company Special Design Bureau (ir-Russja)
538. Federal State Enterprise Kazan State Gunpowder Plant (ir-Russja)
539. Federal State Unitary Enterprise Central Scientific Research Institute of Chemistry and Mechanics (ir-Russja)
540. Federal State Unitary Enterprise Rostov-On-Don Research Institute of Radio Communications (ir-Russja)
541. Informtest Firm Limited Liability Company (ir-Russja)
542. Joint Stock Company 150 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)
543. Joint Stock Company 810 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)



544. Joint Stock Company Arzamas Instrument-Making Plant named after P.I. Plandin (ir-Russja)
545. Joint Stock Company Concern Central Institute for Scientific Research Elektropribor (ir-Russja)
546. Joint Stock Company Dux (ir-Russja)
547. Joint Stock Company Eastern Shipyard (ir-Russja)
548. Joint Stock Company Information Satellite Systems Named After Academician M.F. Reshetnev (ir-Russja)
549. Joint Stock Company Izhevsk Electromechanical Plant Kupol (ir-Russja)
550. Joint Stock Company Kazan Optical-Mechanical Plant (ir-Russja)
551. Joint Stock Company Khabarovsk Shipbuilding Yard (ir-Russja)
552. Joint Stock Company Machine Building Company Vityaz (ir-Russja)
553. Joint Stock Company Management Company Radiostandard (ir-Russja)
554. Joint Stock Company Marine Instrument Engineering Corporation (ir-Russja)

555. Joint Stock Company NII Gidrosvyazi Shtil (ir-Russja)
556. Joint Stock Company Nizhny Novgorod Plant of the 70th Anniversary of Victory (ir-Russja)
557. Joint Stock Company Northern Production Association Arktika (ir-Russja)
558. Joint Stock Company Perm Machine Building Plant (ir-Russja)
559. Joint Stock Company Production Complex Akhtuba (ir-Russja)
560. Joint Stock Company Project Design Bureau RIO (ir-Russja)
561. Joint Stock Company Scientific Production Association Orion (ir-Russja)
562. Joint Stock Company Scientific Production Association Volna Plant (ir-Russja)
563. Joint Stock Company Scientific Production Center of Automatics and Instrument Building Named After Academician N.A. Pilyugin (ir-Russja)
564. Joint Stock Company Scientific Production Concern Tekhmash (ir-Russja)
565. Joint Stock Company Scientific Research Engineering Institute (ir-Russja)

- 
566. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev (ir-Russja)
567. Joint Stock Company Scientific Technical Institute Radiosvyaz (ir-Russja)
568. Joint Stock Company Taganrog Plant Priboy (ir-Russja)
569. Joint Stock Company Tula Cartridge Works (ir-Russja)
570. Joint Stock Company Tula Machine-Building Plant (ir-Russja)
571. Joint Stock Company Ulan-Ude Aviation Plant (ir-Russja)
572. Joint Stock Company Ulyanovsk Cartridge Works (ir-Russja)
573. Joint Stock Company Ural Automotive Plant (ir-Russja)
574. Joint Stock Company Vodtranspribor (ir-Russja)
575. Joint Stock Company Zavolzhskiy Plant of Caterpillar Tractors (ir-Russja)

- 
576. Joint Stock Company Zelenodolsk Plant Named After A.M. Gorky (ir-Russja)
577. Machine Building Group Limited Liability Company (ir-Russja)
578. Military Industrial Company Limited Liability Company (ir-Russja)
579. Open Joint Stock Company Degtyaryov Plant (ir-Russja)
580. Promtekhnologiya Limited Liability Company (ir-Russja)
581. Public Joint Stock Company Kurganmashzavod (ir-Russja)
582. Public Joint Stock Company Motovilikha Plants (ir-Russja)
583. Public Joint Stock Company Proletarsky Plant (ir-Russja)
584. Public Joint Stock Company Rostvertol (ir-Russja)
585. Scientific Production Association Izhevsk Unmanned Systems Limited Liability Company (ir-Russja)

586. Scientific Production Enterprise Prima Limited Liability Company (ir-Russja)
587. United Machine Building Group Limited Liability Company (ir-Russja)
588. Volgograd Machine Building Company Limited Liability Company (ir-Russja)
589. VXI-Systems Limited Liability Company (ir-Russja)
590. LLC Yadro (ir-Russja)
591. Perm Powder Plant (ir-Russja)
592. RPA Kazan Machine Building Plant (ir-Russja)
593. Proton JSC (ir-Russja)”;
- (2) fl-Anness VII għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiżdied il-pajjiż sieħeb li ġej:  
“L-IŻVIZZERA”;

(3) fl-Anness IX għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

“RT Balkan

Oriental Review

Tsargrad

New Eastern Outlook

Katehon”;

(4) L-Anness XII għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*ANNEX XII*

Lista ta’proġetti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 4p(9)

Ambitu tal-eżenzjoni	Data tal-applikazzjoni	Data tal-iskadenza
It-trasport bil-bastiment lejn il-Ġappun, l-assistenza teknika, is-servizzi ta’ senserija, l-iffinanzjar jew l-assistenza finanzjarja relatati ma’ dan it-trasport, ta’ żejt grezz li jaqa’ taħt NM2709 00 imħallat ma’ kondensat, li joriġina fil-proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab ir-Russja,	5 ta’ Diċembru 2022	31 ta’ Marzu 2024

”;

(5) L-Anness XIV jżied mad-Deċiżjoni 2014/512/PESK:

*“ANNEX XIV*

Lista ta' oġġetti u teknoloġija u pajjiżi kif imsemmija fl-Artikolu 5a”;

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

tat-23 ta' Ġunju 2023

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna determinata tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-pessjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi ulterjuri possibbli. Il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll l-importanza u l-urġenza li jiżiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali u l-impenn qawwi tiegħu li jipprevjeni u jiġġieled b'mod effettiv iċ-ċirkomvenzjoni tagħhom f'pajjiżi terzi u minnhom. Hu stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jsaħħu l-istrumenti kollha ta' infurzar meħtieġa u jiżviluppaw, flimkien mal-Istati Membri, approċċ ikkoordinat bis-sħiħ għal dak l-għan.
- (4) Il-Kunsill iqis li ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jew it-tfixkil b'xi mod ieħor b'mod sinifikattiv ta' tali miżuri restrittivi minn operaturi ta' pajjiżi terzi mhux marbuta minn dawk il-miżuri b'tali mod li jikkontribwixxu għall-kapaċità tar-Russja li tmexxi gwerra, jistgħu jipperikolaw l-għan u l-effettività ta' dawk il-miżuri. Indikazzjonijiet ta' każijiet li jfixklu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-fatt li l-attività ewlenija ta' operatur ta' pajjiż terz tikkonsisti fix-xiri ta' merkanzija ristretta fl-Unjoni li tasal fir-Russja, l-involvement ta' persuni jew entitajiet Russi fi kwalunkwe stadju, il-ħolqien reċenti ta' kumpanija għal skopijiet relatati ma' merkanzija ristretta li tasal fir-Russja, jew żieda drastika fil-fatturat ta' operatur ta' pajjiż terz involut f'tali attivitajiet.
- (5) Il-Kunsill qies ukoll li l-gwerra tal-informazzjoni tikkostitwixxi mezz ewlieni li bih ir-Russja timplimenta l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u twestaq ksur gravi tad-dritt internazzjonali u tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kumpaniji fis-settur tal-IT li jipprovdu teknoloġija u software kritiċi lill-komunità tal-intelligence Russa għandhom liċenzja mis-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB), li tippermettilhom jaħdmu b'informazzjoni fil-livell ta' sigurtà Russu ta' "sigriet tal-istat". Barra minn hekk, tali kumpaniji sikwit ikollhom liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" partikolari mogħtija mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tar-Russja. Il-Kunsill għalhekk iqis li l-kriterji għad-deżinjazzjoni jenħtieġ li jiġu estiżi sabiex ikopru persuni ġuridiċi, entitajiet, jew korpi li joperaw fis-settur Russu tal-IT li jkollhom liċenzja mogħtija miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat (FSB Center for Licensing, Certification, and Protection of State Secrets) jew liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ.
- (6) Barra minn hekk, fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 71 persuna u 33 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).



- (7) Huwa xieraq li deroga mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi li kienet applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji diġà elenkati tiġi estiża għal żewġ istituzzjonijiet finanzjarji li ġew elenkati issa, skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta deroga ulterjuri mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi għal ċerti entitajiet elenkati biex ikunu possibbli d-diżinvestiment minn kumpaniji Russi u d-disponiment minn ċerti tipi ta' titoli miżmuma ma' entitajiet elenkati speċifiċi. Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta deroga li tippermetti l-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li jneħħi l-kontroll eżerċitat minn persuna elenkata fuq l-assi ta' entità tal-Unjoni mhux elenkata li l-persuna elenkata tippożsedi jew tikkontrolla u li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda benefiċċju għal din tal-aħħar, u b'hekk dik l-entità tkun tista' tkompli l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Bil-ħsieb li tiġi salvagwardjata s-sikurezza marittima, huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq id-disponibbiltà ta' fondi u riżorsi ekonomiċi biex ikun possibbli l-forniment ta' servizzi ta' bdot f'ċirkostanzi speċifiċi.
- (8) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) persuni fiżiċi:

(i) li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, jew tad-Deċiżjonijiet 2014/386/PESK <sup>(1)\*</sup>, 2014/512/PESK <sup>(2)\*</sup>, jew (PESK) 2022/266 <sup>(3)\*</sup>, jew tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 <sup>(4)\*</sup>, (UE) Nru 692/2014 <sup>(5)\*</sup>, (UE) Nru 833/2014 <sup>(6)\*</sup> jew (UE) 2022/263 <sup>(7)\*</sup>; jew

(ii) li b'xi mod ieħor ifixklu b'mod sinifikattiv dawk id-dispożizzjonijiet,

<sup>(1)\*</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

<sup>(2)\*</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

<sup>(3)\*</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukraina ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).

<sup>(4)\*</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

<sup>(5)\*</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).

<sup>(6)\*</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

<sup>(7)\*</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukraina ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 77).;

- (b) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni “u persuni fiżiċi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.” hija sostitwita b’dan li ġej:

“u persuni fiżiċi assoċjati magħhom jew mal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Artikolu 2(1)(i), kif elenkat fl-Anness.”;

- (2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (h) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(h) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi:

(i) li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni, jew tad-Deċiżjonijiet 2014/386/PESK, 2014/512/PESK jew (PESK) 2022/266, jew tar-Regolamenti (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014, (UE) Nru 833/2014 jew (UE) 2022/263; jew

(ii) li b’xi mod ieħor ifixklu b’mod sinifikattiv dawk id-dispożizzjonijiet; jew”;

- (b) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

“(i) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li joperaw fis-settur Russu tal-IT b’liċenzja amministrata miċ-Ċentru tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (Federal Security Service, FSB) tal-Federazzjoni Russa għall-Għoti ta’ Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat jew liċenzja ta’ “armi u tagħmir militari” amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ.”;

- (c) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 17 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“17. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati skont in-numri tad-dħul 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, 126, 127, 198, 199, 200, 214 u 215 taħt l-intestatura ‘Entitajiet’ fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta’ prodotti agrikoli u alimentari, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti.”;

- (d) il-paragrafu 22 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“22. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati numru 82 u 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għad-disponiment jew it-trasferiment ta’ titoli minn entità stabbilita fl-Unjoni, attwalment jew preċedentement ikkontrollata mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 82 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness;

(b) tali disponiment jew trasferiment jitlesta sal-31 ta’ Diċembru 2023; u,

(c) tali disponiment jew trasferiment jitwettaq abbażi ta’ operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi mal-entitajiet elenkati taħt l-entrati numru 82 u 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew li jinvolvuhom, qabel it-3 ta’ Ġunju 2022.”;

- (e) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“24. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-persuna fiżika elenkata taħt l-entrata numru 695 taħt l-intestatura “Persuni” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil din il-persuna fiżika jew entità li tkun il-proprjeta ta’ din il-persuna fiżika, taħt tali kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għat-tlestija ta’ tranżazzjonijiet, inkluż bejgħ, li jkunu strettament meħtieġa għall-istralċ, sal-31 ta’ Awwissu 2023, ta’ impriża konġunta jew arranġament legali simili stabbilit fir-Russja ma’ din il-persuna fiżika jew entità li tkun il-proprjeta ta’ din il-persuna fiżika qabel it-28 ta’ Frar 2022.

25. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-konverżjoni sal-24 ta' Diċembru 2023 minn ċittadini jew residenti ta' Stat Membru, jew entità stabbilita fl-Unjoni, ta' riċevuta ta' depożitu b'titolu sottostanti Russu miżmuma mal-entità elenkata taħt entrata numru 101 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness għall-iskop tal-bejgħ tat-titolu sottostanti u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi marbutin mal-konverżjoni tar-riċevuta ta' depożitu u mal-bejgħ tat-titolu sottostanti direttament jew indirettament lil dik l-entità fir-Russja, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li:

- (a) ir-riċevuta ta' depożitu nħarġet qabel it-3 ta' Ġunju 2022;
- (b) it-talba rilevanti għall-awtorizzazzjoni hija ppreżentata sal-24 ta' Settembru 2023;
- (c) id-detentur tar-riċevuta ta' depożitu jkun kapaċi juri li tali konverżjoni hija meħtieġa għall-bejgħ tat-titolu sottostanti;
- (d) il-bejgħ tat-titolu sottostanti jkun konformi mal-projbizzjoni skont id-Deċiżjoni 2014/512/PESK, inkluż l-Artikoli 1 u 1d tagħha;
- (e) ma jkunu ser isiru disponibbli ebda fondi lil xi entità oħra elenkata fl-Anness.

26. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness, jew il-forniment ta' servizzi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-istabiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

- (a) ineħħi l-kontroll tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati fl-Anness fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkati, inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn tal-ewwel, u
- (b) jiżgura li l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.

27. Il-projbizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' bdot lil bastimenti fpassaġġ innoċenti kif definit mid-dritt internazzjonali li huma meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.”;

- (3) l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. ROSWALL

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

## Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
"1502.	Vyacheslav Alekseevich BOCHAROV (Вячеслав Алексеевич БОЧАРОВ)	Data tat-twelid: 17.10.1955 Post tat-twelid: Donskoy, Tula Oblast, Russian SFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation; L-Ewwel Viċi President tal-Public Chamber of the Russian Federation	Vyacheslav huwa membru tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa jservi bħala l-Ewwel Viċi President tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa u esprimna b'mod attiv appoġġ vokali għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Għalhekk, Vyacheslav Bocharov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1503.	<p>Oleg Vladimirovich GORSHENIN (Олег Владимирович ГОРШЕНИН.)</p>	<p>Data tat-twelid: 8.7.1978 Post tat-twelid: Schwerin, Germany Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b'digriet mill-President Putin; Kap tan-National Defense Control Center of the Russian Federation, Maġġur Ġeneral.</p>	<p>Oleg Gorshenin huwa membru u segretarju tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa jservi bħala l-kap taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Kontroll tad-Difiża (National Defense Control Center) tal-Federazzjoni Russa fil-grad ta' Maġġur General li huwa inkarigat bi-attivitàet ta' forzi militari Russi inkluż dawk skjerati fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Gorshenin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elektur
1504.	Valeriy Alexandrovich VOSTROTIN (Валерий Александрович ВОСТРОТИН)	Data tat-twelid: 20.11.1952 Post tat-twelid: Kasli, Kaslinsky District, Chelyabinsk Oblast, eks USSR, (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru u Segretarju tal-“working group special military operation”; President tal-Union of Paratroopers of Russia; Maġġur General irritat; membru ritirat tal-iState Duma Numru tal-passaport, numru tal-identità nazjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: 773001557964	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet  Valeriy Vostrotin huwa membru u segretarju tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa l-mexxej tal-Union of Paratroopers of Russia u huwa kofundatur tal-All-Russia “Young Army” Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya).  Għalhekk, Valeriy Vostrotin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-inplimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jidgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data ta-l-elekkar
		<p>Individwi assoċjati: Bekkhan Abdulkhamidovich Barakhoev (Бекхан Абдулхамидович Барахоев), assistent fi żmien Vostrotin bħala Deputat tal-iState Duma 2004-2011 (elenkat mill-UE mit-23.2.2022)</p> <p>Entitajiet assoċjati: All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya), elenkat mill-UE mill-21.7.2022</p>		

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1505.	Alexander Nikolaevich ZAKHARENKO (Александр Николаевич ЗАХАРЕНКО)	Data tat-twelid: 3.3.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Segretarju tal-“working group special military operation” stabbilit b’digriet mill-President Putin; Direttur tad-Department for Interaction with State Authorities and Work with the Regions of the State Corporation Roscosmos; Вице Президент tal-Public Council of “Roscosmos”	Alexander Zakharenko huwa membru u segretarju tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa kien id-Direttur tad-Dipartiment għall-Interazzjoni ma’-Awtoritajiet Statali u l-Ħidma mar-Reġjuni tal-Korporazzjoni Statali Roscosmos (Department for Interaction with State Authorities and Work with the Regions of the State Corporation Roscosmos) mill-2015 ‘l hawn li juri l-esperjenza tiegħu fil-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet interdipartimentali essenzjali għall-kompiuti tal-grupp ta’ ħidma. Għalhekk, Alexander Zakharenko huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1506.	Alexander Petrovich КОЛМАКОВ (Александр Петрович КОЛМАКОВ.)	<p>Data tat-twelid: 31.7.1955</p> <p>Post tat-twelid: Koroľov, Moscow Oblast, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’digriet mill-President Putin; President tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa “Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia”;</p> <p>Kuruneġli Ġenerali ritirat</p>	<p>Alexander Kolmakov huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Dċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jservi bħala l-president tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa Soċjetà Volontarja għall-Assistenza lill-Armata, lill-Forzi tal-Ajru u l-Forzi Navali tar-Russja (Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia) li tagħxi bħala ħolqa bejn il-militar u s-soċjetà Russi billi tiffaċilita r-reklutaġġ ta’ żgħażaġh fir-riżervi militari.</p> <p>Għalhekk, Alexander Kolmakov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jidgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1507.	<p>Andrey Andreevich MEDVEDEV (Андрей Андреевич МЕДВЕДЕВ.)</p>	<p>Data tat-twelid: 14.12.1975 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’digriet mill-President Putin; Vċi President tal-Moscow Duma, ġurnalista, Vċi Direttur Ġenerali ta’ VGTRK Numru tal-passaport, numru tal-identità nazjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: 771373760000</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Andrey Medvedev huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jservi bħala l-vice president tad-Duma tal-Belt ta’ Moskva u regolament jidher bħala sostenitur vokali tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rwol tiegħu bħala ġurnalista ta’ VGTRK.</p> <p>Għalhekk, Medvedev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1508.	Evgeniy Evgenievich PODDUBNYI (Евгений Евгеньевич ПОДДУБНЫЙ)	Data tat-twelid: 22.8.1983 Post tat-twelid: Belgorod, eks RSFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-“working group special military operation” stabbilit b’ d’ġriet mill-President Putin; Ġurnalista, korrispondent tal-Gwerra għal VGTRK Numru tal-passaport: 14 02 828183	Evgeniy Poddubnyy huwa membru tal-grupp ta’ ħidma, stabbilit mill-President Putin f’Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta’ mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta’ ħidma, huwa jaħdem bħala korrispondent tal-gwerra għax-xandar tal-istat Russu VGTRK, fejn ixxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda favur il-Kremlin dwar il-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk Evgeniy Poddubnyy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1509.	<p>Igor Yurievich            ЧАЙКА            magħruf ukoll bħala            Yurievich CHAYKA            (Игорь Юрьевич            ЧАЙКА)</p>	<p>Data tat-twelid: 13.12.1988            Post tat-twelid: Moscow, eks USSR            (issa Russian Federation)            Nazzjonalità: Russa            Sess: raġel            Funzjoni: Negozjant Russu            Individwi assoċjati: Yury Chaika            (missier), Artem Chaika (huh)            Informazzjoni oħra għall-            identifikazzjoni: Unuri: Ċertifikat tal-            Mertu tal-President tal-Federazzjoni            Russa</p>	<p>Igor Chaika huwa l-iben iż-żgħir ta' Yuri Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u l-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana.</p> <p>Igor Chaika bena imperu kummerċjali enormi li jiddependi fuq kuntratti statali u bis-saħħa tal-pożizzjoni ta' missieru. Huwa jwettaq ukoll attivitajiet kummerċjali fil-Krimea okkupata.</p> <p>Mill-2022, Igor Chaika huwa l-President tal-Kunsill Pubbliku taħt Rosstrudnichestvo, korp eżekuttiv federali Russu responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprietà tal-istat biex jappoġġa u jżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra.</p> <p>Għalhekk, Igor Chaika qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għaddestabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yury Chaika u Rosstrudnichestvo.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1510.	<p>Artem Yurevich СНАЙКА magħruf ukoll bħala Artyom Chaika magħruf ukoll bħala Artem СНАУКА (Артем Юрьевич ЧАЙКА magħruf ukoll bħala Артем Юрьевич ЧАЙКА)</p>	<p>Data tat-twelid: 25.9.1977 Post tat-twelid: eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa, Żvizzera Sess: raġel Funzjoni: Avukat u negozjant Russu Individwi assoċjati: Yury Chaika (missier), eks Prosekutur Ġenerali tar-Russian Federation (deżinjat fil-21.7.2022), Igor Chaika (huh)</p>	<p>Artem Chaika huwa l-iben il-kbir ta' Yury Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u r-Rappreżentant Plenipotenziarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Huwa bena n-negozji tiegħu prinċipalment fuq il-kuntratti statali matul iż-żmien meta missieru kien il-Prosekutur Ġenerali. Il-kumpanji ta' Artem Chaika ripetutament rebħu offerti ta' akkwist pubbliku minħabba t-tneħħija ta' kompetituri mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Artem Chaika huwa sid il-kumpanija PNK-Ural, l-akbar fornitur ta' ġebel imfarrak għal Russian Railways. Ramzan Kadyrov, il-kap tar-Repubblika Ċeċena u l-alleanza mill-qrib tal-President Putin, ħatar lil Artem Chaika bħala l-konsulent tiegħu għal kwisjoni u manitarji, soċjali u ekonomiċi f'Ottubru 2022. Għalhekk, Artem Chaika qed jappoġġa materjalment u jibenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Ramzan Kadyrov.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-clenkar
1511.	Aleksandr Ivanovich UDALTSOV (Александр Иванович УДАЛЬЦОВ)	<p>Data tat-twelid: 5.7.1951</p> <p>Post tat-twelid: eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Id-Direttur Eżekuttiv tal-Fund for Support and Protection of the Rights of Patriots Living Abroad (Pravfond)</p> <p>Entitajiet assoċjati: The Foundation for Support and Protection of the Rights of Patriots Living Abroad</p>	<p>Alexandr Udaltsov huwa d-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għall-Appoġġ u l-Protezzjoni tal-Kompatrijotti li Jgħixu Barra (Foundation for Support and Protection of the Rights of Patriots Living Abroad).</p> <p>F'Janar 2022, fil-laqgħa tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Fondazzjoni, Udaltsov innota li l-Fond sar tip ta' struttura unika tas-“setgħa ta' persważjoni” tar-Russja, li għandha impatt sinifikanti fuq il-kompatrijotti u l-organizzazzjonijiet tagħhom madwar id-dinja. Fi Frar 2022, fil-ftuħ tal-wirja “Reati tal-Gwerra u Ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ukrajna (2017-2020)”, huwa enfiászza li huwa estremament importanti li d-dinja kollha tiġi mgħarrfa bil-verità dwar n-natura kriminali u l-prattika msantropika tar-reġim ta' Kiev, essenzjalment il-bidu tal-aggressjoni uffiċjali ta' Kiev kontra r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk. Fit-28 ta' Frar 2022, fil-vidjokonferenza ospitata mill-International Association of Russian-Speaking Lawyers (MARA), Udaltsov esprima l-appoġġ tiegħu għall-pożizzjoni tal-President Putin u li r-Russja kienet imġiegħla tiegħu d-deċiżjoni li tirrikonxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk u tnedi operazzjoni militari speċjali. Huwa stieden lil-parteċipanti tal-konferenza biex jikkontribwixxu sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni ta' Moska.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
			Għalhekk, Alexandr Udaltsov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b' mod attiv ta' azzjonijiet jew politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1512.	Sergey Alexandrovich KARAGANOV (Сергей Александрович КАРАГАНОВ)	Data tat-twelid: 10.9.1952 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights; Superviżur Xjentifiku tal- Faculty of World Economy and International Affairs, Higher School of Economics; President Onorariju tal- Presidju tal-Council on Foreign and Defense Policy (SVOP) Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet  Sergey Karaganov huwa xjenzat politiku Russu, president onorariju tal-Presidju tal-Kunsill dwar il-Politika Barranġja u d-Difiża (Council on Foreign and Defense Policy - SVOP), u membru tal-Kunsill Prezidentjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem (Presidential Council for Civil Society and Human Rights). Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni tar-Russja u xerred il-propaganda Russa dwar il-gwerra, filwaqt li sostna li l-Punent huwa lest li jeqred ir-Russja u li l-azzjonijiet militari għandhom l-għan li jiddenazifikaw lil-Ukrajna u jillberaw ir-reġjun ta' Donbass.  Għalhekk, Sergey Karaganov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.20 23



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-cenkar
1513.	<p>Rizvan Abdulayevich ZUBAIROV Ризван Абдуллаевич ЗУБАИРОВ</p>	<p>Data tat-twelid: 18.7.1979            Nazjonalità: Russa            Sess: raġel            Funzjoni: Imhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don            Indirizz: Rostov-on-Don, pr-kt. Mikhail Nagibin 31B, apt. 40            Numru tal-passaport: 3914864377, maħruġ fl-10.4.2015</p>	<p>Rizvan Zubairov huwa mhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinar f'Rostov-on-Don. Huwa ħa deċiżjonijiet politikament motivati kontra ċ-ċittadini Ukreni li opponew l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.</p> <p>Huwa kkundanna għal 14-il sena f'haqs lill-Server Mustafayev – Tatar tal-Krimea li huwa difensur tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalista ċiviku li serva bħala l-koordinatur tal-organizzazzjoni tas-soċjeta' ċivili Crimean Solidarity, soċjeta' ċivili li ssegwi u tiddokumenta r-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-awtoritajiet Russi li qed jokkupaw lill-Krimea annessa illegalment.</p> <p>Għalhekk, Rizvan Zubairov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	<p>23.6.2023</p>

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1514.	Roman Viktorovich SAPRUNOV (Роман Викторович САПРУНОВ)	Data tat-twelid: 23.3.1973 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Imhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinhar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don	Roman Saprunov huwa mhalef tal-Qorti Militari tad-Distrett tan-Nofsinhar (Southern District Military Court) f'Rostov-on-Don. Huwa ħa deċżjonijiet politkament motivati kontra ċittadini Ukreni li opponew l-amnessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa kkundanna għal 12-il sena taħs lil Emir-Usein Kuku – attivist Tatar tal-Krimea mill-Grupp ta' Kuntatt dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Krimea (Crimean Human Rights Contact Group) li jsegwi l-għajbien furzat fil-Krimea u Sevastopol amnessi illegalment. Għalhekk, Roman Saprunov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1515.	<p>Viktor Ivanovich ZINKOV (Виктор Иванович ЗИНЬКОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.4.1970            Nazzjonalità: Ukrena, Russa            Sess: raġel            Funzjoni: Imhalef tas-“Supreme Court of the Republic of Crimea”            Indirizz: Crimea, Simferopol, Krylova 37/72 app. 102, Ukraine            Numru tal-passaport: Passaport tal-Federazzjoni Russa nru. 3914857478, maħruġ fl-20.4.2015</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Viktor Zinkov huwa mhalef tal-“Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea amnessa illegalment.</p> <p>Huwa ħa deċiżjonijiet politikament motivati kontra ċ-ċittadini Ukreni li opponew l-amnessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa kkundanna għal 17-il sena ħabs lil Nariman Dzhejyal, politiku Tatar tal-Krimea favur l-Ukrajna, attivist u Viċi President tal-Mejjis Tatari tal-Krimea.</p> <p>Għalhekk, Viktor Zinkov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1516.	<p>Tatyana Anatolyevna MANEZHINA magħrufa wkoll bħala Tetyana Anatoľivna MANEZHYNA (bir-Russu: Татьяна Анатольевна МАНЕЖИНА) (b)l-Ukren: Тетяна Анатолівна МАНЕЖИНА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk innejjah “Ministru għall-Kultura tar-Repubblika tal-Krimea” Data tat-twelid: 14.6.1963 Post tat-twelid: Kopeysk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: mara</p>	<p>Tetyana Manezhyna nħatret f'Diċembru 2021 bħala l-hekk innejjah “Ministru għall-Kultura tar-Repubblika tal-Krimea”. Billi taċċetta dan ir-rwol, hija qed taħdem mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukreni fil-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Hija kompliet twestaq azzjonijiet fl-hekk innejjah Ministeru, kif instigata mill-predeċessur tagħha. Taħt it-tmejjja u l-kontroll tagħha, hija responsabbli għal azzjonijiet kontra l-wirt kulturali u l-monumenti tat-Tatari tal-Krimea, li jitwettqu bi ksur tad-dritt internazzjonali u mingħajr għarfen espert xieraq, li b'hekk dgħajfu l-legat kulturali tal-Krimea. Billi assumiet u agħxxiet f'dan ir-rwol, Tetyana Manezhyna hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1517.	<p>Natalya Leonidovna DESYATOVA (bir-Russu: Наталья Леонидовна ДЕСЯТОВА b1-Ukren: Наталія Леонідівна ДЕСЯТОВА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk insejjaħ Direttur tal-Kherson Fine Arts Museum Data tat-twelid: 11.7.1966 Post tat-twelid: Kherson, eks USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Natalya Desyatova nħatret f'Lulju 2022 bħala d-direttur tal-Muzej tal-Belle Arti ta' Kherson (Kherson Fine Arts Museum) mill-awtoritajiet Russi. Meta Kherson kien għadu taħt il-kontroll tal-Forzi Armati Russi, f'Ottubru u Novembru 2022 il-proprietà kulturali tal-Muzej tal-Belle Arti ta' Kherson tnefhiet mill-muzej u tnehdet illegalment f'Simferopol, fil-Krimea annessa illegalment. Dan sar taħt il-kontroll ta' Desyatova u b1-assistenza tal-forzi tas-sigurtà Russi. Billi assumiet u aġixxiet f'dan ir-rwol, Natalya Desyatova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1518.	<p>Tatiana Georgievna BRATCHENKO</p> <p>maġhrufa wkoll bħala Tetiana Georgiivna BRATCHENKO</p> <p>(bir-Russu: Татьяна Георгиевна БРАТЧЕНКО b-Ukren: Тетяна Георгіївна БРАТЧЕНКО)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-Kherson Regional Museum</p> <p>Data tat-twelid: 17.11.1949</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: mara</p> <p>Numru tal-passaport, numru tal- identità nazzjonali, numri oħra tad- dokumenti tal-identità: Numru tal- passaport Ukren: 058980</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Tatiana Bratchenko kienet id-direttur tal-Mużew Regionali ta' Kherson (Kherson Regional Museum). F'dan ir-rwol, hija volontarjament u delberatament għenet lill-forzi tas-sigurtà Russi biex ibattlu l-mużew mill-artefatti tiegħu. Hija appoġġat pubblikament il-kontroll tar-Russja fuq ir-reġjun ta' Kherson u appoġġat l-ammissjoni illegali tat-territorju.</p> <p>Tatiana Bratchenko hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1519.	<p>Natalia Aleksandrovna КАПУСТНИКОВА (bir-Russu: Наталья Александровна КАПУСТНИКОВА b l-Ukren: Наталі Олександрівна КАПУСТНИКОВА)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-Mariupol Museum of Local History Data tat-twelid: 12.8.1977 Post tat-twelid: Mariupol, eks USSR (issa Ukraine) Sess: mara</p>	<p>Natalya Kapustnikova hija d-direttur tal-Muzej tal-Istorja Lokali ta' Mariupol (Mariupol Museum of Local History). Hija skopriet is-sit tax-xogħlijiet tal-arti mill-Muzej tal-Arti "Kuindzhi" ta' Mariupol u tat dawk ix-xogħlijiet b' mod volontarju lill-awtoritajiet Russi, li ffaċilitaw it-trasferiment tagħhom għall-Muzej tal-Istorja Lokali ta' Donetsk. Dan sar mingħajr l-għarfen jew il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni jew tad-Direttur tal-Muzej tal-Arti "Kuindzhi". Billi agħxiet f'dan ir-rwol, Natalya Kapustnikova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1520.	Andrei Vitalevich MALGIN (Андрей Витальевич МАЛЫГИН)	Funzjoni: Direttur tas-Central Museum of Taurida f'Simferopol Data tat-twelid: 11.6.1965 Post tat-twelid: Simferopol, eks USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Malgin huwa d-direttur tal-Muzej Ċentrali (Central Museum) ta' Taurida f'Simferopol, fil-Krimea amnessa illegalment. Ix-xogħlijiet tal-arti ġew trasferiti mill-Muzej tal-Belle Arti ta' Kherson (Kherson Fine Art Museum) lill-Muzej Ċentrali ta' Taurida f'Simferopol, fejn bħalissa qed jinżammu taħt il-kontroll tiegħu. Billi aġixxa f'dan ir-rwol, Andrei Malgin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1521.	<p>Alexey Vasilyevich TENSIN (bir-Russu: Алексей Васильевич ТЕНСИН) (b)l-Ukren: Олексій Васильович ТЕНСІН)</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-kumpanija b'ishma kongniti "PMC Wagner Centre" Data tat-twelid: 28.11.1971 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Wagner Group</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Alexey Tensin huwa l-Kap Eżekuttiv Uffiċjali maħtur tal-kumpanija b'ishma kongniti "PMC Wagner Centre", impriża kummerċjali Russa li għandha l-għan li tappoġġa l-investiment u l-innovazzjoni tas-settur privat sabiex tappoġġa u ssaħħa il-kapaċitajiet tad-difiża tar-Russja.</p> <p>Billi assumu u agħxa f'dan ir-rwol, Alexey Tensin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1522.	Alexander Alexandro vich TRONIN (Александр Александрович ТРОНИН)	<p>Funzjoni: Fundatur u manager tal-grupp taż-żgħirażgħ "Wagnerenok", magħruf ukoll bħala "Leader"</p> <p>Data tat-twelid: 20.5.2004</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-passaport: 4018037770</p> <p>Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin</p> <p>Entitajiet assoċjati: Wagner Group</p>	<p>Alexander Tronin huwa l-fundatur u l-kuratur ta' ferġha taż-żgħirażgħ tal-PMC Wagner Group, li topera fil-bini tal-PMC Wagner Centre. L-għan ewlieni ta' dan il-klabb, li qabel kien jissejjaħ "Wagnerenok" u attwalment "Leader" huwa li jirrekluta żgħirażgħ Russi li jixtiequ jappoġġaw il-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna kif ukoll l-attivitàjiet tal-PMC Wagner Group imfisu. Fl-ambitu tal-PMC Wagner Group, dawn jistgħu jkunu involuti fi proġetti, bħall-iżvilupp u l-kontroll ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekvipaġġ, li qed jintużaw mir-Russja fl-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'dan ir-rwol, Alexander Tronin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1523.	Sergei Fedorovich RUDSKOY (Сергей Федорович РУДСКОЙ)	<p>Funzjoni: Kap tal-Main Operational Directorate of the General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation; Kurunell Ġenerali</p> <p>Data tat-twelid: 2.10.1960</p> <p>Post tat-twelid: Mykolaiv, eks USSR (issa Ukraine)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Kurunell Ġenerali Sergei Rudskoy huwa l-Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati (Main Operational Directorate of the General Staff of the Armed Forces) tal-Federazzjoni Russa mill-2015. Fost ir-responsabbiltajiet tiegħu, id-Direttorat Operazzjonali Prinċipali jissorvelja l-ippjanar strateġiku u operazzjonali għall-użu mill-Forzi Armati, inkluż il-kontroll operazzjonali tat-truppi fi żmien ta' paċi u ta' gwerri. Għalhekk, id-Direttorat jikkontribwixxi direttament għall-gwerri ta' aggressjoni tar-Russa kontra l-Ukrajna u jiffaċilitaha.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'dan ir-rwol, il-Kurunell Ġenerali Sergei Rudskoy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1524.	Yevgeny Valeryevich NIKIFOROV (Евгений Валерьевич НИКИФОРОВ)	Funzjoni: Kmandant tal-Western Military District; Kurunell General Data tat-twelid: 1.1.1970 Post tat-twelid: Aksha, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Minn Janmar 2023, il-Kurunell General Yevgeny Nikiforov huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent (Western Military District) tal-Federazzjoni Russa. Taħt il-kmand tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż it-truppi tad-Distrett Militari tal-Punent, qed ikompli bl-attakki tagħhom kontra l-Ukrajna, fil-kuntest tal-gwerrata' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Billi assuma u aġxxa f'dan ir-rwol, il-Kurunell General Yevgeny Nikiforov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1525.	Sergei Yuryevich KUZOVLEV (Сергей Юрьевич КУЗОВЛЕВ)	Funzjoni: Kmandant tas-Southern Military District of the Russian Federation; Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 7.1.1967 Post tat-twelid: Mishurinsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Kurunell Ġeneral Sergei Kuzovlev huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa mit-23 ta' Jannar 2023. Taħt il-kmand u l-kontroll tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż it-truppi tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, huma impenjati fl-għied fl-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell Ġeneral Sergei Kuzovlev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li joġġajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1526.	<p>Andrey Nikolayevich MORDVICHEV (Андрей Николаевич МОРДВИЧЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Kmandant tas-Central Military District of the Russian Federation; Logutentent Ġeneral Data tat-twelid: 14.1.1976 Post tat-twelid: Pavlodar, eks USSR (issa Kazakhstan) Nazjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Logutentent Ġeneral Andrey Mordichev huwa l-Kmandant tad-Distrett Militari Ċentrali tal-Federazzjoni Russa mis-17 ta' Frar 2023. Taħt il-kmand u l-kontroll tiegħu, il-Forzi Armati Russi, inkluż it-truppi tad-Distrett Militari Ċentrali, huma impenjati fil-ġlied fl-Ukrajna.</p> <p>Billi assumta u aġxxa f'din il-kapaċità, il-Logutentent Ġeneral Andrey Mordichev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li joġġajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1527.	Aleksandr Pavlovich LAPIN (Александр Павлович ЛАПИН)	Funzjoni: Kap Kmandant tar-Russian Ground Forces; Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 1.1.1964 Post tat-twelid: Kazan, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: serje 1808 Nru 233282 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 344407793386	Il-Kurunell Ġeneral Aleksandr Lapin huwa l-Kap tal-Persunal tal-Forzi tal-Art Russi mill-10 ta' Jannar 2023. F'din il-kapaċità, huwa l-Kap Kmandant tat-truppi Russi fuq l-art li qed jipparteċipaw direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Qabel kien il-Kmandant tad-Distrett Militari Ċentrali tal-Federazzjoni Russa, inkluż matul il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala tali, huwa kkmanda l-offensiva Russa tal-2022 fid-direzzjonijiet ta' Chernihiv u Sumy. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell Ġeneral Aleksandr Lapin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li joġġajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1528.	Tatyana Viktorovna SHEVTSOVA (Татьяна Викторовна ШЕВЦОВА)	Funzjoni: Vċi Ministru tad-Difiża tar-Russian Federation Data tat-twelid: 22.7.1969 Post tat-twelid: Kozelsk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Tatyana Shevtsova hija Vċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-baġit u l-attivitàjiet finanzjarji tal-Ministeru. Hija tissorvelja l-ġestjoni tar-riżorsi u hija responsabbli għall-pagamenti lli suldati mobilizzati, fil-ġieda kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-finanzjaturi militari taħt il-kontroll tagħha qed jidderieġu r-riżorsi lejn it-territorji amnessi illegalment tal-Ukrajna.  Billi ħadet u agħxiet f'din il-kapaċità, Tatyana Shevtsova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1529.	Yevgeniy Vladimirovich BURDINSKIY (Евгений Владимирович БУРДИНСКИЙ)	<p>Funzjoni: Kap tal-Main Organisational and Mobilization Directorate of the General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation; Viċi Kap tal-General Staff of the Armed Forces of the Russian Federation;</p> <p>Курнелл Ġeneral</p> <p>Data tat-twelid: 25.8. 1960</p> <p>Post tat-twelid: Belogorsk, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Burdinsky huwa l-Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Organizzazzjoni u l-Mobilizzazzjoni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u l-Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, huwa direttament responsabbli biex jgħin jiffaċilita l-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini Russi fil-gwerra.</p> <p>Billi assuma u aġxxa f'din il-kapaċità, il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Burdinsky huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1530.	<p>Viktorija Alexandrovna SERDYUKOVA (Викторія Александровна СЕРДЮКОВА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk innejjah “Commissioner for Human Rights in the Luhansk People’s Republic” Data tat-twelid: 9.6.1981 jew 1982 Post tat-twelid: Severodonetsk, eks USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Viktorija Serdyukova ilha l-hekk innejjah “Commissioner for Human Rights in the Luhansk People’s Republic” mill-5 ta’ Ottubru 2021. F’dan ir-rwol, hija appoġġat il-gwerra ta’ aggressjoni li r-Russja nediet kontra l-Ukrajna fl-24 ta’ Frar 2022. Hija appoġġat l-ammissjoni illegali tat-territorju ta’ Luhansk u l-adozzjoni tal-leġislazzjoni Russa f’dak it-territorju u f’territorji oħra annessi illegalment.</p> <p>Billi ħadet u agħxiet f’din il-kapaċità, Viktorija Serdyukova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta’-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1531.	<p>Yevgeniy Ivanovich DIETRICH magħruf ukoll bħala Yevgeny Ivanovich ДИТРИХ (Евгений Иванович ДИТРИХ)</p>	<p>Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-JSC GTLK Data tat-twelid: 8.9.1973 Post tat-twelid: Mytishchi, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: JSC GTLK</p>	<p>Yevgeniy Dietrich huwa d-direttur ġenerali tal-kumpanija b'ishma konġunti "State Transport Leasing Company" (JSC GTLK), li hija kollha proprjetà tal-Ministeru tat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Bħala kumpanija tal-istat, GTLK qed tibbenefika finanzjarjament mill-Gvern u tipprovdi wkoll servizzi fil-Krimea amnessa ille galment u fil-Belt ta' Sevastopol. Billi assumu u aġxxa f'din il-kapaċità, Yevgeniy Dietrich huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politik i li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-cenkar
1532.	Semyon Vladimirovich PEGOV (Семён Владимирович ПЕГОВ)	Funzjoni: Blogger militari Data tat-twelid: 9.9.1985 Post tat-twelid: Smolensk, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 673110457100	Semyon Pegov huwa blogger militari Russu u jmexxi wieħed mill-aktar mezzi ta-media soċjali popolari fir-Russja favur il-gwerra, WarGonzo. Huwa spiss jidher fil-media Russa kkontrollata mill-istat. Semyon Pegov u WarGonzo jxerdu propaganda kontra l-Ukrajna u jipromwvu l-militar Russu u l-PMC Wagner, u juru l-forzi Ukreni bħala Nazis u jxerdu informazzjoni falza dwar laboratorji bijoloġiċi tan-NATO f'Mariupol. Semyon Pegov jipparteċipa b' mod attiv fl-inizjattivi tal-awtoritajiet Russi li jipromwvu l-gwerra u l-mobilizzazzjoni u għe ppremjat mill-awtoritajiet Russi. Għalhekk, Semyon Pegov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data ta' e-lenkar
1533.	<p>Aleksandra Vladimirovna KOSTERINA/  magħrufa ukoll bħala Aleksandra Vladimirovna KOSHARNITSKAYA/  magħrufa ukoll bħala Aleksandra Vladimirovna KOSHARNITSKAYA KOSTERINA  (Александра Владимировна КОШАРНИЦКАЯ/КОСТЕРИНА)</p>	<p>Funzjoni: L-ewwel Vċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u Kap Editur ta' NTV.  Data tat-twelid: 26.2. 1980  Post tat-twelid: Krasnodar, eks USSR (issa Russian Federation)  Nazjonalità: Russa  Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) hija l-Ewwel Vċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u Kap Editur ta' NTV (HTB), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa kontroll dirett tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>NTV jimplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, NTV kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-txrid tan-narrattiva tal-Kremlin u appoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux iwerifikata.</p> <p>Bħala Vċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal- Informazzjoni u l-Kap Editur, Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) għandha influwenza diretta fuq il-kontenut fuq NTV u l-mod kif jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet li jieħu l-gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, Aleksandra Kosterina (Kosharnitskaya) hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-inkindenza ta' l-Ukrajna</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1534.	Olga Nikolaevna BELOVA (Ольга Николаевна БЕЛОВА)	<p>Funzjoni: Preżentatriċi tal-istazzjon televiżiv Zvezda</p> <p>Data tat-twelid: 19.7.1976</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p> <p>Individwi assoċjati: Aleksei Viktorovich PIMANOV</p> <p>Entitajiet assoċjati: Open Joint Stock Company TV and Radio Company of the Armed Forces of the Russian Federation “Zvezda”</p> <p>ОАО ТРК ВС РФ “ЗВЕЗДА”</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Olga BELOVA hija propagandista li taħdem fuq TV Zvezda, strument tal-Forzi Armati Russi. Hija tippreżenta l-programmi ewlenin ta' TV Zvezda, li regolarmet ixxerdu diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, idgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, u jipprovdu appoġġ kruċjali mill-media għall-politika tal-Kremlin. B'mod partikolari, hija xerredet diżinformazzjoni li l-Ukreni huma Nazisti li qed jħejju wkoll bombi bijoloġiċi u kimiċi kontra r-Russi.</p> <p>Hija wkoll membru ta' bord ta' tmexxija tal-organizzazzjoni “Mother of Russia”, li tappoġġa l-gwerra fta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Olga BELOVA hija responsabli għall-appoġġ u l-inplimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1535.	Andrey Olegovich KONDRASHOV (Андрей Олегович КОНДРАШОВ)	<p>Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġeneral ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)</p> <p>Data tat-twelid: 30.6.1973</p> <p>Post tat-twelid: Alma-Ata, eks USSR (issa Kazakhstan)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Kondrashov huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja.</p> <p>Qabel ma sar l-Ewwel Viċi Direttur ta' VGTRK, huwa hađem bħala segretarju tal-istampa tal-kwartieri ġenerali tal-kampanja ta' Putin u kiteb "dokumentarji" bħal "Crimea. The Way Home" u "Putin". Huwa rċieva l-prenju tal-Ordni ta' Hbberija mill-President Putin għal "professjonaliżmu kbir u oġġettività fir-rappurtar ta' avvenimenti fir-Repubblika tal-Krimea" f'Mejju 2014.</p> <p>Huwa kien inkarigat mill-politika ta' informazzjoni ta' VGTRK u d-direttur tal-programm Vesti - News. Matul il-gwerra kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżi u partijiet oħra tal-kumpanja VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi, li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna u jappoġġaw l-ammissjoni illegali tal-Krimea.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
			<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tagħha, Andrey Kondrashov huwa direttament responsabbli għall-azzjonijiet ta' din il-korporazzjoni tal-media. Bħala l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali inkarigat mill-informazzjoni u x-xandir politiku, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK tinforma linnes dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jieħu l-Gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, Andrey Kondrashov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1536.	<p>Mikhail Vladimirovich LEONTYEV (Михаил Владимирович ЛЕОНТЬЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Ġurnalist, Preżentatur tal-TV fuq Perviy Kanal, Segretarju tal-istampa ta' "Rosneft" Data tat-twelid: 12.10.1958 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Mikhail Leontyev huwa propagandista fuq Perviy Kanal (Channel One), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa taħt il-kontroll dirett permanenti tal-Federazzjoni Russa. Perviy Kanal jimplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Perviy Kanal kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni min-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa wkoll vċi president u segretarju tal-istampa ta' Rosneft. Mill-1999 'l hawn huwa kien l-awtur u preżentatur ta' programm emblematiku "Odnako" fuq Perviy Kanal, fejn regolarment idgħajef l-istat tal-Ukrajna u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Mikhail Leontyev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1537.	<p>Rifat Abdulvagapovich SABITOV (Рифат Абдулвагапович САБИТОВ)</p>	<p>Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), President tal-Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber of the RF</p> <p>Data tat-twelid: 30.4. 1956</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Rifat Sabitov huwa l-Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Matul il-gwerra kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżivi u partijiet oħra tal-kumpanja VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux iwerifikata.</p> <p>Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tagħha, Rifat Sabitov huwa direttament responsabbli għall-azzjonijiet ta' VGTRK. Bħala Viċi Direttur Ġenerali huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jieħu l-gvern Russu.</p> <p>Barra minn hekk, huwa involut b'mod attiv fit-tswir tal-ambjent ta' informazzjoni restrittiva fir-Russja bħala President tal-Commission for the Development of the Information Society, Mass Media and Mass Communications of Civic Chamber tal-Federazzjoni Russa, President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għall-Iżvilupp Diġitali tar-Russja u f'bosta korpi oħra.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data ta' e-lenkar
		<p>Individwi assoċjati: Oleg Dobrodeev, Evgeniy Bekasov</p> <p>Entitajiet assoċjati: All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)</p> <p>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 773314059364</p>	<p>Għalhekk, Riġat Sabitov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta' Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1538.	<p>Viktor Sergeevich SINEOK (Виктор Сергеевич СИНЕОК)</p>	<p>Funzjoni: Korrispondent speċjali u artikolista tal-Multimedia Information Center (MIC) Izvestia Data tat-twelid: 19.3.1980 Post tat-twelid: Rostov on Don, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Balanova Svetlana Evgenievna, Tyulin (Tyulin) Vladimir Vladimirovich, Frolov Mikhail Evgenievich</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Viktor Sineok huwa korrispondent u artikolista għaċ-Ċentru ta' Informazzjoni Multimedia (MIC) Izvestia, proġett tal-kumpanija tal-Grupp Nazzjonali tal-Media (NMG) li jipprovdi servizzi tal-aħbarijiet għall-Istazzjoni tat-TV REN, l-Istazzjon Five u l-gazzetta Izvestia.</p> <p>Viktor Sineok ilu jxerred b'mod attiv il-propaganda u d-diżinformazzjoni marbutin mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russa kontra l-Ukrajna kenm qabel l-invażjoni sħiħa tal-24 ta' Frar 2022 kif ukoll wara. Huwa ilu jipromwovi l-politiki u l-azzjonijiet tal-Kremlin, ifaħħar it-tmexxija Russa, jimmanipula l-informazzjoni dwar l-atroċitajiet imwettqa mill-armata Russa u jfaħħar l-annessjonijiet tar-reġjuni Ukreni.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
		<p>Entitajiet assoċjati: National Media Group.</p> <p>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 616404561125</p>	<p>Huwa ħejja ripetutament rapporti u artikli li jippruvaw jikkonvinċu lill-udjenzi li l-informazzjoni dwar l-atroċitajiet Russi mwettaqa f'postijiet bħal Bucha hija vvintata u mhux vera. Huwa kien qed jikkontribwixxi biex iqanqal il-mibe-għda lejn l-Ukreni billi irrepeta d-diżinformazzjoni tal-Gvern Russu dwar il-ġenoċidju f'Donbas u jċaħħad l-indipendenza tal-Ukrajna. Fir-rapporti tiegħu, huwa kien qed javvanza l-biċċa l-kbira tan-narrattivi ewlenin ta' diżinformazzjoni Russi dwar l-Ukrajna, inkluż dik dwar il-laboratorji bijoloġiċi immedxxija mill-Istati Uniti fl-pajjiż.</p> <p>Għalhekk, Viktor Sineok qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1539.	Boris Georgievich YANOVSKY (Борис Георгиевич ЯНОВСКИЙ)	Funzjoni: Produttur Eżekuttiv ta' Zvezda TV channel Data tat-twelid: 25.10. 1968 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Aleksai Viktorovich Pimanov	Boris Yanovsky huwa propagandist u l-produttur ġenerali ta' TV Zvezda. Bħala l-produttur ġenerali, Yanovsky huwa responsabbli għall-produzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut għal TV Zvezda, li regolament ixxerred id-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddeja kontra l-Ukrajna u jipprovdi appoġġ kruċjali mill-media għall-politika tal-Kremlin. Bħala produttur ġenerali ta' TV Zvezda, huwa involut fit-tixrid tad-diżinformazzjoni li l-Ukreni huma Nazisti u qed iħejjju bombi bijologiki u kimiċi li ser jintużaw kontra r-Russi. Għall-attivitàjiet tiegħu, Yanovsky ġie pprenjat personalment il-midalja "Għat-Tsihih tal-Ġlieda kontra l-Commonwealth". Għalhekk, Boris Yanovsky huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1540.	Anton Andreevich ZLATOPOLSKIY (Антон Андреевич ЗЛАТОПОЛЬСКИЙ)	<p>Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK); Direttur Ġenerali ta' Rossiya 1 TV Channel</p> <p>Data tat-twelid: 12.9.1966</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Oleg Dobrodeev, Evgeniy Bekasov</p> <p>Entitajiet assoċjati: All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)</p> <p>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: TIN: 772903574300</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Anton Zlatopolskiy huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' All-Russia Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK), l-akbar korporazzjoni tal-media tar-Russja. Huwa wkoll Direttur Ġenerali fit-tul tal-istazzjoni televiżiv Rossiya 1. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, stazzjonijiet televiżivi u partijiet oħra tal-kumpanija VGTRK kienu fost l-aktar strumenti attivi u importanti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin u li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u informazzjoni mhux iwerifikata.</p> <p>Bħala l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali għal żmien twil, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif VGTRK jinforma lin-nies dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-passi li jtehu l-Gvern Russu. Huwa wkoll responsabbli għall-attivitàjiet ta' propoganda tal-istazzjoni televiżiv Rossiya 1.</p> <p>Għalhekk, Anton Zlatopolskiy huwa responsabbli għall-appoġġ u l-inplimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1541.	Aleksandr Viktorovich GUSEV (bir-Russu: Александр Викторович ГУСЕВ) (b) Ukren: Олександр Вікторович ГУСЕВ))	Funzjoni: Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh Data tat-twelid: 27.1.1963 Post tat-twelid: Ozyerskoye, Kozelsky District, Kaluga Oblast, eks RSFSR, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Gusev huwa l-Gvernatur tar-reġjun ta' Voronezh. F'dan ir-rwol, huwa kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-reġjun ta' Voronezh għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Aleksandr Gusev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023



	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1542.	Galina Anatolyevna ПЯТУКН magħruf ukoll bħala ПЯТУКН magħruf ukoll bħala “Galina Fifth” (bir-Russu: Галина Анатольевна ПЯТЬИХ) (b)l-Ukren: Галина Анатолівна ПЯТИХ)	Funzjoni: Konsulent tal-Gvernatur tar-Reġjun ta' Belgorod, Commissioner for Children's Rights in Belgorod Region Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 12.5.1970 Post tat-twelid: Dubovoe, Belgorod region, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: mara	Galina Pyatykh hija l-Konsulent tal-Gvernatur tar-Reġjun ta' Belgorod u l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Belgorod. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn famiji Russi L-azzjonijiet ta' Galina Pyatykh jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Galina Pyatykh hija responsabli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1543.	<p>Irina Anatolyevna AGEEVA (bir-Russu Ирина Анатольевна АГЕЕВА) (b) Ukren: Ирина Анатолівна АГЕСВА)</p>	<p>Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga Data tat-twelid: 29.12.1976 Nazjonalità: Russa Sess: mara</p>	<p>Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet</p> <p>Irina Ageeva hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Ageeva jksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jksru l-liġi u l-ordni amministrattiva ta' l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Irina Ageeva hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta' l-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1544.	Irina Aleksandrovna CHERKASOVA (bir-Russu: Ирина Александровна ЧЕРКАСОВА)(bl- Ukren: Ирина Олександрівна ЧЕРКАСОВА)	Funzjoni: Il-Kummissarju għad- Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Bataysk, Rostov region, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Irina Cherkasova hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn famijji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Cherkasova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.  Għalhekk, Irina Cherkasova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.20 23

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekkar
1545.	<p>Mansur Mussayevich SOLTAEV (bir-Russu: Мансур Мусаевич СОЛТАЕВ) (b'l-Ukren: Мансур Муссайович СОЛТАЄВ)</p>	<p>Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika ta' Chechen Data tat-twelid: 13.6. 1978 Post tat-twelid: Saratov, eks USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Mansur Soltaev huwa l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tar-Repubblika ta' Chechen. F' dik il-kapaċità, huwa jservi bħala interlokutur ewlieni tal-gvern, li jipromwovi b' mod attiv narrattivi uffiċjali. Mansur Soltaev huwa responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-persekuzzjoni tal-militanti kontra l-gwerra u t-trażżin ta' protesti kontra l-mobilizzazzjoni Russa tat-truppi. Huwa qed jipparteċipa wkoll fid-deportazzjoni ta' persuni ċivili tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" inkluż id-deportazzjoni ta' tfal Ukreni lejn il-kampijiet ta' taħniġ militari fiċ-Ċeċenja. L-azzjonijiet ta' Mansur Soltaev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għallhekk, Mansur Soltaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politik i li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

